**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Mejju, 2025

Rikors Ġuramentat: 373/11AL

**A B**

**vs.**

**C B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru 1568/2001)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur li permezz tiegħu l-attur ippremetta kif ġej:

1. *Illi l-kontendenti f'din il-kawza zzewgu nhar il-15 ta' Settembru 2001;*

[1] Fol. 1.

2. *Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba vjolenza, mohqrija, sevizzi gravi u ingurji da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attur, kif ukoll minhabba inkompatibilita` ta' karattru ta' bejn il-kontendenti;*

3. *Illi miz-zwieg twieldu zewg ulied li llum huma minorenni;*

4. *Illi l-attur gie debitament awtorizzat halli wara l-process ta' medjazzjoni hu jipprocedi permezz ta' din il-kawza ghal separazzjoni personali minn ma' martu;*

*Ghaldaqstant l-attur, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti;*

3. *Tikkundanna l-konvenuta thallas manteniment adegwat ghalih;*

4. *Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet ikkontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attur u l-ohra lill-istess konvenuta, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;*

5. *Tapplika l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante hija l-konvenuta li hija unikament hatja tal-firda minn ma' l-attur u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-effetti kollha tal-imsemmi artikolu fil-konfront ta' l-istess konvenuta;*

6. *Tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni stante illi l-attur m'ghandu jbati l-ebda forma ta' spejjez billi l-firda ma kinitx it-tort tieghu izda tort unikament tal-konvenuta;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta u l-istess konvenuta minn issa ingunta in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru 1568/2001;[2]

Rat id-digriet tal-Qorti tal-1 ta' Novembru 2011[3] li bih iddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-attur jipproċedi b'kawża għas-separazzjoni fit-termini mposti mil-liġi.

Rat ir-risposta ġuramentata[4] tal-konvenuta li fiha ġie eċċepit kif ġej:

1. *Illi filwaqt li l-eccipjenti qed taqbel illi ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti, teccepixxi illi kien l-attur illi bl-agir tieghu unikament wassal sabiex dan iz-zwieg jitkisser irrimedjabbilment u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-proceduri odjerni. Illi ghalhekk, l-eccipjenti m'ghandhiex tbati ebda spejjez ta' din il-kawza.*

2. *Illi ghar-rigward tat-tielet talba tal-attur rikorrenti, jigi eccepiet illi hija m'ghandhiex tigi kkundannata tivversa manteniment ghall-attur rikorrenti, stante li kien hu li bl-agir tieghu wassal biex iz-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilmnet oltre illi l-istess attur ghandu impjieg bi qliegh. Illi ghalhekk din it-talba attrici ghandha tigi michuda in kwantu dak li jirrigwarda hlas ta' manteniment ghalih;*

3. *Illi hemm qbil mar-raba' talba tal-attur dwar xoljiment, likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, b'dana illi kwalunkwe spejjez ghall-hatra ta' esperti ghandhom jigu sopportati mill-attur r-rikorrenti u dan stante illi kien huwa li bl-agir tieghu kien unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-kontendenti. Illi apparti minn hekk u kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri, f'tentattiv sabiex is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti tkun wahda konsenswali, kienu diga' gew inkarigati zewg periti, fuq talba tal-*

[2] Fol. 4.
[3] Fol. 7.
[4] Fol. 17.

*attur, sabiex jevalwaw il-propjeta` formanti l-komunjoni tal-akkwisti, u anke mastrudaxxa espert sabiex jevalwa l-valur tal-mobbli gewwa r-residenza matrimonjali fuq talba ukoll ta' l-attur, u liema stimi sussegwentement ma gewx accettati mill-istess attur;*

4. *Illi l-hames talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur, stante illi ma kinitx l-esponenti li wasslet ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet;*

5. *Illi jigi rilevat illi bir-rispett illi frott taz-zwieg kienu twieldu zewg ulied minuri JJ (11 ta' Ottubru 2004) u KK (29 ta' Novembru 2006) ahwa B. Illi l-esponenti titlob illi l-kura u kustodja tal-imsemmija minuri tigi affidata lilha filwaqt illi l-attur rikorrenti jigi kkundannat ihallas manteniment versu uliedu minuri;*

6. *Salv eccezzjoni ulterjuri.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenuta;

Rat il-verbal tat-30 ta' Marzu 2012[5] fejn il-Qorti appuntat lil Dr Abigail LL bħala perit legali biex tisma' l-provi kollha f'din il-kawża u wara li Dr Critien ġiet elevata għall-ġudikatura, b'digriet tal-15 ta' Marzu 2023,[6] l-istess Qorti appuntat lil Dr Rodianne Sciberras bħala Perit Legali sabiex tgħaddi għar-rapport *stante* li l-provi kienu inġabru kollha quddiem Dr Critien.

Rat in-nota tal-attur tat-30 ta' Marzu 2012[7], in ottemporanza mad-digriet tad-29 ta' Diċembru 2011, fejn elenka il-pretensjonijiet tiegħu fir-rigward: (i) tar-responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ, (ii) il-kura, kustodja u aċċess tat-tfal, (iii) manteniment, u (iv) komunjoni tal-akkwisti;

Rat in-nota tal-konvenuta tat-18 ta' April 2012[8], in ottemporanza mad-digriet tad-29 ta' Diċembru 2011, fejn elenkat il-pretensjonijiet tagħha fir-

[5] Fol. 20.
[6] Fol. 2451.
[7] Fol. 21.
[8] Fol. 24.

rigward: (i) tar-responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ, (ii) il-kura, kustodja u aċċess tat-tfal, (iii) manteniment, u (iv) komunjoni tal-akkwisti;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Ġunju 2014[9] li permezz tagħha l-Qorti laqgħet it-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors tiegħu tal-14 ta' Jannar 2014 u konsegwentement ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16;

Rat ir-rikors tal-15 ta' Frar 2016[10], fejn l-attur talab li t-talba għas-separazzjoni personali tiġi kunsidrata bħala talba għall-ħall taż-żwieġ kif stipulat fl-Artikolu 66F tal-Kap 16 u r-risposta tal-konvenuta[11] fejn opponiet għal din it-talba;

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-provi kollha li ġew mressqa quddiem il-perit legali;

Rat ir-rapport maħluf tal-Perit Legali Dr Rodianne Sciberras, ippreżentat nhar l-4 ta' April 2024;[12]

Rat id-domandi in eskussjoni u r-risposti għall-istess;[13]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur tad-29 ta' Jannar 2025;[14]

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza[15];

Ikkunsidrat

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha stess, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, u *ċioé* riassunt tal-provi kollha

[9] Rik. Nru. 373/11/2AL.
[10] Rik. Nru. 373/11/3AL.
[11] Risposta tal-19 ta' Marzu 2016 a fol. 11.
[12] Fol. 2497.
[13] Fol. 2582, 2594, 2598, 2614.
[14] Fol. 2626.
[15] Verbal tal-14 ta' Novembru 2024 a. fol. 2622.

mressqa mill-partijiet u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit wara li ħadet konjizzjoni tal-atti kollha ta' dan il-każ.

## 1. Ir-Rapport tal-Perit Legali:

Il-Perit Legali Dr Rodianne Sciberras ġiet maħtura biex tirrediġi r-rapport tagħha fl-udjenza tal-15 ta' Marzu 2023 u in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha din rat ir-rikors promotur, ir-risposta ġuramentata u kompliet ir-rapport tagħha bis-segwenti:

*6. Provi u Dokumentazzjoni mressqa mir-Rikorrent:*

*i. Nota guramentata tar-rikorrenti[16] u li permezz taghha jghid li l-Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-intimata li rrendiet ruhha hatja ta' ingurji u sevizzi gravi fil-konfront tar-rikorrent u dan bl-imgieba taghha u tal-familjari taghha li bil-kunsens tal-intimata kienu ddominaw il-hajja matrimonjali taghhom inkluz li fizikament kienu hadu pussess tad-dar matrimonjali, kif ukoll minhabba adulterju da parti tal-istess intimata.*

*Huwa jghid li l-partijiet ghandhom zewg itfal u li fil-prezent il-kura u kustodja hija kongunta b'dana pero` li l-minuri qed jghixu esklussivament mal-Omm peressli r-rikorrent kellu jitlaq mid-dar matrimonjali konsegwenza tal-imgieba abbuziva ripetuta u incessanti tal-intimata fil-konfront tieghu. Ir-rikorrent jghid li huwa qed ikollu access minimu ghall-uliedu billi jmur jarahom darba fil-gimgha ghal mhux aktar minn nofs siegha bl-intimata dejjem prezenti, haga din li hu jsostni, qed taghmel l-access kwazi impossibbli stante li hija ma' kull inkontru li jkun hemm tohloq tensjoni u taghmel minn kollox biex jinholoq diverbju jew argument fil-prezenza tal-minuri. Il-pretensjoni tieghu hu li huwa jibda jarahom f'hinijiet u granet adegwati u precizi sabiex jigi evitati kull inkontru u skontru ma' martu. Hu jispjega li minkejja li talab l-ghajnuna tal-Agenzija Appogg sabiex huwa jkun jista' jezercita access adegwat u f'cirkostanzi li jaffettwaw lanqas lill-minuri, dan ma serva xejn u ma gie registrat ebda progress minhabba l-intransigenza ta' martu u l-karattru volatili taghha.*

[16] Liema nota hija esebita a fol. 21-23 tal-process

*Ir-rikorrent jissottometti illi ebda manteniment m'huwa dovut lill-intimata ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, filwaqt li dwar il-minuri huwa jsostni li qed jghaddi lill-martu s-somma ta' Eur 100 fil-gimgha ghaz-zewgt itfal u qed ihallas ghall-kontijiet kollha tal-komunjoni filwaqt li l-mara m'hi qed thallas xejn minkejja li tiehu l-beneficcji socjali u tahdem ukoll xoghol mhux dikjarat. Finalment huwa jissuggerixxi li jibqa' jhallas l-istess manteniment purche, l-intimata thallas is-sehem taghha mid-djun u jghid li l-Qorti ghandha pendente lite tistabilixxi wkoll f'liema rati ghandhom jibdew jithallsu l-kontijiet kollha l-ohra li jaggravaw il-komunjoni tal-akkwisti.*

*Rigward il-komunjoni tal-akkwisti huwa jelenka s-segwenti:*

*Attiv:*

*a. Id-dar matrimonjali li inbniet fuq art li inxtrat qabel iz-zwieg mill-partijiet flimkien u jsostni li l-bini kollu inkluz il-materjali thallsu minnu qabel iz-zwieg u ghalhekk jikkontendi illi ghandu jigi rifuz l-ammont kollu tal-ispejjez tal-bini u x-xogholijiet l-ohra kollha li huwa ghamel. Dan japplika wkoll ghall-garage kbir li qieghed sitwat that id-dar matrimonjali (interconnected). Hu jsostni li l-partijiet kellhom ftehim qabel iz-zwieg li f'kaz li r-relazzjoni taghhom tispicca, l-intimata hija obbligata tassenja s-sehem taghha mill-propjeta` lir-rikorrent ghall-prezz stabbilit; liema huwa jikkontendenti li huwa Eur 170,000 ghad-dar u Eur 70,000 ghall-garage.*

*b. L-ghamara kollha ta god-dar matrimonjali b'valur ta' Eur 35,000;*

*c. Garage iehor li ukoll jinfed ghad-dar matrimonjali li pero kien inxtara wara z-zwieg b'valur ta' circa Eur 18,000;*

*d. Tliet vetturi wahda minnhom li tintuza ghax-xoghol mir-rikorrent li jahdem bhala self-employed sales man, b'valur komplessiv ta' Eur 30,000;*

*Passiv*

*a. Self mal-Bank of Valletta plc sabiex jinxtara l-garage iz-zghir b'bilanc ta' Eur 30,000;*

*Finalment ir-rikorrent jissuggerixxi pjan ta' qasma, u cioe` li huwa jigi assenjat id-dar matrimonjali bil-garaxx sottostanti tenut kont tal-ftehim milhuq qabel iz-zwieg, filwaqt li l-mara tieghu l-garaxx iz-zghir, l-ghamara kollha li tinsab fid-dar matrimonjali u zewg vetturi mit-tlieta li huma propjeta` taghhom illum. Bhala tpacija, l-intimata tithallas is-somma ta' Eur 40,000 u dan a saldu ta' kull pretensjoni patrimonjali li hija jista' jkollha.*

ii. *L-affidavit tal-attur gie prezentat fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien*[17] *u fih l-attur jirrakkonta kif il-partijiet akkwistaw bicca art gewwa z-Zurrieq ghall-prezz ta' Lm 23,000 ghaliex skontu C xtaqet tkun vicin ommha. Huwa jirrakkonta kif C harget biss is-somma ta' Lm 11,500 ghax ma kellhiex iktar flus u ghalhekk "ftehmna illi x-xoghol kollu ta' bini, gebel, konkos, kontrabejt u x-xoghol iehor inkluz madum, dawl u ilma etc, naghmlu jien a spejjez tieghi bid-dritt pero` li jekk jinqala' xi haga bejnietna jiena nirreklama d-drittijiet tieghi. Bazikament il-ftehim kien illi jekk jien u hi ma nibqghux flimkien, allura jien inkun obbligat nirrifondi s-somma ta' Lm 11,500 lil C filwaqt li d-dar issir tieghi fl-intier" u in sostenn ta' dak li jirrakkonta jipprezenta skrittura li hija mmarkata bhala GG mal-affidavit tieghu. L-iskrittura hija datata 27 ta' Lulju 1999 u tinsab a fol. 815 tal-process.*

*Huwa jkompli jirrakkonta li dak li ftehmu gie attwat u jghid li ha hsieb jibni d-dar kollha mill-art 'l fuq a spejjez tieghu u hafna drabi billi hadem flimkien ma' missier C, biex jaqta' mill-ispejjez. "Dan kien jinkludi x-xoghol kollu sabiex tittella' d-dar, jitqieghed id-dawl u l-ilma, jitpogga l-madum. Min-naha l-ohra kien missier C illi ha hsieb ghat-tikhil u zebgha tal-fond." L-attur jghid li zzewgu ftit wara li tlesta l-post u cioe` f'Settembru 2001 u kien hemm li fi kliemu "l-affarijiet hadu zvolta differenti".*

*L-attur jattribwixxi r-raguni ghat-tifrik taz-zwieg principalment fuq il-fatt li omm martu kienet qisha spiccat tghix maghhom. Huwa jispjega li omm martu kienet "bic-cavetta taqbad u tidhol x'hin trid u kienet hafna drabi torqod id-dar taghna. Kont inhossni mizzewg zewg nisa. Jien lil C kont nghidilha illi jien ma kontx komdu bis-sitwazzjoni illi*

---

[17] A fol. 810 sa 814 tal-process

*ommha kienet qisha qed tghix maghna izda hija kienet dejjem tehodha kontrija ghalhekk." Hu jkompli billi jghid li martu "qisha ma kienx ikollha sigurta` jekk ma tkunx taf fejn qedha ommha u iktar kienet qisha mizzewga lill-ommha milli lili." L-attur jghid li "ommha kienet qisha parti mill-ghamara tad-dar" u dan wassal biex l-affarijiet bejn il-partijiet jibirdu sal-punt li kienu saru qishom zewg barranin.*

*L-attur jirrakkonta wkoll kif maz-zwieg il-karattru ta' martu inbidel, kienu jilletikaw mal-inqas haga u jghix li kienet issir aggressiva fid-diskors, tghajjar u dejjem tispicca tkeccih. Ikompli jghid li anke meta kienu jkunu intimi, martu bdiet ggib ruhha b'mod stramb u kienet tinfaqa' tibki wara l-intimita` u ghalkemm kien isaqsiha ghalfejn qed taghmel hekk, hija qatt ma taghtu "spjegazzjoni veritiera".*

*Huwa jghid kif fl-ahhar tliet snin li pprecedew l-affidavit tieghu, huwa kien jorqod isfel wahdu u ma kienx baqa' djalogu u kuntatt intimu ma' martu u li spiss kien jirritorna mix-xoghol u ma jsibx lill-martu d-dar. Jghid ukoll kif "dan l-ahhar spiccaw omma u nannitha jorqdu fid-dar matrimonjali taghna, jien spiccajt skjav go dari, ma nistax noqghod komdu go dari" u jghid li ma felahx jissaporti iktar dik il-hajja.*

*L-attur jispjega illi meta l-mara kienet tahdem, u kien jasal id-dar qabilha kien issajjar, halli x'hin tigi mix-xoghol issib l-ikel lest u jghid li qatt ma qaltlu fejn kienet qed tmur il-paga taghha, filwaqt li jsostni li huwa kien itiha mill-paga tieghu, apparti li kien ihallas il-loan u l-hrug ghaliex martu kienet tghidlu li ma jservuhiex il-flus.*

*Hu jispjega kif beda jinnota kunfidenza zejda ma' kollega tax-xoghol tal-mara, kif kienet izzomm kuntatt mieghu anke wara li dal-individwu ma baqax jahdem fl-istess post, u kif darba waqt weekend break, dal-individwu inzerta fl-istess lukanda u anke baghat qoffa frott u flixkun inbid fil-kamra taghhom u jammetti li kien ghalhekk li huwa ghamel pressjoni fuq martu biex titlaq mix-xoghol. Hu jghid pero` li martu ma telqitx mix-xoghol u waqfet biss wara li twieled l-izghar wild ghalkemm kienet haditha kontrih ghax kienet issostni li kien hu li sforzaha biex tieqaf u minn hemm l-affarijiet iggravaw hafna u*

*specifikatament jghid "minn dak il-mument 'l hemm jien sirt ingombru ghaliha u qisni xi oggett zejjed u ta' xkiel."*

*L-attur jghid li martu bdiet tabbuzah verbalment, anke quddiem l-ulied u ommha li dejjem kienet tkun prezenti u bdiet tippretendi li jibqghu bl-istess stil ta' hajja anke jekk issa kienu b'paga wahda, tant li hija anke haditlu xi flus bil-mohbi u wara li kien induna, bdiet tinsisti li terga' tohrog tahdem. Fl-istess zmien skontu, martu bdiet tinsisti li t-tfal jorqdu fl-istess soda maghhom u dan anke jekk it-tabib tal-familja ukoll kien gibdilha l-attenzjoni li dan m'ghandux jibqa' jsehh.*

*Huwa adirittura jsostni li martu kienet immexxijja minn ommha, u li ommha riditha bhalha, u li meta darba fetah qalbu ma' missier martu, dan qallu "ghix hajtek u taghtix kaz, dik mignuna bhal ommha." Jispjega kif l-intimata ma kinitx thallih jiehu lit-tfal ghand ommu u dejjem tghidlu kontra ommu anke jekk din ghamlet hafna maghhom, specjalment meta l-intimata marret lura ghax-xoghol u ommu kienet tmur id-dar filghodu kmieni biex toqghod mat-tfal.*

*Huwa jiddiskrivi s-sitwazzjoni tad-dar bhala insapportabbli u li r-regola kienet glied kontinwu u li ommha l-intimata kienet dejjem tkun id-dar. Skont l-attur din tal-ahhar flok kienet tghin is-sitwazzjoni "kienet aktar tkebbes in-nar" u jghid li kien ghal dawn ir-ragunijiet kollha illi huwa hareg mid-dar matrimonjali u mar jghix ghal rasu.*

*Jiddiskrivi kif meta inbeda l-process tas-separazzjoni, martu bdiet tohrog filghaxija, tmur id-disco u anke jixhed kif meta gieli dahal id-dar, sab il-kompjuter mixghul u llogjat fuq il-facebook taghha u hu ra konversazzjonijiet ma diversi irgiel, liema huwa annetta mal-affidavit tieghu bhala Dok GG1 sa Dok GG4*[18]*.*

iii. *L-attur prezenta wkoll:*

[18] A fol. 816-839 tal-process

*a) kopja tal-kuntratt tal-akkwist, in atti tan-Nutar Q Bugeja, tal-art li fuqha inbniet id-dar matrimonjali li gie mmarkat bhala Dok GG5*[19]*;*

*b) stima tal-Perit Anton Zammit tax-xogholijiet li saru fid-dar matrimonjali u li jinkludu xoghol ta' kostruzzjoni u ta' finishing, liema giet mmarkata bhala Dok GG6*[20]*;*

*c) stima tal-ghamara maghmula mill-mastrudaxxa EE FF, li giet immarkata bhala Dok GG7*[21]*. Il-partijiet qablu dwar din l-istima u vverbalizzaw il-posizzjoni taghhom fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Lulju 2012 quddiem Dr Abigail Critien.*[22]

iv. *Fis-seduta tal-15 t'April 2013 quddiem Dr Abigail Critien, l-attur prezenta s-segwenti dokumenti:*

*a) DVD li gie mmarkat bhal Dok X*[23] *li jikkontjeni video u recordings mehudha minnu, b'kollox erba' CDs;*

*b) Chats mehudha mill-profil tal-facebook ta' martu ma' certu II P mmarkati bhala Dok Y*[24]

*c) Chats mehudha mill-profil tal-facebook ta' martu ma' certu Z AA mmarkati bhala Dok Z*[25]

v. *Fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2014 quddiem Dr Abigail Critien, l-attur tramite l-avukat tieghu prezenta numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok XA1 sa Dok XA39*[26]*, relatati mal-ispejjez li l-attur inkorra qabel iz-zwieg u li intefqu fid-dar matrimonjali. Fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015, l-avukat tal-intimata ezentat lill-attur milli jtella' xhieda jikkonfermaw il-veracita` tad-dokumenti u ricevuti ezebiti minnu.*

vi. *Fis-seduta tal-11 ta' Frar 2015 quddiem Dr Abigail Critien, l-attur ezebixxa sett ta' ritratti li juru lilu u lill-missieru jibnu d-dar matrimonjali li tlestiet qabel iz-zwieg; liema gew mmarkati bhala Dok GGA1 sa Dok GGA8.*[27]

---

[19] A fol. 840 tal-process
[20] A fol. 849 tal-process
[21] A fol. 851 tal-process
[2222] A fol. 809 tal-process
[23] A fol. 1287 tal-process
[24] A fol. 1288 et seq tal-process
[25] A fol. 1348 tal-process
[26] A fol. 1609-1647 tal-process
[27] A fol. 1658-1665 tal-process

*vii. Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 quddiem Dr Abigail Critien, l-attur ezebixxa affidavit ulterjuri[28] tieghu. Hu jibda billi jghid li skontu z-zwieg tfarrak ghaliex martu ghandha karattru difficli hafna u jrid dejjem isir dak li trid hi bilfors u dan oltre ghall-fatt li sa minn meta l-partijiet kienu ghadhom gharajjes hija kellha diversi relazzjonijiet ma' rgiel ohra.*

*L-attur jixhed kif "l-idea taghha ta' zwieg hu li tghix hajja ta' single u allahares xi hadd ma jaqbilx maghha. Kull darba li kont ma naqbilx maghha fuq xi haga, hi xorta kienet taghmel li trid hi izda bil-mohbi tieghi." Hu jmur lura minn meta bdew johorgu flimkien u jispjega kif C telqet mill-iskola ta' sittax-il sena u bdiet tahdem inizzjalment bhala cleaner u sussegwentement ommha rrangatielha biex bdiet tahdem l-SGS. Hu jghid kif minn qabel iz-zwieg kellu suspett li hija kellha wicc haddiehor izda jghid li meta kien jistaqsiha hi dejjem ikkonvincietu li t-terz kien semplici kollega tax-xoghol. Dan it-terz kien BB CC li anke xehed fil-proceduri odjerni. L-attur jirreferi ghac-chats li ezebixxa huwa stess bejn l-imsemmi BB CC u martu f'liema hemm diskors ta' natura sesswali. Huwa jispjega wkoll kif gie a konoxxenza ta' tali chats u anke ohrajn u kif meta gieli staqsa lill-intimata dwar l-irgiel in kwistjoni hija kienet tghidlu li dawk huma hbieb biss.*

*Huwa jitkellem fuq meta gew it-tfal, u jghid li z-zewg loans kienu gja mhallsa mat-twelid tal-ewwel wild, kif ukoll li martu ma riditx tieqaf mix-xoghol biex irabbu t-tfal huma flok in-nanniet.*

*L-attur jispjega kif l-intimita` bejn il-partijiet qatt ma kienet tajba sa mill-bidu taz-zwieg, u kif "kont inhoss li ma tridnix u ma tridx ikollha x'taqsam mieghi. Jien kont nuri x-xewqa tieghi li nkunu intimi izda hi dejjem b'xi skuza u jekk ikollna x'naqsamu flimkien, kienet tinfaqa' tibki wara."*

*Jerga' jispjega li martu wara li waqfet mix-xoghol kienet tisraqlu l-flus tax-xoghol u meta kien jaffrontaha kienet tghidlu li qed jiggennen u li ma jafx jghodd u kien biss meta qalilha li ser imur ghand avukat biex jinbeda l-process tas-separazzjoni li hija ammettiet u riedet trodd il-flus lura. A B jkompli jixhed kif martu kienet taghmel djun mal-hwienet minn*

[28] A fol. 1703-1713 tal-process

*wara dahru u meta darba cemplitlu wahda minnhom, martu ammettiet li kien fadlilha xi haga zghira xi thallas lil din il-persuna.*

*L-attur jerga' jixhed dwar il-fatt li martu kienet tahli hafna dawl u ilma apposta u ghalxejn kien jigbdilha l-attenzjoni ghaliex kienet tghidlu biex ma jindahalx. Is-sitwazzjoni baqghet l-istess meta inbdew il-proceduri odjerni, tant li huwa jsostni li tul il-mori tal-kawza, il-provvista giet sospiza f'iktar minn okkazjoni wahda, anke jekk skontu C kien jirnexxielha tirranga biex din terga' titqabbad.*

*Ix-xhud jixhed dwar kif skontu martu dawret lit-tfal kontrih billi kienet ittihom kulma jridu u jghid li minkejja l-ordni tal-Qorti l-access tieghu kien dejjem bil-problemi anke ghaliex martu kienet anke illetikat ma' haddiema tal-Appogg.*

*Fir-rigward tal-fond matrimonjali, jerga' jghid li ghalkemm l-art inxtrat qabel iz-zwieg, pero` l-binja u l-materjali kollu hallas ghalih hu u jerga' jirreferi ghall-iskrittura li giet iffirmata bejn il-partijiet quddiem in-Nutar Bugeja fis-27 ta' Lulju 1999. Hu jghid li l-post inbena minn missieru u kien imur jghinu hu, u jixhed li missier C kien mar biss darba biex bajjad il-post minn gewwa. Jispjega li hemm garage taht id-dar u li jinfed mad-dar u li dan huwa tat-tnejn, kif ukoll li hemm garage iehor li jmiss mad-dar.*

*L-attur isostni li fil-propjeta` hemm oggetti u ghamara b'valur ta' iktar minn Eur 60,000 u jerga' jikkonferma l-ircevuti tal-ispejjez li huwa nefaq sabiex inbniet fid-dar bil-gurament tieghu. Hu jispjega li fuq id-dar kien hemm loan mal-Bank of Valletta plc li thallas minnu wahdu anke wara li telaq mid-dar, u li b'kollox kien hallas Eur 5,190 u jghid li ghandu jigi rifuz nofs l-imsemmija hlasijiet. Jispjega wkoll li huwa kompla jhallas ghall-kontijiet tad-dawl u ilma anke wara li telaq mid-dar matrimonjali u baqa' jhallas l-istess sa Marzu 2013 u jsostni li martu ghandha tirrifondih nofs is-Eur 6,867.09 li huwa hallas.*

*L-attur prezenta stima maghmula mill-Perit J. Ellul Vincenti f'Settembru 2011 tal-propjetajiet immobbli.*[29] *Huwa jerga' jezebixxi l-istima*[30] *redatta mill-Perit Anton Zammit ghall-bini tad-dar matrimonjali li huwa jsostni li sar minnu u minn missieru.*

*Jitkellem ukoll fuq il-karattru ta' martu bhala li tisfida u jaccenna ghall-fatt li minkejja l-ordni tal-Qorti biex thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, sal-lum hija ghadha ma hallset xejn, u jghid li sal-25 ta' Dicembru 2015 l-ammont dovut lill-ARMS Ltd kien jammonta ghall-Eur 8,759.96.*[31] *Hu jispjega wkoll lif l-ARMS Ltd fethu proceduri kontrih stante li l-metre ghadu fuq ismu u martu baqghet m'ottemperatx ruhha mal-ordni tal-Qorti u finalment jghid li sar jaf li martu dahlet metre separat fid-dar matrimonjali, minghajr il-permess tieghu billi tat isem iehor u cioe` nizzlet 'Plot 2' minflok l-isem tad-dar u cioe` 'Chargod'.*

viii. *B'nota tat-23 ta' Frar 2016*[32]*, l-attur intavola affidavit a tenur tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

ix. *Fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2016 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien, rega' xehed l-attur fejn ezebixxa kopja tal-mandat ta' deskrizzjoni*[33] *b'elenku tal-mobbli gewwa d-dar matrimonjali.*

x. *Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2020, l-attur xehed in kontroezami, quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien. L-attur ikkonferma li l-ircevuti tal-Archwood huma datati wara z-zwieg. Jghid li la l-ircevuta tal-Ablan qieghda fuq ismu, mela hallasha hu u meta kkonfrontat bit-transfers mill-kontijiet bankarji jghid li jrid jara d-dati ghaliex kienu jsiru diversi transazzjonijiet bejn il-kontijiet tal-partijiet. Jghid li hu kien jaghti l-flus cash lil C imbaghad hi taghmel transfer u thallas bihom. Jghid li l-joint account infetah wara u jidhirli u li nfetah habba l-loan. Jibqa' jsostni li hu kien jghaddi l-flus cash lil C imbaghad hi thallas mill-bank u jghid li ma kinux jaghmlu rcevuti bejniethom.*

---

[29] Liema hija mmarkata bhala Dok AA2 u li tinsab a fol. 1712 tal-process
[30] Liema hija mmarkata bhala Dok AA3 u li tinsab a fol. 1713 tal-process
[31] Hu ezebixxa Dok AA1 li jikkonferma dan l-ammont u li jinsab a fol. 1711 tal-process
[32] A fol. 756 tal-process
[33] Liema gie mmarkat bhala Dok GGA1 u li jinsab a fol. 1718-1720 tal-process

*Huwa jikkonferma l-firma tieghu fuq skrittura ffirmata bejn il-partijiet li tikkonferma li l-intimata harget Lm 11,676 li kienet tinkludi anke t-taxxa fuq il-post, anke jekk precedentement huwa kien sostna li t-taxxa hallasha hu.*

xi. *Huwa rega' xehed in kontroezami, quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien, fis-seduta tat-30 t'Ottubru 2020*[34]*. Hu qabel li l-ircevuta ta' Archwood kienet tal-mastrudaxxa u affarijiet tal-injam tad-dar izda ma qabilx li dak x-xoghol sar fiz-zwieg. Isostni li meta zzewgu l-partijiet l-ghamara kienet lesta, hlief ghall-puggaman. Jghid li l-bibien kienu imhallsin u lesti. Meta kkonfrontat bil-fatt li uhud mill-ircevuti huma datati 2009 meta huma zzewgu fis-sena 2001 huwa jsostni li dawk l-ircevuti mhux kollha, u li hemm bi Lm 15,000 f'ircevuti. Meta muri d-dati tal-ircevuti uhud minnhom 2006, l-attur isostni "mhux bqajt inhallas xi pagamenti mela?!" Dwar l-ircevuta tal-madum, fl-ammont ta' Lm 1,078 huwa jghid li jekk hemm it-transaction li turi li giet imhallsa minn C, mela huwa mhux se jmeri; l-istess fir-rigward tal-ircevuta tal-banju tal-accessorji fl-ammont ta' Lm 670. Imbaghad izid li huwa kien ikollu "l-flus cash u konna nhallsuhom mit-transactions mill-bank. Konna nahdmu hekk bejnietna." Meta mistoqsi fuq l-joint account jikkonferma li kellhom wiehed mal-Bank of Valletta plc. Jghid li ma jiftakarx jekk ikunx taha xi cash. Jghid li "hi kienet tahdem mal-SJS u kienet tidhol fil-kont tal-bank il-paga taghha. Issa hi biex ma toqghodx tigdeb, jien kien ikolli l-cash f'idi, intiha l-cash u konna nahdmu bil-kont taghha daqqa dak, daqqa bil-BOV. Transactions online, inhallsu loan." Jghid li ma jaqbilx C hallset Lm 400 mill-ircevuta tal-aluminium.*

*Jikkonferma li l-file tal-ircevuti hadu hu mid-dar u jghid li prezentah. Mistoqsi jekk kienx hemm ricevuti ohra jghid li ma jidhirlux. Jikkonferma li ha xi albums tar-ritratti mid-dar, inkluz tal-missirijiet jahdmu fid-dar. Jghid li fix-xhieda taghhom, huma semmew li missierha ukoll kien imur jahdem imbaghad jghid li missierha kien jigi ghal kafe u li kien missieru li kien jibni, li hadem it-tibjid u l-kisi, li missieru kien bennejn, dawl u ilma u madum ghamluh kollu huma u missieru. Jikkonferma li missier C gieli kien jghin fil-konkos.*

[34] It-transcript madanakollu hija datata 29 t'Ottubru 2020

*xii. L-attur kompla jixhed in kontroezami fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2020, dejjem quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien. Meta mistoqsi jekk kienx gab mieghu r-ritratti li intalab fis-seduta precedenti, jghid li ma kienx hemm ftehim li kellu jiccekkja u jghid li ser jiccekkja.*

*Fir-rigward tal-ircevuti li jidhru fuq ismu, izda li thallsu minn C, jerga' jirribadixxi illi huwa kien itiha flus cash u kienet thallas mill-kont bankarju taghha. Meta gie suggerit lilu li anke l-paga tieghu kienet tidhol il-bank, huwa jichad. Meta muri statements*[35] *tal-kont kongunt tal-Bank of Valletta li beda qabel iz-zwieg u gie suggerit lilu li l-pagi taz-zewg partijiet kienu jidhlu fl-istess, huwa jwiegeb li gieli kien jaghmel deposit. Meta gie suggerit lilu li kien hemm qbil li kollox jithallas nofs bin-nofs, jichad dan. Jghid li hu kien ilu jahdem ghal rasu u C kienet tahdem l-SGS u kienet ghadha tibda u anke jirreferi ghall-iskrittura li saret quddiem in-Nutar Q Bugeja. Mistoqsi jaqbilx li l-iskrittura tirreferi ghall-gherusija u mhux wara z-zwieg, hu jwiegeb "ahna rigward id-dar qeghdin nitkellmu u fuq il-flus ta' qabel iz-zwieg" u jkompli jghid "illi miktub kollox fil-kuntratt x'ghamilt jien u x'harget hi cara u tonda…hi tiehu l-flus li kienet harget tal-art f'kaz li l-gherusija tisfaxxa u l-kumplament jaqa' fuqi." Jghid li ma jaqbilx li l-affarijiet li baqghu jithallsu minnha mhumiex inkluzi.*

*xiii. Fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2022, dejjem quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien, il-konvenut rega' xehed in kontroezami. Mistoqsi dwar ic-chats ezebiti minni, jghid li ma jafx jekk kienx hemm investigazzjoni u jghid li C bdiet tghid li giet hacked wara xi zmien, pero` wara d-dati tac-chats li hu jghid li gab minn fuq il-kompjuter tad-dar.*

*Mistoqsi dwar l-ircevuti ta' Robba Construction, jikkonferma li dawn huma zijiet tieghu u ghalfejn ma tellahomx jikkonfermawhom bil-gurament, l-attur sostna li ma kienx hemm raguni ghalfejn ma tellahomx.*

*Mistoqsi in riezami tul l-istess seduta, biex jaghti update dwar il-kwistjoni tad-dawl u l-ilma, l-attur jghid li l-ARMS Ltd ghamlulu sekwestru anke jekk skont l-ordni tal-Imhallef kellha thallashom C u hu jsostni li ngibdulu Eur 22,041.89 f'dan ir-rigward. Hu prezenta*

[35] Immarkati bhala Dok LPA1 sa Dok LPA9 u li jinsabu a fol. 2095-2103 tal-process

*dikjarazzjoni*[36] *fl-imsemmija seduta u qed jitlob li l-Qorti tehodha in konsiderazzjoni meta tasal ghall-qasma tal-assi. Mid-dokumenti ezebiti minnu jirrizulta li l-ARMS zbankaw mill-Qorti s-somma ta' Eur 11,700;*[37]

*L-attur jghid li kif infetah il-kawza ta' separazzjoni, missier l-intimata kien offrielha li tmur tghix go maisonette tal-familja u C rrifjutat u baqghet tghix fid-dar matrimonjali.*

7. *Provi u Dokumentazzjoni mressqa mill-Intimata:*

i. *Nota guramentata tal-intimata*[38] *permezz ta' liema hija tikkontendi illi l-Qorti ghandha tippronuncja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet attribwibbli lir-rikorrent. Hija ssostni illi zewgha qabad kumpanija huwa beda johrog wahdu kull nhar ta' Gimgha u nhar ta' Sibt u ma jidholx id-dar qabel l-erbgha ta' filghodu. Hi tallega li b'konsegwenza ghal tali kumpanija, zewgha beda anke jabbuza minn sustanzi u l-komportament tieghu inbidel radikalment, tant illi ma baqax ifittex lill-familja tant li hija tallega li huwa anke beda relazzjoni intima ma' certa GG HH ma' min ghadu sal-lum. L-intimata tiddikjara illi huwa telaq md-dar matrimonjali fit-18 ta' Gunju 2011, lejliet l-ewwel tqarbina tal-wild JJ, u mar jghix mas-siehba tieghu gewwa propjeta` ta' missieru f'Hal Tarxien.*

*Rigward il-kura u l-kustodja, hija tghid li huwa pacifiku li sakemm giet intavolata n-nota kienet kongunta u li z-zewgt itfal jghixu maghha u ssostni li zewgha qed jaghzel li ma jarax lill-uliedu anke jekk huwa jmur ta' kuljum fil-garaxx li d-dar ghandhom in komun u li jinsab sottostanti ghar-residenza matrimonjali ghal ragunijiet ta' xoghol. Hi tghid li hu jaghzel li ma jaghmilx kuntatt maghhom permezz tat-telefon jew internet anke meta l-minuri jkunu morda u tghid li minflok huwa jaghzel li jmur fid-dar matrimonjali matul il-lejl u fis-sighat bikrin ta' filghodu meta kulhadd ikun rieqed sabiex jivvessa, jimmolesta u jahsad lil kulhadd apparti li jista' jkun li ghandu motivi ulterjuri.*

---

[36] Liema giet mmarkata bhala Dok GGG1 u tinsab ezebieta a fol. 2439 tal-process
[37] Ara d-dokumenti ezebiti a fol. 2442-2448 tal-process
[38] Liema nota hija esebita a fol. 24-27 tal-process

*Hi tispjega li r-rikorrent jaghzel li jmur fir-residenza matrimonjali meta ma jkun hemm hadd sabiex jiehu affarijiet, nonostante illi huwa kien obbliga ruhu quddiem il-Magistrat Claire Zammit Stafrace*[39] *illi ma jiehu ebda mobbli mir-residenza matrimonjali jekk mhux b'awtorizzazzjoni. L-intimata ssostni wkoll li huwa jaghzel li jmur fid-dar ukoll meta hija tkun wahidha u dejjem jirnexxielu johloq tensjoni u argumenti tant li l-pulizija tal-ghassa taz-Zurrieq huma konxji tas-sitwazzjoni matrimonjali bejn il-kontendenti.*

*L-intimata tghid li zewgha ghazel li jittermina r-relazzjoni tieghu ma' uliedu hesrem u ghall-perjodu twil kien irrifjuta li johroghom u llum il-minuri jirrifjutaw li jmorru mieghu u li huwa jarahom b'mod limitat fuq ghazla tieghu. Hija tghid li JJ ra lill-missieru ma' mara ohra u dan qed jikkrea tensjoni fil-wild, tant li hija kellha tirrikorri ghall-ghajnuna ta' psikjatri u psikoterapisti u fuq rakkomandazzjoni tal-istess therapist bdiet tiehu lit-tfal ghall-attivita` tal-football sabiex bl-energija illi jahlu, ikunu jistghu johorgu r-rabja li ghandhom fis-sitwazzjoni u ssostni li anke l-haddiema tal-Agenzija Appogg waslu ghall-konkluzjoni li l-minuri jhossuhom frustrati u rrabjati ghal missierhom u sussegwentement ghalqu l-kaz. Hi tikkontendi ilSS l-access ghandu jkun stabbilit b'hin u gurnata u li jkun supervizjonat u titlob li l-kura u kustodja tigi fdata lilha.*

*Fir-rigward ta' manteniment, hija ssostni li m'hemm ebda dekadenza fil-konfront taghha stante li la gie kommess adulterju minnha u lanqas ma abbandunat lil zewgha jew lill-familja u fil-fatt tikkontendi li kien ir-rikorrent li kkommetta kemm adulterju u kemm abbandun. Hija tghid li hija mara tad-dar fuq bazi full time u ma tistax tahdem peressli li qed trabbi liz-zewg ulied minuri u dan oltre ghall-fatt li JJ ghandu problemi ta' litterizmu u hija tiehdu ghal-lezzjonijiet privati tliet darbiet fil-gimgha u qed taghmillu investigazzjonijiet ghal xi kundizzjoni li jista' jkollu u dan fid-dawl tal-fatt illi huwa ghandu nuqqas ta' koncentrazzjoni u thyroid baxxa. Il-minuri jattendi ghal counselling darba fil-gimgha u ghand il-psikjatra darba kull xahar u jattendu football kull gimgha.*

*Hi tikkonferma li r-rikorrent ihallas il-kontijiet ghas-servizzi tad-dawl u ilma, u l-istess kont ikopri wkoll il-garaxx li juza' l-intimat f'liema hi tghid li zewgha jiccargja friza tal-van tax-*

[39] Verbal datat 17 ta' Jannar 2012, a fol. 93 tal-process 373/2011/1

*xoghol tieghu u anke juza' l-ilma ta' kuljum. Hi ssostni li l-kontijiet tat-telefon, cable u internet u gas qed taghmel tajjeb ghalihom fl-intier taghhom hi, flimkien mal-ispejjez kollha ta' tobba, medicine u spejjez ta' edukazzjoni taz-zewgt itfal.*

*L-intimata tikkontendi li l-Eur 100 fil-gimgha li jivversa zewgha mhux bizzejjed, anke fid-dawl tal-fatt li hija m'ghandhiex introjtu u ghalhekk qed tispicca taghmel debiti ma' membri tal-familja taghha u tikkontendi li l-manteniment ghandu jigi awmentat ghall-Eur 200 fil-gimgha ghaz-zewg ulied minuri.*

*Il-mara tissuggerixxi li hija m'ghandha thallas ebda kontijiet ghal servizzi ta' dawl u ilma pendente lite u li ghandha tircievi manteniment ghaliha minghand zewgha.*

*Fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti hija tikkontendi:*

*Attiv:*

*a) Residenza matrimonjali b'valur ta' Eur 170,000;*

*b) Garage sottostanti ghar-residenza matrimonjali b'valur ta' Eur 70,000;*

*c) Garage zghir magenb ir-residenza matrimonjali b'valur ta' Eur 18,000;*

*d) Ghamara fir-residenza matrimonjali l-valur ta' liema huwa ta' Eur 35,000;*

*e) Tliet vettura bil-valur komplessiv ta' Eur 40,000;*

*f) Investimenti ma' DBR Investments*

*Passiv*

*a) Dejn ta' Eur 3,000 mal-Bank of Valletta plc dwar liema hija tikkontendi li ma taf xejn;*

*Finalment hija tissottometti illi l-iskrittura li jirreferi ghaliha r-rikorrent, liema hija datata 27 ta' Lulju 1999 kellha tkun valida biss f'kaz illi tigi mhassar l-gherusija, liema qatt ma thassret u ghalhekk hija tipproponi li hija tigi assenjata d-dar matrimonjali bl-ghamara b'kollox, u l-garage sottostanti l-istess residenza. Hija tipproponi li tigi assenjata l-vettura tal-marka Toyota filwaqt li zewgha jigi assenjat iz-zewg vettura l-ohra u l-garage iz-zghir u bhala tpaccija hija thallas lil zewgha Eur 38,000 a saldu ta' kull pretensjoni li jista' jkollu. Filwaqt*

*li l-investimenti ma' DBR Investments ghandhom jinqasmu f'ishma ugwali bejn il-kontendenti.*

ii. *L-attrici xehdet permezz tal-affidavit taghha*[40] *li gie ezebit fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2018, hija tibda billi tirrakkonta fuq iz-zmien li ltaqghet mal-attur u tghid li damu seba' snin gharajjes. Tghid li wara sena mill-frekwentazzjoni A mar jghix ghandhom fir-residenza tal-genituri taghha u kien trattat bhala wiehed tal-familja. Kien iqum, jiekol u jorqod hemm u bilkemm kien imur ghand ommu u missieru. Dak iz-zmien it-tnejn kienu jahdmu.*

*Tirrakkonta kif fi Frar 1999 xtraw plot biex fuqha jibnu r-residenza matrimonjali taghhom u tghid li kienu qablu li jixtruha bi shab. Tghid li fl-istess sena, fis-27 ta' Lulju 1999 kienu ffirmaw skrittura privata li A kellu jibni l-post a spejjez tieghu, inkluz materjal ta' bini, madum, dawl u ilma u li f'kaz li tithassar l-gherusija hi kellha tghaddi n-nofs taghha tal-plot lilu, ghall-prezz ta' Lm 11,500. Tirrakkonta kif huma baqghu flimkien u tghid li huma bdew u ghammru d-dar flimkien u nefqu l-ispejjez nofs bin-nofs. Tghid li d-dar hadet sentejn biex tlestiet minn kollox u tghid li oltre ghall-fatt li hi kienet thallas ghal nofs l-ispejjez ghax-xoghol u l-materjali, kienet titla' kuljum bejn ix-xoghol taghti daqqa t'id. Tghid li anke missierha kien jghin waqt il-bini, waqt it-twittija tal-konkos tas-soqfa u li kien missierha li kahhal il-post kollu u bajjdu u ghamel l-appoggi. Tghid li ghat-tikhil u tibjid, missierha kien hallas tal-materjal ukoll. Tispjega li l-Perit QQ RR ghamel stima*[41] *tax-xoghol li sar minn missierha bir-rati taz-zmien li saru fih, u dawn jammontaw ghall-Eur 9.842.53. Tghid ukoll li zijuha kien haffer l-bir sottostanti l-garage u bl-istess mod ma thallasx. Tichad li kien missier l-attur li beda d-dar taghhom u tghid li kulhadd kien jghin.*

*L-intimata issostni li ghall-post hi harget Lm 11,676 sat-30 t'Awwissu 1999 u prezentat skrittura li tidher ffirmata miz-zewg partijiet*[42]*, u li mill-kont bankarju taghha hi hallset ghall-aperturi tal-aluminium ta' barra fl-ammont ta' Lm 400, l-ammont ta' Lm 1,087 ghall-madum tal-art, Lm 670 ghall-kamra tal-banju u dan minkejja li l-ircevuti saru f'isem A. Similarment hi ssostni li certu spejjez bhall-appSSnces mixtrija mill-APLAN thallsu mill-*

[40] Li huwa mmarkat bhala Dok CGX1 u li jinsab a fol. 1755—1763 tal-process

[41] Li tinsab a fol. 1810-1816 tal-process

[42] A fol. 1829 tal-process

*kont kongunt fejn il-partijiet kienu jitfghu l-pagi taghhom, anke jekk l-ircevuti jinsabu fuq isem A. Tghid ukoll li tul iz-zwieg baqghu jimlew id-dar bhal bibien ta' gewwa u l-ghamara kollha, salv ghall-kcina u l-bedroom.*

*Tghid li l-genituri taghha tawha dota shiha konsistenti fi kristalli, borom, platti, affarijiet tal-kcina, bjankerija, linef u brazzi tal-kristall, kwadri u salott meta huma kienu biddlu d-dar. Tghid kif tul iz-zwieg inxtraw tliet vetturi, vann tal-friza li jahdem bih l-attur, vettura Subaru Legacy li jsuq l-attur u Toyota Ractis li ssuq hi. Tghid li l-vettura li jsuq A tiswa' hafna iktar minn dik li ssuq hi u li inxtrat gdida ghall-Eur 37,000. Tispjega li tul iz-zwieg zewgha kellu investiment mad-DBR li llum qed jigu amministrati minn Aequetas Legali stante li min kien jiggestihom kien gie nieqes u tghid li zewgha qatt ma qalilha kemm investa u tahseb li llum huwa qalibhom fuq missieru.*

*Skont l-intimata, zewgha inbidel mat-twelid tal-ewwel wild, f'Ottubru 2004 u tghid li ma kienx jiehu gost li kienet taghti l-attenzjoni lit-tarbija, tirrakkonta li kien ikun irid li johorgu u jsiefru wahidhom minghajr it-tifel u dan ma kienx possibbli ghaliex ommha diga' kienet qed taghmel hafna maghhom meta zzomm it-tifel waqt li jkunu xoghol, ma setghetx titlobha wkoll li zzomm it-tfal fi tmiem il-gimgha. Tirrakkonta li KK, l-izghar wild, ma kienx pjanat u li mat-twelid tieghu l-attur aktar beda jgerger li ma kellux attenzjoni daqs it-tfal. Kien igorr anke jekk issajjar ikel differenti ghalihom. Tghid li r-relazzjoni intima taghhom baqghet regolari, u kien ifittixiha, pero` fl-ahhar hames xhur tal-konvivenza kienu bdew jaqbduha infezzjonijiet regolarment tant li t-tabiba riedet li A imur il-klinik ghal xi testijiet, izda hu rrifjuta.*

*Tghid li hija baqghet tohrog ghax-xoghol sakemm KK kellu tliet snin u ommha kienet izzommilha t-tfal biex hi setghet tahdem u tghid li ommu kienet tigi biss ghal xi siegha meta hi kienet tkun daharha mal-hajt u ma tistax taghmel mod iehor. Tghid li l-kunjata qatt ma kienet tkun trid li tiehu lin-neputijiet d-dar ghax kienet tghid li oht A, D kienet tippreferi annimali mit-tfal, id-dar.*

*Tghid li A kien beda jinsisti li tieqaf mix-xoghol u tghid li kien jghidilha li jekk ha tibqa' tahdem kienet ser tkisser iz-zwieg. Hu kien jinsisti li t-tfal ghandhom jitrabbew minnhom*

*mhux min-nanniet u kien jinsisti li la d-djun mal-banek kienu mhallsin, kien ikun ahjar li tieqaf mix-xoghol u fil-fatt hi telqet mix-xoghol fis-sena 2010.*

*L-intimata tispjega kif lejn l-ahhar tas-sena 2010 huwa beda johrog wahdu, inizzjalment bl-iskuza li kien ikollu xi ikla tax-xoghol u f'Jannar 2011 kien qalilha li ghogbitu l-idea li jibda johrog wahdu nhar ta' Gimgha. Tghid li meta kienet tgorr dwar dan, kien jghidilha affarijiet bhal li xeba' li jien ma nohrogx mieghu, li huwa ried igawdi issa u mhux meta jikbru t-tfal ghax ikun xjah. Kien jghidilha wkoll li jekk tarah ma' xi mara ohra ma kellhiex ghalfejn tiftah halqha ghaliex nhar ta' Gimgha johorgu grupp ta' hbieb kemm nisa u kemm irgiel. Hi tispjega li bdiet tisma' xnieghat fuq zewgha, inkluz li qed jiffrekwenta bars u li kien ikun fil-prezenza ta' nisa u tghid li gieli marret tfittxu bil-karozza izda li qatt ma sabitu. Hi tkompli x-xhieda taghha billi tghid li meta kienet tistaqsih fejn kien mar ghal dawk is-sighat kollha, qatt ma taha sodisfazzjon u kien jghidilha li mhux affariha.*

*Hi tghid li llum taf li fl-ahhar xhur zewgha kien ikun fid-dar ta' certa GG HH u huwa ghalhekk li hija qatt ma setghet issibu meta kienet tohrog tfittxu; tant, li ssostni li meta telaq mid-dar matrimonjali huwa mar jghix mal-istess GG HH fil-maisonette ta' missieru gewwa Hal Tarxien u tghid li kienet rathom hergin minn hemm hi stess, meta kienet m'ommha.*

*C B tghid li zewgha ma kienx itiha sodisfazzjon dwar kemm kien jaqla' flus u li kien anke dawwar l-indirizz tal-kontijiet bankarji fuq ir-residenza tal-genituri tieghu. Ommu kienet allegatament tghidilha li meta jmur ghandha ma kinitx tisma' hossu ghax kien jintefa' fuq l-kompjuter u ma jiccaqlaqx. Tghid li A beda jmur ghand ommu ta' kuljum bejn is-6pm u l-10pm bl-iskuza li kien imur biex jaghmel ix-xoghol ta' LL, ghaliex kien bidel ix-xoghol. Hi pero` tghid li hu kien beda jahdem mal-pastizzerija ta' LL u l-hinijiet tax-xoghol tieghu kienu bejn il-5am u l-11am.*

*Hi tichad li qatt kellha relazzjonijiet ohra u tirrakkonta kif f'Jannar 2011 waqt li kienu weekend break gewwa l-Hilton ma' koppja ohra, hu kien qal lill-koppja l-ohra li din l-ahhar sena li kien ser jaghmel mieghi u tghid li fil-fatt huwa fetah l-ittra tal-medjazzjoni fit-13 ta' Mejju 2011. Tirrakkonta kif fit-18 ta' Gunju 2011, lejliet il-precett ta' JJ zewgha hareg mid-*

*dar u ma rritornax lura tant li hija bdiet iccempel l-pulizija u l-isptar ghax hasbet li gralu xi haga; sakemm giet infurmatha li huwa kien iddecieda li mhux ser jerga' lura d-dar. Tirrakkonta dakinhar tal-Precett, kif it-tifel xtaq imur il-Mcdonalds wara l-precett izda l-attur beda jghidlu jew jien u int biss jew xejn.*

*Hi tichad li qatt ccettjat ma' rgiel jew uzat facebook qabel Gunju 2011 u tghid li kreat l-kont propju f'Gunju 2011*[43] *u tghid li wara li certa S T infurmatha li kienet qed tircievi messaggi li kienu jidhru minghandha, f'Novembru 2011, hija kienet ghamlet rapport mal-pulizija*[44]*. Irrizulta li l-kont taghha kien gie hacked minn certu W Y li ammetta u skuza ruhu u ghalhekk ma procedietx ulterjorment fil-konfront tieghu u ffirmat dikjarazzjoni mal-pulizija biex jieqfu l-proceduri*[45]*.*

*L-intimata tichad li zewgha ma kienx trattat tajjeb minnha u mill-familja u tghid li l-problema kienet li qabad il-hrug u l-kumpanija ta' nisa ohra, li hi saret taf bihom maz-zmien, anke minn ritratti li rat fuq Facebook. Hija tinsisti li huwa beda relazzjoni ma' GG HH u ghalkemm m'ghandhomx ritratti flimkien, ghandhom ritratti fl-istess post u f'uhud minnhom jidher A fir-riflessjoni tan-nuccali tal-imsemmija GG.*

*Tghid li wara li telaq mid-dar, A baqa' jmur id-dar regolarment waqt li hi tkun barra bit-tfal jew ghad-duttrina jew privat u kien jiehu affarijiet mid-dar. Tispjega kif anke sabet it-tumble dryer imkisser bil-wires maqlughin u li kien hemm ordni mill-Qorti tal-Magistrati biex ma jmiss xejn iktar mir-residenza matrimonjali. Tispjega li huwa xorta baqa' jmur ta' kuljum fil-garage ta' taht id-dar u li kien imur qabel il-5am u jerga' jigi xi 12pm biex jiccargja l-vann tax-xoghol li kellu seba' freezers fejn kien izomm ikel ffrizati. C tghid li huwa kien jahsel il-friza tal-vann bil-power wash industrijali b'mod regolari u li l-metre tad-dawl kien three face minhabba l-friza tal-vann. Hi issostni li zewgha baqa' jigi kuljum jiccargja l-vann u juza s-seba' freezer fil-garaxx sa Settembru 2015 u li dan kien rifless fil-kontijiet tad-dawl u ilma;*

[43] A fol. 1850 tal-process
[44] A fol. 1851-1853 tal-process
[45] A fol. 1854 tal-process

*tant li l-kontijiet prezenti huma ferm inqas. Hi tispjega li anke gabet rapport ta' engineer J. Cuschieri*[46] *dwar il-konsum tal-elettriku minhabba l-freezers tal-vann ta' A.*

*L-intimata tixhed li zewgha ried akkost ta' kollox jitfa' lilha u lit-tfal barra mid-dar matrimonjal u huwa ghalhekk li ma hallasx il-kontijiet tad-dawl u ilma anke jekk kien hemm ordni tal-Qorti, tant li s-servizzi spiccaw inqatghu darbtejn. C tghid ukoll li f'okkazzjoni minnhom, f'Marzu 2015, kien A innifsu li ftiehem mal-Haddiema tal-Enemalta biex gie skonnettjat il-metre tad-dawl, waqt li hija kienet qed twassal it-tfal l-iskola u tispjega kif spiccat tghix ghand il-genituri taghha b'zewgt itfal ghal tliet xhur shah, f'kamra tas-sodda wahda. Hi ssostni li A bhala stat ta' fatt baqa' qatt ma hallas il-kont tad-dawl minkejja li anke inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Ottubru 2017*[47]*. Tispjega li applikat ghal u gabet metre ghas-servizz tad-dawl fir-residenza matrimonjali biex setghet tirritorna gewwa l-istess flimkien mat-tfal u l-konsum kien wiehed normali.*[48]

*Hija tixhed dwar kif wara li telaq mid-dar, l-attur kien jaqla' incidenti regolarment meta jidhol fid-dar, tixhed dwar kif kien jidhol fuqhom waqt li jkunu reqdin u tant bdiet tibza' li ommha bdiet tmur torqod maghha ghall-wens u tmur lura d-dar taghha filghodu u tispjega wkoll ghalfejn gieli kienet torqod ukoll n-nanna taghha. Tghid li tul iz-zwieg ommha rari kienet torqod ghandhom u tghid li ommha kellha c-cavetta tad-dar ghaliex kien tahiela l-attur stess meta kienet tiehu hsieb lit-tfal taghhom.*

*C tixhed ukoll li l-incidenti li qalha zewgha tul is-separazzjoni, affettwat lit-tfal taghhom tant li kellha tfittex l-ghajnuna tal-psikoterapisti u professjonisti ohra. Tghid li t-tfal rabbew hafna rabja ghall-attur u hu ma kienx jghin is-sitwazzjoni peressli ma kienx jinvolvi ruhu fl-affarijiet u avvenimenti taghhom bhal attivitajiet kurrikulari jew gheluq sninhom u dan anke jekk hi kienet izzommu infurmat u b'mod specifiku tghid li huwa naqas milli jattendi ghall-grizma taz-zewgt itfal.*

---

[46] A fol. 1818-1820 tal-process
[47] A fol. 1830-1835 tal-process
[48] A fol. 1821-1822 tal-process

*Bl-istess mod huwa ma kienx jikkontribwixxi ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni anke jekk l-ispejjez tal-ulied kienu ikbar min-normal minhabba d-diffikultajiet li kellhom u bl-istess mod kienet dejjem hi li griet bit-tfal ghall-appuntamenti kollha li kellhom. Tirrakkonta wkoll kif spiss ikollha diffikulta` bil-formoli tat-tfal ghaliex il-missier ma jiffirmax il-formoli rikjesti minnu. Hi tghid li minhabba l-hafna appuntamenti tal-ulied hi ma setghetx tahdem u spiccat tiddependi hafna fuq l-genituri taghha.*

iii. *L-intimata prezentat nota datata l-20 ta' Novembru 2021 u li tinsab a fol. 2153 et seq tal-process permezz ta' liema ezebiet:*

*a) Dok CG1 - Affidavit ulterjuri taghha datat 26 ta' Novembru 2021 f'liema hija tirrakkonta kif tul il-proceduri odjerni kellha tfendi ghal rasha fejn jidhlu t-tfal ghaliex A ma kienx ihallas sehmu mill-ispejjez taghhom u tghid li selfuha hafna flus ommha u missierha. Terga' tispjega x'inhuma l-kundizzjonijiet tat-tfal u l-fatt li ghandha hafna giri bihom, inkluz ghand specjalisti u terapisti.*

*Tghid li A ma jipprovax jahdem fuq ir-relazzjoni mal-minuri, ma jiehux interess u li ilu ma jarahom sa minn Gunju 2021.*

*Tispjega li fis-17 ta' Settembru 2020 inharqet il-kcina tad-dar wara short circuit fil-hood u li l-ghamara u l-appSSnces tal-kcina u s-sistema tad-dawl garrbu hsarat estensivi. Tghid li biex irripristinat kollox nefqet Eur 5,000 anke jekk mhux ta' kollox ghandha ricevuta. Tirrakkonta li hija mill-ewwel cemplet lill-attur li mar fuq il-post inbiddel madwar erba' sighat wara u ma damx hemm. Meta mistoqsi jekk kienx jiftakar minn fejn kienu ghaddejjin il-wires tad-dawl hu wiegeb li ma jafx u li ma ghenx bl-ebda mod, la fizikament u lanqas finanzjarjament wara l-hsarat sofferti fid-dar. Tghid li lanqas biss staqsa jekk it-tfal kellhomx x'jieklu anke jekk kien jaf li l-appSSnces jew uhud minnhom kienu dabu bin-nar.*

*b) Dok CG2 - Stima tal-Perit RRK*[49]

[49] A fol. 2156-2160 tal-process

*c) Dok CG3 - uhud mill-ircevuti ta' spejjez li sborsat ghall-minuri in kwantu sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari;*

*d) Dok CG4 - ritratti li juru hruq tal-kcina tar-residenza matrimonjali u ricevuti ta' uhud mit-tsiwjiet*[50]*;*

*e) Dok CG5 - sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati.*

*8. Illi tul il-proceduri odjerni, il-partijiet ressqu s-segwenti xhieda:*

***Jeanette Lepre***[51] *ghan-nom tal-Lombard Bank plc li xehdet li l-partijiet qatt ma kienu klijent tal-bank;*

***David LL***[52] *ghan-nom tal-APS Bank li xehed li l-partijiet qatt ma kienu klijenti tal-bank;*

***Audrey B***[53] *ghan-nom tal-HSBC Bank Malta plc li xehdet li wara ricerka fuq iz-zewg partijiet irrizultaw is-segwenti kontijiet:*

- *Savings Account bin-numru 078062-684050 fuq isem l-attur li infetah fit-22 ta' Settembru 1994 u li gie mmarkat bhala Dok AG1*[54]*;*
- *Savings Account bin-numru 078062-684051 fuq isem l-attur li infetah fis-26 ta' Marzu 2008 u inghalaq fl-10 ta' Settembru 2008 u li gie mmarkat bhala Dok AG2*[55]*;*
- *Savings Account bin-numru 078083-466050 fuq isem l-intimata li infetah fil-5 ta' Novembru 1998 u inghalaq fit-12 ta' Novembru 2009 u li gie mmarkat bhala Dok AG3*[56]*;*
- *Loan Account bin-numru 078083-466300 fuq isem l-intimata li infetah fis-26 t'April 2001 u inghalaq fit-3 ta' Marzu 2006 u li gie mmarkat bhala Dok AG4*[57]*;*
- *Loan Account bin-numru 078020823300 fuq isem il-partijiet b'mod kongunt li infetah fit-8 t'Awwissu 2008 u inghalaq fit-28 ta' Mejju 2010 u li gie mmarkat bhala Dok AG5*[58]*;*

---

[50] A fol. 2384-2413 tal-process
[51] Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2012 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[52] Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2012 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[53] Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2012 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[54] A fol. 857-882 tal-process
[55] A fol. 883 tal-process
[56] A fol. 884-905 tal-process
[57] A fol. 906-918 tal-process
[58] A fol. 919-921 tal-process

- *Loan Account bin-numru 078020823301 fuq isem il-partijiet b'mod kongunt li infetah fit-8 t'Awwissu 2008 u inghalaq fl-10 ta' Jannar 2009 u li gie mmarkat bhala Dok AG6*[59].

***Romuald Attard***[60] *ghan-nom tal-Bank of Valletta plc, li xehed li wara ricerka fuq iz-zewg partijiet irrizultaw is-segwenti kontijiet:*

- *Savings Account bin-numru 179-0679601-6 fuq isem l-intimata u li gie mmarkat bhala Dok RA1*[61]*;*
- *Kont kurrenti bin-numru 179-0679605-8 fuq isem l-intimata li inghalaq fl-20 ta' Gunju 2002 u li gie mmarkat bhala Dok RA2*[62]*;*
- *Savings Account bin-numru 135-0621501-4 fuq isem l-attur li inghalaq fit-23 ta' Jannar 2004 li gie mmarkat bhala Dok RA3*[63]*;*
- *Savings Account bin-numru 179-0527101-1 fuq isem l-attur li gie mmarkat bhala Dok RA4*[64]*;*
- *Savings Account bin-numru 179-0527103-7 fuq isem l-attur li inghalaq fis-27 t'Ottubru 2001 u li gie mmarkat bhala Dok RA5*[65]
- *Kont kurrenti bin-numru 179-0527106-6 fuq isem l-attur li inghalaq fis-27 t'Ottubru 2001 u li gie mmarkat bhala Dok RA6*[66]*;*
- *Savings Account bin-numru 40015736989 fuq isem l-attur izda ghandu mnizzel "A/C KKn", li inghalaq fis-26 ta' Frar 2007 u li gie mmarkat bhala Dok RA7*[67]*;*
- *Savings Account bin-numru 40015737001 fuq isem l-attur izda ghandu mnizzel "A/C JJ", li inghalaq fis-26 ta' Frar 2007 u li gie mmarkat bhala Dok RA8*[68]*;*
- *Kont kurrenti bin-numru 40020088651 fuq isem l-attur li gie mmarkat bhala Dok RA9*[69]*;*
- *BOV Visa Classic fuq isem l-attur, l-istatement ta' liema gie mmarkat bhala Dok RA10*[70]*;*
- *Savings Account bin-numru 179-1062801-5 fuq isem iz-zewg partijiet li gie mmarkat bhala Dok RA11*[71]*;*

---

[59] A fol. 922-923 tal-process
[60] Fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2012 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[61] A fol. 931-970 tal-process
[62] A fol. 924-930 tal-process
[63] A fol. 971-976 tal-process
[64] A fol. 977-1037 tal-process
[65] A fol. 1038-1041 tal-process
[66] A fol. 1042-1052 tal-process
[67] A fol. 1053 tal-process
[68] A fol. 1054 tal-process
[69] A fol. 1055-1056 tal-process
[70] A fol. 1057-1062 tal-process

- *House Loan bin-numru 4001034878-3 fuq isem iz-zewg partijiet li inghalaq fl-24 ta' Novembru 2005 u gie mmarkat hbala Dok RA12*[72]*;*
- *Kont kurrenti bin-numru 40010884988 fuq isem iz-zewg partijiet li gie mmarkat bhala Dok RA13*[73]*;*
- *Consumer Loan bin-numru 40011315401 fuq isem iz-zewg partijiet li inghalaq fid-29 ta' Marzu 2005 u li gie mmarkat bhala Dok RA14*[74]*;*
- *Term Deposit bin-numru 40015913100 fuq isem iz-zewg partijiet li inghalaq fis-26 ta' Frar 2009 u li gie mmarkat bhala Dok RA15*[75]
- *Consumer Loan bin-numru 40017190510 fuq isem iz-zewg partijiet li gie mmarkat bhala Dok RA16*[76]

***Jennifer MalSS WPS34***[77] *li xehdet u pprezentat kull rapport li seta' sar mill-partijiet kif ukoll minn DD G, omma l-intimata. Hija spjegat li kien hemm tlettax-il rapport li saru minn A B u li gew immarkati Dok JM1 sa Dok JM13, sittax-il rapport li saru minn C B li gew immarkati bhala Dok JM14 sa Dok JM29 u hames rapporti li saru minn DD G li gew immarkati bhala Dok JM30 sa Dok JM34*[78]*.*

***Il-Perit Anton Zammit***[79] *li huwa l-Perit inkarigat mill-attur u li kkonferma li kien hu li prepara:*
- *Dok AZ1 – stima li ghamel hu tax-xoghol ta' kostruzzjoni tad-dar taz-Zurrieq*[80]*;*
- *Dok AZ2 – stima li ghamel hu tal-finishings fuq l-istess propjeta`*[81]*.*

*Ix-xhud anke spjega li kien hu l-Perit inkarigat fil-mori tal-kostruzzjoni u fiz-zmien tal-applikazzjoni tal-bini u baqa' hu l-Perit responsabbli sakemm tlestiet il-binja. Ix-xhud jispjega li l-bennej kien A stess u missieru. In kontroezami x-xhud spjega li fil-kalkoli tieghu huwa uza r-rati ta' meta nbena l-*

[71] A fol. 1063-1113 tal-process
[72] A fol. 1114-1118 tal-process
[73] A fol. 1119-1151 tal-process
[74] A fol. 1152-1153 tal-process
[75] A fol. 1154-1156 tal-process
[76] A fol. 1157-1162 tal-process
[77] Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2013 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[78] A fol. 1169 sa 1269 tal-process
[79] Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2013 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[80] A fol.1270 tal-process
[81] A fol. 1271 tal-process

*post, ossia 1991-2001 u uza rati tal-kuntratturi in kwantu ghall-kostruzzjoni. Il-Perit ikkjarifika wkoll li f'Dok AZ1 hemm kwantifikat kemm ix-xoghol u kemm il-materjal uzat.*

***Stephen Cachia***[82] *ghan-nom ta' Transport Malta, xehed illi minn ricerka fuq iz-zewg partijiet mis-sena 2000 sab is-segwenti:*

- *Il-vettura tal-marka Toyota Ractis fuq isem C B u prezenta Dok SC1*[83]*;*
- *Il-vettura tal-marka Isuzu Elf fuq isem A B u pprezenta Dok SC2*[84]*;*
- *Il-vettura tal-marka Subaru Legacy fuq isem A B li wkoll tirrizulta minn Dok SC2;*
- *Lista ta' vetturi li kienu intestati fuq isem A B izda li fil-prezent ma kienux ghadhom u li jirrizultaw minn Dok SC3*[85]*.*

***Il P***[86] *prodott mill-attur ikkonferma li huwa kien jikkomunika mal-intimata fuq facebook u meta gie muri c-chats ezebiti mill-attur ikkonferma li kienu intbaghtu lilu. Meta mistoqsi dwar ir-relazzjoni li huwa kellu mal-intimata, ix-xhud xehed li kienu semplicement hbieb u cahad li qatt kellu relazzjoni intima maghha. Meta konfrontat bil-fatt li f'uhud mill-passaggi tal-messaggi skambjati bejnu u l-intimata hija taghmel accenn ghall-fatt li ghamililha bolla m'ghonqha, u meta mistoqsi jekk solitament jaghmilx hekk mal-hbieb, huwa sostna li "Iva, hekk naghmel mal-hbieb"*[87]*.*

***Z AA***[88] *prodott mill-attur jammetti li jaf lill-partijiet ghaliex huma bhalu miz-Zurrieq. Jghid li mhumiex xi hbieb kbar imma xi ftit snin qabel kien mar id-dar taghhom bhala kandidat ghall-Kunsill Lokali. Jichad li huwa qatt hareg mal-intimata jew li kellu casual sex maghha. Meta muri chats li kienu gew ezebiti mill-attur u li jkopru minn Awwissu sa Dicembru 2011 isostni li hafna minnhom zgur ma kitibhomx hu u jghid li kien hemm zmien fejn l-email tieghu kien gie hacked u anke insteraq ammont sostanzjali ta' flus u anke prezenta rapport li huwa ghamel mal-pulizija biex jikkonferma dak li kien qed jghid*[89]*. Meta rinfaccat bil-fatt li r-rapport sar kwazi sentejn wara c-chats ezebiti, huwa sostna li kien permezz tal-incident fejn sar rapport li huwa induna li kien gie hacked. Is-Sur AA*

[82] Fis-seduta tal-15 t'April 2013 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[83] A fol. 1278 tal-process
[84] A fol. 1280 tal-process
[85] A fol. 1283 – 1286 tal-process
[86] Fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2013 quddiem il-Perit Legal Dr Abigail Critien
[87] A fol. 1600 tal-process
[88] Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2014 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[89] Ir-rapport li sar f'Lulju 2013 gie mmarkat bhala Dok MM1 u jinsab a fol. 1651-1653 tal-process

*jixhed li l-intimata kienet friend mieghu fuq facebook u ma jiftakarx jekk qatt ikkomunika maghha wara l-incident tal-hacking.*

***In-Nutar Q Bugeja***[90] *prodott mill-attur, prezenta l-iskrittura privata*[91] *li saret quddiemu bejn il-partijiet fis-27 ta' Lulju 1999 dwar x'jigri f'kaz ta' thassir tal-gherusija u li l-attur kien a spejjez tieghu ghamel xi xoghol fil-post taghhom. Huwa spjega li l-iskrittura ma gietx insinwata peressli kienet skrittura private u kkonferma li giet iffirmata mill-partijiet quddiemu.*

***BB CC***[92] *prodott mill-attur, jispjega illi huwa kien jaf lill-intimata ghax kienu jahdmu flimkien fil-fabbrika ST Microelectronics u dan minn qabel izzewget u jaf li sussegwentement izzewget. Jghid li imbaghad hu ma baqax jahdem hemmhekk u qatt ma rega' ra lill-partijiet hlief darba bhala familja fl-Intercontinental Hotel ghaliex hu kien qed jahdem hemm. Ix-xhud xehed li ma jiftakarx li qattx ghamel chats mal-intimata fl-ahhar hames snin u meta muri skambju ta' messaggi*[93] *bejnu u l-intimata huwa cahad illi kiteb dak il-kliem. Meta gie suggerit lilu li dawk ic-chats kienu tas-sena 2011 huwa spjega li kien hemm zmien fejn "xi hadd ghamel hacking fuq il-computer tieghi" anke jekk huwa ammetta li m'ghamel ebda rapport. Huwa cahad li kellu relazzjoni intima mal-intimata u spjega li huwa sar jaf li l-partijiet ghandhom problemi matrimonjali meta rcieva t-tahrika biex jixhed. Hu cahad li tkellem mal-intimata meta rcieva t-tahrika u insista li l-ahhar li raha kif gewwa l-Intercontinental Hotel kif xehed qabel.*

***E B****, missier l-attur xehed permezz ta' affidavit*[94] *u jibda billi jispjega kif hu u martu ma kinux kuntenti b'l-intimata meta binhom hadha d-dar ghax kienu jafu l-familjari taghha bhala mhux tal-affari taghhom. Mill-banda l-ohra jispjega kif skontu, il-familjari ta' C kienu kuntenti b'ibnu.*

*Huwa jkompli jispjega kif kienu hu li kien bena d-dar tal-partijiet u dan fuq l-art li huma kienu xtraw. Hu jkompli jispjega kif "jien kont bnejt kollox u kont anki bnejt il-giebja ta' taht id-dar. Domt xi sena u nofs nibni l-post u kont immur kuljum nahdem inkluz il-Hdud. Kont nibda f'xi s-7am sakemm jidlam. A kien jigi jghini wara x-xoghol ta' kuljum. Kont nahdem kollox bl-idejn u l-faccata ghamiltha*

---

90 Fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2015 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
91 Li giet immarkata bhala Dok MB1 u li tinsab a fol. 1671 tal-process
92 Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
93 Immarkati bhala Dok AX3, a fol.1680-1699 tal-process
94 A fol. 1674-1678 tal-process

*fuq il-fil u gholja 3 sulari. Jien kont naghmel kollox – ngharbel ix-xahx, naghmel it-tajb, nerfa' l-gebel u nqeghdu. Jien bnejt dar ta' 5 sulari bis-soqfa b'kollox." Hu jsostni li ma thallasx ta' xoghlu u kieku kellu jaghti valur lix-xoghol ta' kostruzzjoni, dan kien jammonta ghal madwar Lm 15,000. Jghid li kien anke jghid lill-haddiem li kien pogga l-madum fil-post billi jgorr il-madum u jaghmillu t-tajn biex jigu ffrankati l-flus, u jghid li missier l-intimata kien mar jghinu biss, darba, ghal saghtejn. E B, jispjega kif waqt dan ix-xoghol huwa kellu incident u tilef wiehed mis-swaba' t'idejh. Ix-xhud anke jikkonferma illi l-post kien lest qabel izzewgu.*

*Missier l-attur jispjega li wara z-zwieg beda jissuspetta li l-intimata ma kinitx qed thalli lill-ibnu jmur jara lilu u lill-martu u jghid li binhom ikkonfermalhom dan, meta bdew il-problemi bejn il-partijiet. Hu jikkonferma x-xhieda tal-attur li omm l-intimata kienet kostanti fiz-zwieg bejn il-partijiet u li l-intimata ma kienet taghmel xejn minghajr ommha, li anke kellha c-cavetta tad-dar taghhom. Ix-xhud jispjega kif kull nhar ta' Gimgha, omm l-intimata kienet tmur ghand il-partijiet u torqod hemm ghax zewgha johrog u adirittura jghid li din kienet bdiet torqod fis-sodda mal-intimata, flok ibnu, sakemm l-attur ghamel spare bedroom biex din ikollha fejn torqod.*

*E B jispjega kif ibnu kien igerger li martu u ommha kienu jiddeciedu dwar kollox fid-dar u aktar tard dwar ulied il-kontendenti. Ix-xhud jispjega kif "jien gieli smajt lil missier C, F, jghid lil martu DD (omm C) biex thalli lil A u lil C bi kwiethom ghax kienet tindahal f'kollox" u jghid li m'ghandux dubju li hafna mill-problemi ta' bejn il-partijiet gabithom omm l-intimata li kienet tindahal f'kollox.*

*Ix-xhud jispjega li ftit qabel ma ibnu kien kostrett jitlaq mid-dar, kien fetah qalbu dwar il-fatt li xi hadd seraqlu l-flus tal-paga mid-dar u kif din ma kinitx haga ta' darba. Huwa jkompli jispjega kif hu kien jitfa' Lm 5 fil-karus tan-neputi KK B u kien jimmarka l-flus bl-ittra 'B', u dan sakemm induna li l-karus kien infetah minn taht u l-flus ittiehdu.*

*E B anke jixhed li "C kienet anke tghidli li ser toqtol lil A. Meta qaltli hekk, jien ghidt lil A biex jekk irid jigi jorqod ghandha ghax bzajt b'dak li qaltli C. Naf li fl-ahhar gimghat li ghamel fid-dar matrimonjali, A kien jorqod wahdu u jissakkara fil-kamra." Ix-xhud anke jispjega kif ibnu ta' spiss kien jiftah qalbu mieghu, fl-ahhar xhur qabel telaq mid-dar u kif darba anke urih c-chats li l-intimata kienet tibghat lill-irgiel ohra.*

*Hu jiikkonferma x-xhieda ta' ibnu, fejn jghid li l-intimata u l-familja taghha kienu jivvendikaw ruhhom minn ibnu, billi jiehdu l-ikel tal-friza tax-xoghol u jarmuh, u anke jhallu appSSnces mixghula ghalxejn meta ma jkunx hemm bzonn biex itellghu l-kontijiet li kien ihallas l-attur. Jghid li "kemm-il darba smajt lil C tghajjat ma' ibni A u tghidlu li se tkissru." Huwa jghid li jibza' mill-familja tal-intimata ghax huma nies li "jaslu ghal kollox" u jghid li ibnu kien "jigi 'bullied' minn C u mill-familjari taghha".*

*E jirrakkonta kif meta ibnu kien kostrett jitlaq mid-dar matrimonjali, huwa mar joqghod maghhom iz-Zurrieq ghal madwar erba' xhur u jispjega li kienu jircievu telefonati anonimi matul il-lejl. Jghid li l-intimata kienet iccempillu u tghajjru li zammew lill-attur maghhom u anke gieli rcieva messaggi bi kliem hazin minghandha minghajr raguni. Hu jispjega episodju fejn l-intimata, ommha u zewg zijiet taghha irgiel marru fejn id-dar taghhom fil-11pm meta allegatament omm l-intimata bdiet tghajjat "fejn hu dak il-kornut A?".*

***L B**, omm l-attur, ukoll xehdet bil-mezz tal-affidavit.[95] Hi tikkonferma li meta binha ha lil C ghandhom fil-bidu tal-gherusija, hija kienet opponiet ghaliha ghax taf il-familja taghha sew. Ix-xhud tispjega kif C ghandha karattru nervuz u li ommha ma thallihiex wahidha. Hi tispjega li "C dejjem taghmel dak li trid hi u hekk kienet fiz-zwieg. Lil ibni ma kinitx tikkalkulah u taghmel dejjem li trid hi. L-importanti kien li ibni jgib il-flus u l-bqija ma tinvolvieh f'xejn la fl-affarijiet tad-dar u lanqas fir-rigward tat-tfal" u tghid li din ghadha l-istess.*

***Stephen Libreri**[96] bhala social worker fi hdan l-Agenzija Appogg, kif prodott mill-intimata xehed kif il-kaz kien gie riferut lilu madwar sena qabel. Ix-xhud jispjega kif l-intimata kien qed ikollha diffikultajiet mal-minuri JJ li kien ikollu suicidal ideations u jghid li jixtieq imut, gieli qabad sikkina u kien jiddemostra dwejjaq u jghid li jhoss dwejjaq kbir. Ix-xhud kompla jispjega kif pruva jsib is-sors tad-dwejjeaq u li ghamel numru ta' sessjonijiet mal-minuri. Jispjega kif JJ kien imdejjaq bl-access mal-missier ghax kien juri rabja lejh u disappunt u kien isemmi l-fatt li l-missier telaq qabel il-precett tieghu u la ma jghix maghhom. It-tifel kien jilmenta wkoll mill-fatt li l-Haddiem Socjali kien jilghabd*

[95] A fol.1679 tal-process
[96] Fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2017 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien

*mieghu izda missieru ma kienx jippartecipa fil-loghob. Stephen Libreri jispjega kif anke wara li tkellem mal-wild KKn u mal-Omm ghazel li jahdem maghha biex ikunu jistghu jaghmlu management tal-istress ta' JJ u minn hemm twieldet l-idea li l-access b'supervizjoni jibda jsir fid-dar taz-Zurrieq jew x'imkien vicin tad-dar, minflok fir-residenza tal-missier f'Hal Tarxien. Hu jghid li b'din il-bidla sar improvement anke jekk it-tfal ma biddlux l-ilment taghhom fuq il-missier izda kienu jkunu certi li ommhom ser tigi lura. Hu jghid kif it-tfal, specjalment iz-zghir jbati minn separation anxiety ghax jibza' li jitlef lill-ommu, filwaqt li KKn ha l-irwol tal-missier (parentification) u kombinata mas-separation anxiety spicca qed ikollu problema jhalli lill-ommu anke biex imur l-iskola. Ix-xhud spjega kif wara li l-access beda jsir iz-Zurrieq it-tifel ghamel improvement, issolviet anke l-problema tal-hbieb u t-tifel rega' gie functional u ma regghetx irrepetiet ruhha l-kwistjoni tas-suicidal thoughts. Stephen Libreri anke tkellem fuq il-fatt li l-wild kien jinkwieta fuq il-fatt li d-dar hija taz-zewg genituri u adirittura jghid li qabel jorqod, it-tifel kien jiccekkja li l-bibien tal-kmamar kienu jkunu msakkrin biex missieru ma jidholx.*

*Fis-seduta sussegwenti u cioe` dik tal-10 ta' Marzu 2017, Stephen Libreri kompla jixhed kif KKn kien jorqod biss jekk jassigura ruhu li t-twieqi u l-bibien maghluqin u li s-sitwazzjoni ggravat wara l-mewt taz-ziju, meta tnisslet fih bizgha mill-mewt u ma setax jaghmel id-daily routine tieghu. Dak iz-zmien KKn kellu 8 snin u x-xhud spjega x-xoghol li hu flimkien ma' professjonisti ohra ghamlu mal-wild minuri, inkluz li nehhew minn fuqu r-responsabbilita` li jhobb li jrid jiehu hsieb ommu. Ix-xhud jispjega li t-tifel ghamel improvement u sar kambjament ghall-ahjar fejn it-tifel qed jiffunzjona ahjar u mhux qed jibki. Finalment hu jghid li l-professjonisti l-ohra li semma' u li hadem u qed jahdem maghhom ghall-gid ta' KKn huma l-Head of School, l-ghalliem tal-klassi ta' KKn, zewg ghalliema min-Nurture Group, school Counsellor tal-kullegg, persuna mill-anti-bullying, l-LSA ta' KKn u l-Assistant Head.*

*Fis-seduta tad-9 t'Ottubru 2017, rega' gie riprodott l-istess xhud, li prezenta rapport[97] li huwa rrediga u li kkonferma bil-gurament.*

***Ir-Reverendu Dun Karm Busuttil**[98] prodott mill-intimata xehed li jaf lill-partijiet u anke mar it-tieg taghhom. Jispjega li missier l-intimata hu prim kugin tieghu izda ma kienx hu li zewwighom. Jghid li*

[97] Liema gie immarkat bhala Dok SLA1 u li jinsab a fol. 1734 tal-process

*jaf il-familja ta' A ukoll u ilu jafhom sa minn qabel ma twieled l-attur. Jirrakkonta kif kien mar ghand il-partijiet ghat-tberik fis-sena 2011 u staqsa lil C kif kienu sejrin u din qaltlu li mhux sejrin tajjeb. Jispjega li dam hafna ghandhom dakinhar u li sussegwentement mar ghandu l-attur li kien qallu li qed ihossu imdejjaq u ssikkat. Ix-xhud jghid li staqsih jekk kellux xi mara ohra u li l-attur cahad dan. Jghid li wara dan l-episodju rega' ra lill-partijiet fil-precett ta' JJ, fejn C infurmatu li l-attur kien telaq mid-dar u jghid li minn dakinhar 'il quddiem A ma regax mar ghall-quddies ta' nhar ta' Hadd, tat-8am gewwa Bubaqra, kif kien jaghmel solitament. Hu jispjega wkoll li familjari tieghu qalulu li kienu raw l-attur ma' mara ohra. Ir-reverendu in kontroezami isostni li kien waqt is-seduta li sema' ghall-ewwel darba li C kellha relazzjoni ma' terz, u jghid li A qatt ma qallu dwar chats ma' rgiel ohra, u qallu biss li kien qed ihossu ssikkat fir-relazzjoni izda xejn fuq C.*

***M N***[99] *prodotta mill-intimata xehdet li lill-attur tafu go hanut, quddiem il-bandli f'Hal Safi, precizament klabb tal-bocci. Hi tirrakkonta kif darba ghalkemm dahal fil-klabb in kwisjtoni wahdu, mal-hbieb u bejn drink u iehor, A beda jfesfes f'widnejn zewg nisa. Tirrakkonta wkoll kif f'okkazjoni ohra kellha bzonn tmur t-toilet tal-istess klabb u rat lill-attur u lil O P hergin mit-toilet flimkien. Hi tispjega li huwa kien imur il-klabb fil-weekends, daqqa l-Gimgha u daqqa s-Sibt ghall-habta tat-8.15pm u fil-11pm kien jitlaq "u wara kwart, ma' min kien ikun jitkellem waqt dik is-serata, kienet titlaq ukoll. It-tnejn kienu jkunu b'vetturi separati." Hi tghid li l-attur kinet saret taf x'jismu u kunjomu ghax kienu jghajtulu l-hanut.*

***S T***[100] *prodotta mill-intimata xehdet li hi taf lill-intimata minn barra l-iskola meta jwasslu jew jigbru lit-tfal mill-iskola u ghalhekk ir-relazzjoni taghhom hija ta' "sahha u bongu." Tghid li sussegwentement saru hbieb fuq facebook u C bdiet tibghatilha xi messaggi fejn tirrakkontalha l-istorja taghha. Ix-xhud tispjega li fl-istess zmien kien qed jibghatilha messaggi wkoll certu 'Q R'. Tghid ukoll li ma setghetx tifhem kif fuq facebook C kienet tirrakontalha hajjitha, izda meta tara fizikament hdejn l-iskola tghidilha sahha u bongu biss, tant li anke tkelmet ma' habiba taghha dwar dan. Wara xi zmien bdiet tahseb hazin, u kelmet lil C u qaltilha bil-messaggi li kienet qed tircievi u tghid li hi u C flimkien marru jaghmlu rapport mal-pulizija. Tghid li wara indunat li effettivament mhux C kienet qed tikkomunika maghha, izda 'Q R' li wara r-rapport ma regax ikkomunika maghha.*

---

[98] Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2017 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[99] Fis-seduta tat-28 ta' Frar 2018 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[100] Fis-seduta tas-26 ta' Frar 2018 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien

***F G***[101] *missier l-intimata xehed permezz tal-affidavit. Hu jibda billi jghid li ghalkemm il-familja tieghu u ta' A huma t-tnejn miz-Zurrieq ma kienx hemm hbiberija bejniethom, izda biss konoxxenza. Jghid li wara xi sena johorgu flimkien, A beda jghix fid-dar maghhom u gie trattat bhala wiehed tal-familja u jirrakkonta wkoll kif qabel izzewgu martu anke xtrat id-dota ghal A. Jghid li A bilkemm kien imur ghand il-genituri tieghu u l-familji kienu jiltaqghu biss meta gieli huma stednu lill-genituri ta' A ghall-ikel.*

*Missier l-attrici jghid li wara li inxtrat l-art minn bintu u A gewwa Bubaqra, iz-Zurrieq u saru l-pjanti mal-Perit Zammit u wara li inhargu l-permessi, kulhadd kien imur jaghti daqqa t'id. Jghid kif hu u hatnu H I, kienu qattghu l-bir filwaqt li missier A, E, kien bena anke jekk kienu l-partijiet li dejjem hallsu ghall-materjal f'ishma indaqs bejniethom. Meta gew biex isaqqfu, ix-xhud jghid li hu kien ghen fit-twittija tal-konkos. Jispjega li wara li tlesta l-post fi stat ta' gebel u saqaf, A u C kienu qattghu t-trinek tad-dawl u ilma, filwaqt li A qieghed il-katusi u C kienet toqghod izzommlu. Jghid li l-madum kien qieghda xi hadd mis-Siggiewi u wara huwa kien kesa u bajjad il-fond kollu senza interessi, anzi hareg l-ispejjez ghall-materjal u z-zebgha u dan sabiex jghinhom.*

*Wara z-zwieg, jghid li bintu baqghet tahdem, anke meta kien twieldu t-tfal, sas-sena 2009 u ghalhekk kienu jghinu lill-partijiet bit-tfal. Jghid li omm A ukoll kienet tigi xi kultant ghal xi siegha filghodu, pero` jghid li ghall-bqija, sakemm bdew imorru l-iskola, kienu jzommu t-tfal hu u martu DD. Jghid li f'dak iz-zmien meta l-partijiet ma kinux ikunu xoghol, kienu jmorru ghandhom regolarment u kienu jqattghu granet shah flimkien. Jispjega wkoll li bintu kienet waqfet mix-xoghol fuq insistenza ta' zewgha.*

*Ix-xhud jispjega kif mill-bidu tas-sena 2011, l-attur beda johrog wahdu u gieli inzerta li hu kien fl-istess post. Jghid li meta beda johrog wahdu "u qabel ma kien jitlaq x'imkien iehor, jien gieli rajt lil A jixrob u jaghti kunfidenzi lin-nisa. U nghid li kemm il-darba wissejtu biex izomm lura u ma jaqax ghat-tentattazzjoni u dejjem gbidtlu l-attenzjoni li hu kien mizzewweg u kellu zewgt itfal id-dar."*

[101] Liema huwa mmarkat bhala Dok LP1 u jinsab a fol. 1746-1749 tal-process

*Ix-xhud anke jghid kif darba waqt li kienu gol-klabb tal-bocci jixorbu, wara li dahlet mara, A dar fuqu u qallu li "kien tghodd ghalija" u jghid li huwa hatfu ghax kien ragel mizzewweg u pretenda ahjar mir-ragel ta' bintu. Jispjega li ghalkemm hu kien jitlaq minn fuq il-post qabel A, beda jisma' xnighat fuq A li kien qed ihawwad ma' nisa li kienu jiffrekwentaw il-klabb. Missier l-intimata jghid li bintu ma kienet taf b'xejn u kienet biss tgerger li hadha drawwa li johrog nhar ta' Gimgha filghaxija wahdu u jidhol fis-sighat bikrin tal-ghada filghodu, izda jghid li hu ma qalilha xejn biex izomm il-kwiet u l-paci.*

*Ix-xhud spjega wkoll kif Lejliet l-ewwel tqarbina ta' JJ, A kien hareg u ma regax lura d-dar tant li bintu cemplet tibki u kienu cemplu l-pulizija u anke l-isptar ghax hasbu li gara xi haga. Jirrakkonta kif aktar tard il-pulizija infurmawhom li kienu kkuntattjaw lill-attur li infurmahom li kien iddecieda li ma jirritornax lura lejn id-dar.*

*F G jispjega li wara saru jafu li A kellu mara ohra u jghid li bintu u martu ltaqghu maghhom gewwa Birzebbugia. Fuq l-allegazzjoni li bintu kellha relazzjoni ohra, huwa jghid li C ma kinitx tohrog wahidha fil-perjodu li damet ma' A. Imbaghad jispjega x'gara minn mindu l-attur telaq mid-dar matrimonjali. Jghid li l-attur beda jidhol bil-lejl fuq bintu u l-minuri, isabbat u jqajjimhom u jahsadhom u bintu tant bdiet tibza' li kienet bdiet tmur torqod ghandha martu, biex C ma tkunx wahidha.*

*Jirrakkonta kif ftit wara, A waqaf ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma u li kemm il-darba insista li s-servizzi tad-dawl u ilma kellhom jinqatghu u kif darba wara li gabret lit-tfal mill-iskola, A kien ftiehem ma' tal-Enemalta, fethilhom biex dawn qatghu s-servizzi u l-intimata u l-minuri spiccaw bla dawl u ilma, tant li ghamlet zmien tghix maghhom.*

*Ix-xhud jispjega kif A ma kienx ihallas sehmu mill-ispejjez tat-tfal u ghalhekk kienu u ghadhom jghinuha huma finanzjarjament u jirrakkonta diversi episodji li fihom A naqas versu uliedu.*

***DD G****, omm l-intimata xehdet permezz ta' affidavit*[102] *li bhal zewgha tispjega kif huma mill-ewwel laqghu lil A f'darhom u kif sa sena wara kien qed jghix maghhom u kien jigi trattat bhal membru tal-familja. Tispjega kif anke meta kien kiser siequ fuq l-post tax-xoghol, kienu daru bih sakemm fieq u tghid li missier l-attur kien mar jarah biss wara hmistax mill-incident u ghax kien talbu l-attur. Tghid li r-relazzjoni bejn il-familji kienet tajba u li meta zzewgu C kienet tahdem li ST Micro Electronics bix-shift u kienet ghandha taghmel sahra biex ifaddlu ghall-post.*

*Tispjega li bintha u A kienu xtraw plot qabel il-millenju, biex fuqha jibnu d-dar matrimonjali u tispjegaha kif huha li fil-mori gie nieqes, kien haffrilhom il-bir li hemm taht il-garage. Tghid li zewgha F kien imur regolarment sakemm kien tiela' l-bini biex jaghti daqqa t'id u biex jaraw li kollox kien miexi sew. Tghid li meta l-binja kienet lesta fi stat ta' gebel u saqaf, C kienet titla' regolarment tghin fit-tqattiegh tat-trinek, tnewwel il-madum u bramel tar-ramel u taghmel kull ma jkun hemm bzonn u tghid kif zewgha kien kesa l-post kollu u kien bajjad kullimkien, anke l-appoggi u li kien mhux biss hallas ghall-materjal minn butu, izda ma thallasx ghax-xoghol tieghu. Ix-xhud tghid li d-dar tlestiet f'madwar qisu sentejn u tghid li ghamlitilha d-dota u ezebiet zewg affidavits, wiehed taghha u wiehed ta' J K, li kienu gew prezentati fl-atti tal-mandat ta' deskrizzjoni.*[103] *Ix-xhud tghid li fil-frattemp kompliet tghin lill-bintha fix-xiri tal-affarijiet tad-dar, bhal tumble drier, is-saqqu tad-double bed u affarijiet ohra.*

*Tghid li wara z-zwieg, f'Settembru 2001, il-partijiet kienu jmorru ghandhom regolarment u li l-attur kemm-il darba kien jghaddi ghandhom ghat-te wara x-xoghol u li hi gieli anke sajritilhom meta bintha kienet iddum ix-xoghol. Ix-xhud tispjega kif wara t-twelid ta' JJ, fit-2004 peressli bintha kienet ghadha tahdem, l-ewwel kienet titla' omm A ghal siegha mat-tifel, fid-dar ta' C u A u wara kienet titla' hi. DD G tispjega li kif kien iqum it-tifel, kienet twassal lil omm A id-dar taghha u tibqa' sejra bit-tifel fir-residenza taghha sakemm tigi lura mix-xoghol C. Ix-xhud tghid ukoll li f'Novemrbu 2006 twieled KKn. Tghid li peressli kienet tqatta' hafna hin ghandhom minhabba t-tfal, A kien anke taha kopja tac-cavetta tad-dar.*

[102] Li gie prezentata fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2019 u gie immarkat bhala Dok CC1 u jinsab a fol. 1941-1946 tal-process

[103]Li huma mmarkata bhala Dok CC2 u Dok CC3 u li jinsabu a fol. 1947-1950 stal-process

*Omm l-intimata tghid li z-zwieg tal-partijiet kien miexi harir sat-twelid tat-tfal, ghaliex imbaghad l-attur beda jgerger ghax l-attenzjoni ma baqghetx kollha fuqu u kien jinnervja mat-tfal u tghid li ma kienx ikun trankwill fil-prezenza taghhom. Ix-xhud anke telenka episodji li hija esperjenzat hi fejn A offenda lill-minuri u tghid li s-sitwazzjoni ma trangatx meta t-tfal bdew jikbru. Tghid li qatt ma pprova jghin jew jaghti sehmu minkejja li kien jahdem bhala self employed iqassam affarijiet ta' ikel frizat u sa nofsinhar kien ikun diga' lest mix-xoghol u tghid li meta t-tfal kienu jkunu jridu jinzlu hdejh fil-garage huwa ma kienx ihallihom u minflok kien jarma jkellimhom pastaz.*

*DD G tirrakkonta wkoll kif darba waqt li qed tinhasel ghax kienet qed tiehu hsieb lin-neputijiet li kienu morda ghax bintha kienet xoghol semghet hoss kbir fil-kuritur. Tghid li libset u harget tara x'gara u li meta staqsiet lil A huwa qalilha li kien "mar biex jittawwalli mit-toqba tas-serratura tal-bieb, u peress li jien kont ersaqt biex niehu l-hwejjeg, kien inhasad u qabel il-heater. Kien hemm xi drabi meta waqt li nkun rieqda ghandhom, kont inhoss lil A jghollili l-friex, u kont intajjarlu idejh." Hi tghid li meta telaq mid-dar, kienet cemplitlu ghax kienet iddispjacuta kif telaq lill-bintha u lill-minuri u qaltlu li hija kienet anke baqghet siekta dwar dak li rrakkontat fl-affidavit taghha biex jibqghu maghqudin u tghid li huwa wegibha "li dak li kien ghamel kien ser jibqa' bejnietna ghax jien ma kelli ghalfejn nghid lil hadd."*

*Ix-xhud tirrakkonta kif A kien ikkonvinca lill-bintha tieqaf mix-xoghol meta KKn kellu erba' snin, u dan ghaliex id-dar kienet armata, ma kellhomx djun, u biex it-tfal ma jitrabbewx man-nanniet. Tispjega li meta n-neputi kellu bzonn operazzjoni, A ma ried ihallas ghall-operazzjoni li swiet Eur 1,700 u tghid li hallset Eur 1,000 hi.*

*Tispjega li maz-zmien A beda jinqata' mid-dar matrimonjali u beda jqatta' hafna hin ghand il-genituri tieghu u tghid li ftit qabel telaq mid-dar, bintha qaltilha li A kien qalilha li l-genituri tieghu kienu jafu b'kollox. Ix-xhud tispjega li kienet marret ghand il-genituri tal-attur u li missieru beda jghid "issa taru l-ghasafar, issa tarau l-ghasafar." Tghid li ghalkemm dak il-hin ma fehmitx, maz-zmien indunat li dak li ried jghid E kien li A kien iddecieda li jissepara u li kien anke ftiehem ma' missieru li jtih il-maisonette ta' Hal Tarxien fejn mar jghix u baqa' jghix sal-lum.*

*Ix-xhud tghid li A beda johrog nhar ta' Gimgha filghaxija u jidhol lura d-dar nhar ta' Sibt ghall-habta ta' Dicembru 2010. Tghid li bintha gieli harget tfittxu izda qatt ma sabitu u li maz-zmien bdew jisimghu xnieghat fuqu, u cioe` li qed ikun go bars fiz-Zurrieq, Hal Qormi u Hal Safi u li kien beda jiffrekwenta nisa ohra u tirrakkonta x'gara lejliet l-ewwel tqarbina tal-wild JJ.*

*Tghid li wara li telaq mid-dar, l-attur beda jaqla' hafna incidenti ma' C u t-tfal u li kien imur kuljum biex jiccargja l-friza tal-vann tax-xoghol fil-garage ta' taht id-dar, li kien jinfed mad-dar. Tghid li kien jitla' fil-kamra tas-sodda xil-5am u jibda jsabbat u jaghmel hafna storbju u kien jahsab u jbezza' lill-bintha u lit-tfal li kienu jkunu reqdin u kien ghalhekk li C talbitha biex tibda tmur torqod ghandha. Tghid li l-agir tal-attur ma inbidilx u anke saru rapporti. Tispjega li l-attur kien anke jmur id-dar meta jkun jaf li C tkun barra bit-tfal u jiehu affarijiet mid-dar u tghid li minkejja l-ordni tal-Magistrat, huwa baqa' sejjer b'dan l-agir.*

*Ix-xhud tispjega kif ir-relazzjoni bejn A u l-ulied kompliet sejra lura wara li telaq mid-dar u li b'mod partikolari JJ, kien spiss jargumenta ma' missieru. Tghid kif C bdiet tfittex l-ghajnuna ghat-tifel wara episodju fejn it-tifel minhabba li kellu dwejjaq kbar kien ghamel sikkina m'ghonqu. Gie kkonfermat li l-minuri ghandhom id-diffikultajiet u ghalhekk bintha kellha hafna giri bihom u tghid li A ma jaghtix sehmu mill-ispejjez tat-tfal u ghalhekk hi u zewgha jghinu kemm jistghu lill-binthom.*

*DD G tixhed li A ried akkost ta' kollox u minkejja l-problemi tat-tfal jitfahom l-barra mid-dar u kull tentattiv ta' separazzjoni personali sfuma fix-xejn. Tghid li ma baqax ihallas il-kontijiet tad-dawl u ilma minn mindu telaq mid-dar matrimonjali anke jekk kien hemm diversi ordnijiet mill-Qorti u tghid li l-Enemalta kienu anke qatghu d-dawl fir-residenza darbtejn. Tirrakkonta kif f'okkazjoni minnhom kien l-attur innifsu li ftiehem mal-haddiema tal-Enemalta sabiex waqt li C waslet it-tfal l-iskola, tahom access biex qatghu s-servizzi tad-dawl b'konsegwenza l-intimata u l-minuri spiccaw jghixu maghhom f'kamra wahda ghal madwar xahrejn. Sussegwentement C applikat ghall-metre iehor u wara xahrejn l-intimata u l-minuri setghu jidhlu lura fid-dar matrimonjali.*

*Hi ssostni li A telaq lill-bintha ghax kellu relazzjoni ma' mara ohra u tghid li hija kienet ratu ma' mara f'Birzebbugia fl-24 ta' Lulju 2011 u tghid kif anke inzertatu hiereg mill-maisonette ta' Hal Tarxien ma' GG HH ma' min ghadu f'relazzjoni sal-lum.*

***Johanna Bartolo***[104] *in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc xehdet illi l-kont bin-numru 17901628015 infetah f'isem il-partijiet b'mod kongunta fis-26 ta' Mejju 2000 u ghadu miftuh. Ix-xhud anke spjegat illi ghalkemm ma tistax tghid fiz-zgur meta l-attur talab li jinbidel l-indirizz, tghid li minn statements pprezentati mir-rapprezentant tal-Bank li xehed fis-sena 2012 jidher li d-data tindika li l-bidla saret fil-perjodu bejn Dicembru 2010 u Gunju 2011.*

***Andreana Gellel***[105] *ghan-nom tal-Agenzija Appogg tispjega li l-informazzjoni li hija ghandha tkun inghatat lilha mill-workers li jkun hemm waqt l-access tal-attur. Tghid li l-access baqa' jsir b'mod regolari hlief xi drabi fejn gie kkancellat min-naha taghhom ghax ma kellhomx workers u okkazjonijiet ohra fejn it-tfal kellhom xi attivita`. Ix-xhud tispjega li JJ iqatta' l-hin tal-access fil-kamra tieghu jew isfel jaghmel il-homework ma' huh iz-zghir. Tghid li l-interazzjoni bejn l-ulied u l-missier hija limitata. Hi tispjega li r-relazzjoni tal-minuri ma' missierhom ma tantx hi tajba u li ilhom jaghmlu supervision tal-access ghal sentejn u ma kienx hemm progress. Tghid li hija rrakkomandat li jkun hemm co-parenting course ghax jekk il-partijiet itejbu r-relazzjoni ta' bejniethom, ir-relazzjoni tal-minuri ma' missierhom titjieb u li anke ghamlu rakkomandazzjoni sabiex l-access isir barra mid-dar matrimonjali biex ma jkunx hemm distrazzjonijiet bhat-Television u playstation. Ix-xhud prezentat nota li giet immarkata bhala Dok A u tinsab a fol. 1990 tal-process.*

***L B***[106] *prodotta mill-intimata in kontroezami tixhed li ma taqbilx li A kien mar jghix ghand il-genituri ta' C u baqa' hemm sakemm izzewgu u ssostni li baqa' jghix maghhom. Issostni li tul iz-zwieg l-partijiet ma tantx kienu jmorru ghandhom u tghid li C kollox li trid hi. Tghid li fl-affidavit taghha, qalet li C kien mohha fil-flus li jgib A ghax hija spendor; pero` tikkonferma li C dejjem hadmet, anke fit-tqala u wara t-twelid tat-tfal.*

***E B***[107] *prodott mill-intimata in kontroezami jghid li ma jaqbilx li qabel iz-zwieg A kien jghix ghand il-genituri ta' C. Jikkonferma li hu bena d-dar u li F, missier l-intimata, ma jghinu biss xi darba. Jghid li kien imur fuq il-post taghhom biss u li ibnu kien jghinu. Jghid li l-bir ta' taht id-dar u l-pit ta' taht il-*

[104] Fis-seduta tal-21 ta' Frar 2019 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[105] Fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2019 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[106] Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2019 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[107] Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2019 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien

*garage tqattghu mill-kuntrattur u mhux miz-ziju tal-intimata kif gie suggerit lilu. Jghid li ma jafx min kien dan il-kuntrattur u jichad li meta taw is-soqfa F kien prezenti ghaliex darba biss mar jghin u jghid li gieli kien imur kemm jara.*

*Dwar l-istima ta' Lm 15,000 ta' xoghlu jghin li huwa jifhem f'dan ix-xoghol u ghalhekk seta' jasal ghall-istima. Jghid li l-madum ghamlu haddiehor u li hu kien jghin billi jgorrlu l-madum u jaghmillu t-trab. Jichad li C qatt ghenet fil-garr tal-madum u li hija kienet tigi tara izda mhux tghin.*

*Meta gie suggerit li l-flus li kien hemm fil-karus tat-tfal intuzaw ghall-bedroom tat-tfal, jghid li hu ma jafx u jghid li kien jimmarka l-flus bl-ittra 'B' biex ikunu jafu li tahomlhom hu. Ix-xhud jghid li C gieli qaltlu li kienet ser toqtol lill-ibnu u ghalhekk hu kien qal lil A jitlaq mid-dar u jmur ghandhom u jghid li f'Jannar 2011 ibnu kien mar ghandu jorqod taht it-tarag. Jghid li meta telaq mid-dar, ibnu inizzjalment ghamel xi 4 xhur ghandu imbaghad mar jghix fl-appartament ta' Hal Tarxien, safejn jaf hu, wahdu. Jikkonferma li ibnu telaq ghall-habta ta' Mejju/Gunju 2011 mid-dar matrimonjali. Ix-xhud isostni li ibnu kien johrog jiehu flixkun birra ghax skont ibnu meta kien jitla' mill-garage kien isib lill-kunjata fis-sodda taghhom fix-Xitwa, mas-7.30pm u allura kien imur jiehu flixkun birra imbaghad imur id-dar u jorqod fil-garage "ghax mhux se jaqla' lill-ommha mill-kamra tas-sodda".*

***Dr Kris Y**[108] gie ingunt mill-intimata sabiex jixhed dwar investiment li ghandu l-attur jew jista' jkollu ma' DRB Investments Ltd li spjega li hu m'ghandu ebda informazzjoni u li l-imsemmija investimenti qed jigu amministrati minn Paul Mercieca li qabbad lil Ganado Associates u Deloitte biex jiehdu hsieb l-istess. Ix-xhud prezenta public notice mahruga mill-MFSA f'dan ir-rigward li tinsab a fol. 2049-2050 tal-process.*

***Il-Perit Anton Zammit**[109] prodott mill-intimata xehed illi l-istima li kienet giet ezebita precedentement huwa ghamilha a bazi tal-prezzijiet ta' meta sar ix-xoghol u mhux taz-zmien meta gie redatt ir-rapport. Jghid li huwa ghamel stima globali u ma dahalx fil-qliegh tal-kuntrattur u li wasal ghall-imsemmija stima bhala perit b'25 sena esperjenza u li kien involut fil-binja tal-permess waqt li*

[108] Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2020 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
[109] Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2020 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien

*kien qed isir ix-xoghol. Jghid li l-istima tinkludi l-ezercizzjoni ta' meta wiehed iqabbad kuntrattur biex jibni u cioe` materjal, workmanship, spejjez ancillari bhal diesel, generator, permessi u qliegh.*

***MMOO***[110] *in rapprezentanza tad-Deloitte xehdet fir-rigward tal-investment li A B kellu ma' DBR Investment u spjegat li llum tali investiment hu mmexxi minn Paul Mercieca li kien rcieva struzzjonijiet minghand A B biex l-assi li kellu ma' DBR Investments jigu trasferiti lil Jesmond Mizzi Financial Advisors u hekk sar f'Settembru 2016 u prezentat dokument li jirrifletti dan*[111]*. Ix-xhud tispjega li hija ma tistax tixhed fuq l-monetary value u tali informazzjoni trid tingieb minghand Jesmond Mizzi Financial Advisors.*

***Dr F CC Pullicino***[112] *in rapprezentanza ta' Ganado & Associates u kkonferma li ghalkemm ma kienx direttament involut fil-kwistjoni, wara indagini li ghamel fl-ufficju tieghu jikkonferma li l-istess ufficju kellu inkarigu jassisti lil Paul Mercieca, li gie mahtrug mill-MFSA biex jamministra DBR Investments. L-assistenza offerta kienet purament legali li inghata lill-Amministratur.*

***Paul Mercieca***[113] *spjega li huwa kien gie appuntat mill-MFSA fit-8 ta' Marzu 2016 biex jiehu hsieb l-affarijiet tal-kumpanija DBR u l-investimenti tal-klijenti u biex jghaddihom lura lill-klijenti jew lill-financial adivisors taghhom. Jghid li xoghlu tlesta u intavola l-ahhar rapport tieghu lill-MFSA fit-23 ta' Lulju 2018 u jghid li formalment l-inkarigu tieghu gie tterminat fis-27 t'April 2020. Jghid li mir-records li kellu l-attur kellu zewg investimenti*[114] *u li A B kien tah struzzjonijiet biex dawn jghaddi ghand Jesmond Mizzi Advisors u hekk sar fis-16 ta' Settembru 2016. Jispjega li Jesmond Mizzi Advisors jaghmlu l-istess tip ta' xoghol ta' DBR (investment brokers u nominee holders ukoll). Ix-xhud xehed li ma jafx x'inhu l-valur tal-investimenti li kellu A B. Jghid li ma jistax jivverifika ghaliex ezegwixxa l-inkarigu li kellu fuq struzzjonijiiet tal-beneficial owner u cioe` A B.*

***S PP***[115] *in rapprezentanza ta' Jesmond Mizzi Advisors xehdet li A B ghandu kont attiv li infetah f'Settembru 2016 u li fil-prezent hemm 4 securities, 2 minnhom tat-tip shares u 2 minnhom fund.*

110 Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2021 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
111 Li gie immarkat bhala Dok RB1 u jinsab ezebit a fol. 2107 tal-process
112 Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2021 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
113 Fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2021 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien
114 U prezenta dokumenti li gie mmarkat bhala PM1
115 Fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2021 quddiem il-Perit Legali Dr Abigail Critien

*Tispjega li tnejn minnhom u cioe- s-shares gew trasferiti minghand broker iehor u cioe` DBR Investments filwaqt li l-funds inxtraw fit-22 ta' Lulju 2019 u fl-24 ta' Lulju 2019. Hi prezentat dokumentazzjoni relattiva ghall-valur tal-istess securities.*[116]

**9. Is-Separazzjoni Personali**

*L-esponenti tirrileva li tidher li din hija wahda mit-talbiet li l-partijiet jaqblu fuqha ghaliex it-tnejn jaqblu li l-Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejniethom, ghalkemm irid jinghad li r-responsabbilita` tal-istess separazzjoni hija kontestata b'dana illi z-zewg partijiet jighdu li t-tort u r-responsabbilita` tal-istess hija tal-parti l-ohra.*

*Jigi rilevat illi r-relazzjoni tal-partijiet bdiet ghall-habta tas-sena 1993/1994 meta l-attur kellu madwar 17-il sena u l-intimata kellha madwar 15-il sena u zzewgu fil-15 ta' Settembru 2001.*

*In tema legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Susan Armeni vs Leonard Armeni****, deciza fit-30 Ottubru 2015, fejn il-Qorti enuncjat:*

*'Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.*

*- omissis –*

*Il-hajja matrimonjali tezigi impenn kontinwu dirett lejn l-interessi tal-familja anke jekk dan ifisser li parti tirrinunzja temporanjament jew anke permanentament ghal xi haga li tkun thobb taghmel u dan b'mod partikolarment fejn fiz-zwieg jitwieldu t-tfal ghax f'dan il-kaz dak li hu ta' priorita` huwa l-obbligu taz-zewg genituri li jiehdu hsieb it-trobbija u l-benessere tat-tfal taghhom, almenu sakemm dawn isiru maggjorenni u indipendenti.'*

[116] Li gew immarkat bhala Dok A sa Dok G u jinsabu a fol. 2144 sa 2150 tal-process

*L-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, jistipula: Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment.*

*Issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Y S Dolores Sive Doris vs Y RR****deciza fis-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit. Nru 1715/2011) f'liema l-Qorti rriteniet illi:*

*"Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux meħtieġ li jikkonkorru l-eċċessi, is-sevizzji, it-theddid u l-inġurji gravi, iżda kull waħda minn dawn ir-raġunijiet waħedha hija suffiċjenti" u żżid tgħid li "Il-liġi tqiegħed bħala motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali u mhux inċidenti minuri…..Għal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima".*

*F'sentenzi ohra moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar it-2 t'Ottubru 2003, fl-ismijiet* ***Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond*** *(Cit. Nru 1396/2001) u* ***Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia*** *(Cit. Nru 98/2002) il-Qrati taghna tennew: "Għal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima" u "Sabiex tiġi promossa t-talba għas-separazzjoni mhux meħtieġ kumulu ta` kawżali, kull waħda mill-kawżali ta' sevizji, it-theddid u l-inġurji gravi hija suffiċjenti sabiex jiġu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali".*

*Iwasslu ghal sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza* ***Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti****", moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 2015, gie dikjarat illi:- "... mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l' animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA*

*P utrinque**, 16 Marzu 1898]." Kif osservat fil-kawża ċitata mill-ewwel Qorti PA **Catherina Agius v Benedict Agius**, deċiża 13 Gunju 1967 il-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq ċitat iridu jkunu tali li joħolqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiċċaw jgħixu "f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiSSzione che rendono almeno insapportabili l' abitazione e la vita comune".*

*Permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Caterina Agius vs Benedict Agius** ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri. Fil-każ fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.*

*L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **S Mifsud vs Vincenzo Mifsud**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: "Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi". Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi**, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li "jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz". L-attrici taddebita wkoll lil żewġha t-theddid u l-vjolenza. Dwar dawn "Il-ligi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mgieba ħażina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima."*

*Is-sottoskritta hija moralment konvinta li l-partijiet waslu fi stadju fejn il-koabitazzjoni m'ghadhiex iktar possibbli, tant li ormai ilhom jghixu separati minn xulxin ghal kwazi tlettax-il sena shah u ghaldaqstant is-separazzjoni hija l-unika triq possibbli fic-cirkostanzi. L-esponenti hija tal-opinjoni li huwa ppruvat li hemm bazi ghas-separazzjoni, ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li "il-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

**10. Ir-Responsabbilita` ghas-Separazzjoni**

*Ġialadarba l-esponenti diġa' ppronunzjat ruħha dwar il-fatt li t-talba għal separazzjoni personali għandha tiġi milqugħa, l-esponenti issa ser tgħaddi sabiex tiddiskuti r-responsabbilita u t-tort għal tali tkissir ta' żwieġ.*

*Naturalment u bħal ma jiġri f'ħafna mill-kawżi li jkollha quddiemha din l-Onorabbli Qorti, ż-żewġ partijiet jitfgħu ir-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ fuq il-parti l-oħra. L-attur jikkontendenti li z-zwieg tfarrak fix-xejn ghal zewg ragunijiet principali u cioe` l-indhil tal-familja ta' martu, senjatament t'omm l-intimata li kienet tkun dejjem ghandhom u l-fatt li skontu martu kellha relazzjonijiet ma' terzi, sa minn meta kienu ghadhom gharajjes. Mill-banda l-ohra, l-intimata tikkontendi li z-zwieg tfarrak fix-xejn ghal ragunijiet attribwibbli lill-attur, u cioe` l-fatt li zewgha beda johrog kull nhar ta' Gimgha u jirritorna lura d-dar is-Sibt filghodu, tghid li konsegwentement hu inbidel u beda anke jiffrekwenta l-kumpanija ta' nisa ohra, tant li eventwalment anke beda relazzjoni ma' certa GG HH u tghid li minhabba dan huwa telaq mid-dar matrimonjali f'Gunju 2011 u fil-fatt mar jghix mal-imsemmija GG HH.*

<u>Il-Kwistjoni tal-Flus</u>

*Mill-provi prodotti, inkluz mir-recordings ezebiti mir-rikorrent innifsu permezz ta' erba' CDs, jirrizulta ampjament li l-attur kien ilu deciz li ma jibqax f'dan iz-zwieg u fil-fatt uhud mir-recordings adirittura jipprecedu l-proceduri odjerni u ttiehdu ad insaputa tal-intimata. Mill-istess recordings jirrizulta dak li dejjem sostniet l-intimata u cioe` illi hija waqfet mix-xoghol fuq rikjesta u volonta` ta' zewgha biex trabbi l-ulied u konsegwentement spiccat totalment dipendenti fuq zewgha finanzjarjament. F'uhud minn dawk ir-recordings jinstema' l-attur b'mod kostanti jistaqsi lill-martu ghal spjega fejn qed tonfoq il-flus li huwa jtiha ghall-hajja u anke joggezzjona ghall-uhud mill-ispejjez li hija ghamlet ghall-minuri, bhall-ispiza tal-Precett ta' JJ, ghall-ispejjez edukattivi bhall-outings u jinstema' jghidilha biex ma tibghathomx u bl-istess mod igorr ghaliex f'okkazjoni partikolari hadet lit-tfal ghand it-tabib tliet gimghat di fila ghax it-tfal kienu morda.*

*Illi huwa ben evidenti li r-relazzjoni, iz-zwieg tal-konjugi B u anke s-separazzjoni dejjem daru mal-flus. Dan jirrizulta mill-iskrittura li saret quddiem in-Nutar Q Bugeja fis-27 ta' Lulju 1999, mill-*

*iskrittura l-ohra li saret fit-30 t'Awwissu 1999*[117]*, mir-recordings ezebiti mill-attur, mix-xhieda tal-attur u l-familjari tieghu, mill-fatt li bejn Dicembru 2010 u Marzu 2011 huwa dawwar l-istatements bankarji fuq l-indirizz tal-genituri tieghu biex ma jircivihx inkartament fid-dar matrimonjali, u finalment anke mir-rikorsi li saru fil-proceduri odjerni da parti tal-attur li kien prattikament kollha relatati ma' hlasijiet ta' kontijiet tad-dawl u ilma u cioe` li martu tigi ordnata thallas l-istess.*

*L-esponenti tissottometti illi l-komportament tiegħu matul il-konvivenza kien wieħed ta' kontroll kbir fejn jidhlu l-finanzi, stante li peress li eżerċitat ripetutatment u fuq bażi abitwali, kien iwassal biex martu tirreaggixxi, anke jekk mhux dejjem b'mod xierqa; liema fatt irrenda l-konvivenza matrimonjali insopportabbli. Ghalhekk l-esponenti tissottometti illi l-agir tieghu jikkwalifika bħala 'sevizzi' fil-konfront tal-intimata.*

*L-Adulterju*

*38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra.*

*Fix-xhieda tieghu, l-attur isostni f'iktar minn okkazjoni wahda, illi sa minn meta l-partijiet kienu ghadhom gharajjes C kellha diversi relazzjonijiet ma' rgiel ohra u jghid li "l-idea taghha ta' zwieg hu li tghix hajja ta' single…" In oltre, biex jissostanza dak li qed jghid jezebixxi Facebook chats li huwa jghid li ha minn fuq il-kompjuter tad-dar, li jikkonsistu f'chats bejn C u diversi rgiel. Min-naha taghha, l-intimata tichad li qatt ccettjajt ma rgiel jew uzat Facebook qabel Gunju 2011 u tirrakkonta kif f'Novembru 2011 indunat li kienet giet hacked u anke sar rapport mal-pulizija*[118]*, li wara investigazzjoni fil-fatt irrizulta li l-kont taghha kien gie tassew hacked minn certu W Y li ammetta u skuza ruhu u ghalhekk ma procedietx ulterjorment fil-konfront tieghu u ffirmat dikjarazzjoni mal-pulizija biex jieqfu l-proceduri*[119]*.*

*L-attur anke harrek lill-irgiel li maghhom saru c-chats u filwaqt li Z AA cahad li qatt hareg mal-intimata jew li kellu casual sex maghha, isostni li hafna minnhom zgur ma kitibhomx hu u jghid li kien hemm zmien fejn l-email tieghu kien gie hacked u produca rapport li huwa ghamel mal-pulizija,*

---

[117] A fol. 1829 tal-process
[118] A fol. 1851-1853 tal-process
[119] A fol. 1854 tal-process

*liema rapport sar sentejn wara c-chats. Mill-banda l-ohra II P kkonferma li huwa kien jikkomunika mal-intimata fuq Facebook, cahad li qatt kellu relazzjoni intima maghha. Meta konfrontat bil-fatt li f'uhud mill-passaggi tal-messaggi skambjati bejnu u l-intimata hija taghmel accenn ghall-fatt li ghamililha bolla m'ghonqha, u meta mistoqsi jekk solitament jaghmilx hekk mal-hbieb, huwa sostna li "Iva, hekk naghmel mal-hbieb"[120].*

*Finalment issir referenza ghall-wahda mir-recordings ezebiti mill-attur permezz ta' CD, li huwa ha ad insaputa taghha, fejn hija tghid li m'ghadhiex mart l-attur u li tista' taghmel li trid inkluz torqod ma' min trid[121].*

*Irid jinghad li c-chats ezebiti mill-attur jibdew minn Awwissu 2011, u cioe` wara li l-attur kien diga' telaq mid-dar konjugali u kienu diga' gew inizzjati l-proceduri odjerni u ghalhekk mill-atti l-allegazzjoni tal-attur li l-intimata kienet ilha f'relazzjoni extra-konjugali sa minn zmien l-gherusija mhix fl-opinjoni tal-esponenti ppruvata.*

*F'dan ir-rigward issir ghas-sentenza fl-ismijiet "**Lorraine mart Radislav Vucinovic pro et noe vs Radislav Vucinovic**", Appell, 4 ta' Dicembru, 1998, fejn gie ritenut illi, "Il-Qorti allura ma tistax ma tqisx illi dak it-tifrik ma kienx il-konsegwenza ta' din ir-relazzjoni ġdida, imma kien il-kawża tagħha. Dan għaliex l-attriċi spiċċat biex fittxet il-wens ta' ħaddieħor u ssokkombiet għall-attenzjoni tiegħu wara li kienet ġiet imġegħla tallontana ruħha minn żewġha minħabba komportament tiegħu. Il-konvenut ċertament ma jistax jiġġustifika, bl-aġir tiegħu, li martu kienet il-kaġun tat-tifrik taż-żwieġ u li kellha tirrispondi fil-liġi għalih billi jittanta jieħu vantaġġ mill-fraġilita' umana ta' martu meta hu provat li kienet ġiet provokata minn żewġha biex tabbanduna d-dar konjugali."*

*Fir-rigward tal-adulterju allegat min-naha tal-intimata fil-konfront tal-attur, senjatament ir-relazzjoni li huwa ghandu relazzjoni ma' GG HH, l-esponenti hija konvinta li l-attur kellu relazzjoni mal-imsemmija GG HH, anke jekk l-intimata naqqset meta ma harkitiex biex tixhed quddiem il-Perit Legali. Mir-ritratti ezebiti mill-intimata mal-affidavit taghha, senjatament dawk a fol. 1933 sas 1935 u anke dak ezebiet a fol. 1937 huwa evidenti li l-attur jinsab f'relazzjoni mal-persuna li tidher fl-*

---

120 A fol. 1600 tal-process

121 L-intimata tuza' kliem vulgari li s-sottoskritta mhux ser tikkwota.

*imsemmija ritratti anke jekk m'hemmx ritratti taghhom mghannqin flimkien, l-indizzji kollha jwasslu ghall-konkluzjoni wahda u cioe` li l-attur telaq mid-dar ghaliex kellu relazzjoni ma' persuna ohra. Irid jinghad li ghalkemm ir-ritratti ezebiti mill-intimata mhumiex datati, tirrizulta data a fol. 1936 tal-process, fir-ritratt t'isfel, u cioe` it-2 ta' Gunju 2011, fil-profile picture tal-attur, li huwa l-istess ritratt li jinsab 'imkabbar' a fol. 1935.*

*F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***L Anne Edwards vs Avukat Dr. EE Xuereb noe*** *deciza mill-Prim Awla, Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar, 1961 fejn gie stabbilit illi: "Għall-prova tal-adulterju ma hemmx bżonn ta' testimonjanza "de visu" jew il-flagranza, imma biżżejjed il-konkors ta' ċirkustanzi preċiżi, gravi u univoċi, li jwasslu lill-ġudikant għall-konvinċiment tal-fatt."*

*Ghaldaqstant, l-esponenti tissottometti illi l-adulterju kommess mill-attur gie ppruvat.*

<u>*Presenza Qawwija tal-Familja Estensiva u l-Hrug tal-Attur*</u>

*Illi l-esponenti tissottometti illi fil-kaz odjern mhux kontestat li kien hemm il-prezenza kostanti tal-familja estensiva fil-hajja konjugali tal-partijiet. Ghalkemm inizzjalment jidher li kienet bi qbil bejn kulhadd biex il-partijiet jigu mghejuna fit-trobbija tal-minuri, stante li l-partijiet kienu t-tnejn baqghu jahdmu, is-sitwazzjoni baqghet tipperdura tul iz-zwieg kollu inkluz tul il-proceduri odjerni.*

*Mhux kontestat li omm l-intimata kienet kostantament ghand il-partijiet, u tinstema' anke f'uhud mir-recordings ezebiet mill-attur. M'hemmx dubju li DD G ghenet hafna lill-partijiet tul ir-relazzjoni tal-kontendenti, kemm bit-tfal u kemm finanzjarjament, u fil-fatt dan jirrizulta anke mill-istess recordings li l-attur ha ad insaputa ta' martu, fejn il-partijiet jinstemghu jaccennaw ghall-flejjes li tkun avvanzat u/jew hallset l-istess DD G.*

*Irid jinghad li fost l-ghajjat li jinstema' f'uhud mir-recordings ezebiti mill-attur, jirrizulta li l-intimata sabet wens f'ommha li kienet mhux biss tghinha fit-tfal u takkumpanjaha ghall-qaghdi li gieli jkollha, izda kienet anke zzommilha kumpanija, meta l-attur kien johrog.*

*Fl-istess recordings, A anke jinstema' jammetti illi nhar ta' Gimgha huwa qed johrog jixrob u dan skontu minhabba l-intimata u anke jammetti li ghamel zmien jorqod f'kamra separata ghaliex l-intimata kienet traqqad it-tfal fil-kamra taghhom u dawn gieli kienu jibku u hu kien ikun irid iqum fl-4am ghax-xoghol. Minn imkien, f'dawk ir-recordings ma jirrizulta li r-raguni ghalfejn ma baqax jorqod fl-istess sodda ma' martu hija ommha, kif xehdu fl-affidavits hu u missieru.*

*Madanakollu, bhal kollox fil-hajja, iz-zejjed bhan-nieqes u gjaladarba l-partijiet ghazlu li jizzewgu u jibnu familja flimkien b'zewgt itfal, kellhom jahdmu id f'id biex ma jhallu l-presenza ta' hadd tifga z-zwieg taghhom, la l-familjari taghhom u lanqas l-hrug li beda jaghzel l-attur fuq familtu. Fic-cirkostanzi, l-esponenti tissottometti illi l-ghazliet tal-partijiet, u cioe` dik tal-attur li jibda johrog fi tmiem il-gimgha minghajr il-familja, u dik tal-intimata li ssib rifugju u wens f'ommha, mal-presenza ga kostanti tal-istess DD G, kienu zewg ragunijiet ohra li wassal ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg.*

*"Din il-Qorti tosserva li ż-żwieġ huwa intiż sabiex il-partijiet jiżviluppaw bejniethom komunjoni ta' ħajja u ta' imħabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal tagħhom u l-konjugi għandhom jaġixxu fl-interess tal-familja li għandha tkun l-ewwel prijorita` fiż-żwieġ."*[122] *Fil-każ odjern sfortunatament ħareġ biċ-ċar li l-attur dan ma fehmux jew aħjar ma kienx kapaċi jattwah għax minkejja li kienet konxja tal-fatt li d-dewmien tieghu barra mid-dar fuq bażi regolari, kien fonti ta' ħafna litiġji bejniethom u ta' rabja u frustrazzjoni da parti tal-intimata martu fil-konfront tieghu, huwa xorta waħda baqa' jikkonduci l-istess stil ta' ħajja, sakemm fl-aħħar hu telaq, għalkemm mhux għal kollox, mid-dar matrimonjali.*

*Mill-assjem tal-provi, l-esponenti hi konvinta li l-kagun ghat-tifrik taz-zwieg tal-konjugi B kien il-kontroll finanzjarju li l-attur kien jezercita fuq il-familja, li finanzjarjament kienet tiddependi totalment fuqu u dan finalment minhabba decizjoni li ghamel hu, ir-relazzjoni li l-attur beda ma' terza persuna, l-prezenza kostanti tal-familja estensiva, senjatament ta' omm l-intimata u finalment il-hrug wahdu tal-attur fi tmiem il-gimgha.*

[122] **Susan Armeni vs Leonard Armeni**, decizia mill-Qorti tal-Appell fit-*30 ta' Ottubru, 2015*

*L-esponenti tissottometti illi fic-cirkostanzi, din il-Qorti ghandha takkolla hamsa u sebghin fil-mija (75%) tat-tort lill-attur u hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tat-tort lill-intimata.*

**11. Dekadenza**

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*
*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*
*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsaratal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku*

*51. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.*

*52. Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċiedi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Francis Bugelli -vs- L R ġa Bugelli*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 1996, "...Il-Qorti tissottolineja li l-konsegwenzi li jissemmew fl-artikoli 48 u 52 huma proprjament applikabbli f'kawża fejn ikun hemm talba ad hoc sabiex tiġi pronunzjata l-firda bejn il-konjuġi. Din ir-regola toħroġ mil-lokuzzjoni ċara tal-liġi stess, billi hija proprja f'kawża bħal din li jiġi determinat liema parti "tkun il-ħtija tal-firda" (artikolu 48) u "jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għal firda" (artikolu 52). Din ir-regola toħroġ ukoll mill-insenjament kontenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza tat-tribunali tagħna."*

*Fic-cirkostanzi, l-esponenti tissottometti illi d-dekadenza ghandha tigi applikata fil-konfront tal-attur.*

***12. Manteniment ghall-Attur***

*L-artiklu 3 tal-Kodici Civili riprodott hawn isfel jghid:*

*Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja.*

*Fil-kawza odjerna, bit-tieni talba tieghu*[123]*, l-attur qed jitlob manteniment minghand martu. Gie pruvat ampjament u kif del resto anke ammess mill-attur innifsu li huwa dejjem hadem bi qliegh. Kif qalet din il-Qorti fil-każ* ***Catherine Mifsud v. F Mifsud*** *deciza fil-25 ta' Ottubru 2013: "Il-manteniment mhux xi dritt sagrosant ta' min jissepara iżda jiġi ordnat il-ħlas tiegħu meta hemm il-bżonn."*

*Mill-provi prodotti, l-esponenti tissottometti illi din it-talba m'ghandhiex tigi milqugha u l-intimata m'ghandhiex tigi ordnata tivversa manteniment ghall-zewgha. Stante li m'hemm ebda kontrotalba li giet intavolata ghan-nom tal-intimata, l-esponenti mhix ser tirrelata dwar jekk ghandux ikun hemm manteniment o meno ghall-intimata.*

***13. Dwar l-Ulied***

[123] Anke jekk immarkata bin-numru tlieta (3)

*Irid jinghad li fit-talbiet tar-rikors guramentat l-attur ma ressaq ebda talba pertinenti ghaz-zewg ulied JJ u KKn, ahwa B, li llum ghandhom 19 u 17-il sena rispettivament. Ghalkemm irid jinghad li l-intimata, fir-risposta guramentata taghha eccepiet li hemm zewg ulied minuri u talbet li l-kura u l-kustodja taghhom tigi affidata lilha kif ukoll li jigi ffissat manteniment ghalihom, li l-attur ghandu jhallas, bhala stat ta' fatt hija ma intavolat ebda kontrotalba u ghalhekk l-esponenti ma tistax tirrelata dwar l-istess ulied, anke jekk fattwalment dawn ghadhom m'ghalqux it-tlieta u ghoxrin sena.*

*Irid jinghad li quddiem din l-Onorabbli Qorti gew intavolati mill-inqas seba' rikorsi fir-rigward tal-minuri, u dan oltre ghad-diversi noti intavolati mill-Agenzija Appogg b'rakkomandazzjonijiet sabiex finalment jigu mghejuna l-minuri, li huwa ben ovvju li nqabdu fit-taqtigha ta' bejn il-kontendenti anke jekk ma kellhom ebda htija. Dan, oltre ghax-xhieda relattiva ghall-Haddiema Socjali u professjonisti li segwew il-minuri wassal ghall-hela ta' hin tal-Qorti u dan qed jinghad b'responsabbilita` stante li kif diga' inghad fir-rikors guramentat ma tressqux it-talbiet opportuni u relattivi ghall-Ulied.*

*Finalment, l-esponenti tissottometti illi f'dan l-istadju tittama li, tlettax-il sena mill-bidu tal-proceduri odjerni, il-buon sens jipprevali u li l-ulied bl-ebda mod ma jigu mcahhda u/jew puniti ghan-nuqqas car taz-zewg kontendenti u wiehed jittama li l-partijiet, jibqghu jerfghu l-piz tal-ulied.*

***<u>14. Terminazzjoni, Likwidazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>***

*Jirrizulta mill-atti, illi wara li l-attur ressaq talba[124], ai termini tal-Arikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti anke wara li semghet lill-partijiet jixhdu, b'sentenza tat-18 ta' Gunju 2014[125], laqghet it-talba tal-attur u tterminat il-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi B. Ghaldaqstant, l-esponenti f'dan l-istadju trid semplicement tillikwida u taqsam l-istess.*

*Il-konjugi B zzewgu fil-15 ta' Settembru 2001 u ghalhekk dik hija d-data minn mindu bejniethom beda r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti.*

[124] Fl-atti tar-rikors guramentat 373/11/2, a fol. 2 u 3 tal-process
[125] A fol. 47-53 tal-atti tar-rikors guramentat 373/11/2

*a) Assi Pertinenti l-Komunjoni tal-Akkwisti*

1. *Id-dar matrimonjali;*
2. *Il-garage sottostanti id-dar matrimonjali b'access ghall-istess fond matrimonjali;*
3. *Garage iehor;*
4. *Vettura tal-marka Toyota Ractis;*
5. *Vettura tal-marka Isuzu Elf;*
6. *Vettura tal-marka Subaru Legacy*
7. *Kontijiet bankarji*
8. *Investimenti ma' Jesmond Mizzi Financial Advisors, li precedentement kienu ma' DRB Investments Ltd;*

***i. Il-Fond Matrimonjali u l-Garage Sottostanti l-istess fond***

*Illi mhux kontestat illi l-partijiet akkwistaw il-plot li fuqha inbniet id-dar konjugali bil-garage sottostanti, permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Q Bugeja qabel iz-zwieg, ossia fit-12 ta' Frar 1999 u lanqas m'hu kontestat li l-binja kienet prattikament lesta sa qabel mal-partijiet izzewgu, tant li hemm qbil fil-versjonijiet taghhom li maz-zwieg huma marru jabitaw gewwa l-istess fond.*

*Il-kontestazzjoni principali fir-rigward tal-fond matrimonjali li inbena hi naxxenti minn skrittura privata li l-partijiet kienu ghamlu wkoll quddiem in-Nutar Q Bugeja, li xehed f'dawn il-proceduri, nhar is-27 ta' Lulju 1999, skont liema kienu ftehmu li ghalkemm xtraw l-plot bejniethom, din l-istess plot kienet ser tinbena u A kien ser jibni l-istess a spejjez tieghu u ddikjaraw ukoll li f'kaz li tithassar <u>l-gherusija</u> ta' bejniethom, C kellha tassenja u titrasferixxi s-sehem tal-art u cioe` nofs indiviz tal-plot lil A versu l-prezz ta' Lm 11,500 liema somma tithallas sa sena minn wara li tithassar l-gherusija, bla imghax, per` jibda jiddekorri l-imghax ta' 8% jekk ma tithallasx s-somma fi zmien stipulat.*

*Huwa evidenti li din mhix kitba taz-zwieg, ai termini tal-Kap. 5 tal-Ligijiet ta' Malta fuq il-Liġi dwar il-Wegħdiet taż-Żwieġ u ghalhekk japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili.*

*__323.__ Kull min għandu l-proprjetà tal-art, għandu wkoll dik tal-area ta' fuqha, u ta' dak kollu li jinsab fuq jew taħt wiċċ l-art; hu jista' jagħmel fuq l-art tiegħu kull bini jew taħwil, kif ukoll taħt l-art, kull biċċa xogħol jew taħfir, u jieħu minnhom kull prodott li jistgħu jagħtu, iżda, bla ħsara tad-disposizzjonijiet dwar is-Servitujiet Predjali taħt it-Titolu IV tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi u kull disposizzjoni oħra ta' liġi dwar fortifikazzjonijiet jew opri oħra ta' difiża.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Nicola R noe -vs- Carmelo Parnis**[126] deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Dicembru 1935, "Kif esprimiet ruħha l-Kassazzjoni ta' Ruma fil-kawża "**Valentini vs. Travaglini**", maqtugħa fid-9 ta' Mejju 1894, riportata fil-**Fadda**,* Comm, *art. 440, para 42, "il diritto di proprietà non si ferma e non si arresta nei beni immobili alla sola superficie, ma si estende 'usque ad sidera' ed 'usque ad infera', ed il-proprietario del suolo, in grazia del titolo che gli viene dalla legge non ha da fornire altra prova che quella del dominio del suolo."*

*Illi tenut tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili, u fil-fatt li huwa evidenti li fattwalment l-gherusija ma thassritx, tant li l-partijiet izzewgu u ghamlu ghaxar snin jghixu flimkien bhala mara u ragel mizzewgin; kemm l-art li akkwistaw flimkien u kemm il-binja li inbniet fuq l-istess, jappartjenu lill-konjugi B fi kwoti indaqs bejniethom u dan b'riserva ghall-fatt li kull parti ghandha d-dritt li titlob il-hlas ta' krediti u spejjez li hija ghamlet gewwa, u ghall-binja tal-istess fond.*

*Illi jirrizulta li llum m'hemm ebda dejn pendenti fuq id-dar konjugali, u fil-fatt dan gie kollu saldat tul iz-zwieg u s-separazzjoni tal-kontendenti. Ghalkemm il-partijiet, fin-noti guramentati rispettivi taghhom, intavolati fil-bidu tal-proceduri odjerni, kienu qablu fuq il-valur tal-fond matrimonjali u tal-garage sottostanti l-istess propjeta`, irid jinghad li minn tali stejjem ghaddew tlettax-il sena. In vista tal-fatt li bhalma jaf kulhadd il-valur tal-bini fl-ahhar snin sploda, u tenut kont tat-trepass taz-zmien l-esponenti tissottometti illi l-Qorti ghandha tinnomina Perit Arkitett sabiex jivvaluta d-dar matrimonjali u l-garage sottostanti ghall-istess fond u jistabilixxi l-valur tal-istess.*

*<u>Krediti Rispettivi</u>*

[126] Ara wkoll **Salvatore Gravino -vs- Carmelo Spiteri noe**, Appell Ċivili, 29 ta' Marzu, 1957.

*Illi tul il-proceduri odjerni, iz-zewg partijiet sostnew li z-zewg familji ghenu fil-binja tal-fond matrimonjali. Ghalkemm E B, missier l-attur dejjem sostna illi kien hu li bena d-dar, flimkien ma' ibnu A, l-attur kien hemm istanzi*[127] *fejn ammetta li F G, ossia missier l-intimata ghen ukoll fix-xoghol biex inbniet id-dar matrimonjali.*

*Jirrizulta li z-zewg partijiet tellghu xhieda ta' familjari li jsostnu l-posizzjoni taghhom u anke gabu stejjem ta' xoghol li huma jsostnu li sar mill-familjari taghhom. Jibda biex jinghad li din is-separazzjoni hija bejn A u C, konjugi B u mhux bejn il-familji estizi tal-kontendenti u ghaldaqstant, jekk il-kunjati rispettivi ghandhom xi krediti li qed jivvantaw dawn ghandhom jipprocedu fil-konfront tal-konjugi B quddiem il-Qorti opportuna, izda m'ghandhomx id-dritt li juzaw il-proceduri odjerni ghal dan il-ghan.*

*Illi l-istima tal-Perit Anton Zammit*[128] *migjuba mill-attur, ghall-ammont ta' €86,400 eskluz il-VAT hija relattiva ghal xoghol ta' skavar u kostruzzjoni, filwaqt li l-istima ghall-ammont ta' €31,555 eskluz il-VAT hija relattiva ghal xoghol ta' finishings.*[129] *Illi l-intimata wkoll gabet stima, redatta minn QQ RR, ghall-ammont ta' Eur 9,842.53*[130] *ghall-istess xoghol, li pero` skontha sar minn missierha.*

*Irid jinghad li l-attur ghazel li ma jaghmilx kontroezamijiet tax-xhieda mressqa mill-attrici permezz tal-affidavits, inkluz x-xhieda ta' missierha F G li spjega li fejn tidhol id-dar, hug hen bhalma ghen E B. L-esponenti ssib li x-xhieda ta' F G maghduda ma' dik tal-attur permezz tal-ewwel affidavit intavolat minnu, hija aktar kredibbli minn dik ta' E B u ghalhekk hija moralment konvinta li z-zewg kunjati u cioe` E B u F G ghenu fil-binja u tlestija tal-propjeta`. Kif diga' inghad iktar 'il fuq, iz-zewgt irgiel, m'ghandhomx locus standi f'dawn il-proceduri u jekk iridu jitolbu xi hlas lura ghax-xoghol jew spejjez li huma ghamlu, dan ghandu jsir permezz ta' proceduri ohra.*

---

[127] Fl-affidavit intavolat minnu fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, a fol. 810 et seq tal-process
[128] A fol. 849 tal-process
[129] A fol. 850 tal-process
[130] A fol. 1810-1816 tal-process

*Stante li mhux kontestat pero` li l-attur kien imur ta' kuljum jghin fil-bini u anke jidher mir-ritratti li ezebixxa[131] hu stess, l-esponenti qieghda arbitrio boni viri tillikwida favur is-somma ta' hamsin elf ewro Eur 50,000 ghax-xoghol li huwa ghamel fl-istess propjeta`.*

*Spejjez Inkorsi mill-Partijiet*

*Illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2014, l-attur prezenta sett ta' ricevuti bi spejjez li huwa jikkontendi li hallas hu qabel iz-zwieg, relattivi ghall-fond matrimonjali u li gew immarkati bhala Dok XA1 sa Dok XA39. L-intimata da parti taghha gabet inkartament mill-bank li juri li anke jekk uhud mill-ircevuti huma intestati fuq isem A, kienet li hija hallset ghall-istess fosthom is-segwenti:*

- *Dok XA4 – L-ircevuta fl-ammont ta' Lm 166 imhallsa lill-Awtorita` tal-Ippjanar f'Gunju 1999 li jirrizulta li harget mill-kont bankarju[132] tal-intimata;*
- *Dok XA6 – L-ircevuta relattiva fl-ammont ta' Lm 420 ghall-hlas tat-taxxa, jirrizulta mill-iskrittura li ffirmaw il-partijiet li thallset minnha[133];*
- *Dok XA33 – L-ircevuta fl-ammont ta' Lm 1,087 imhallsa lill-Bollicine Ceramiche Artistiche fis-26 t'April 2001 li tikkorrispondi mat-transazzjoni bankarja mill-kont taghha, fl-istess data.[134]*
- *Dok XA34 – L-ircevuta fl-ammont ta' Lm 400 imhallsa lil Charlie DeSS fit-30 t'April 2001 li tikkorrispondi mat-transazzjoni bankarja mill-kont taghha, fl-istess data[135].*
- *Dok XA36 – L-ircevuta fl-ammont ta' Lm 670 imhallsa lil Patrick LL li tikkorrispondi mat-transazzjoni bankarja mill-kont taghha.[136]*
- *LM 11,500 li hallset ghax-xiri tal-art*

  *<u>Total ta' Lm 14,243 ekwivalenti ghal € 33,177.29</u>*

*L-ircevuti li huma fuq isem l-attur u li l-intimata ma gabitx prova li hallset hi huma s-segwenti:*

- *Dok XA1 – L-ircevuta fl-ammont ta' Lm 100 imhallsa lil Emmanuel Zammit & Associates fis-17 ta' Settembru 1999;*

---

[131] A fol. 1658 sa 1665 tal-process
[132] Immarkat Dok RA2, a fol. 924 tal-process
[133] A fol. 1829 tal-process
[134] A fol. 1825 tal-process
[135] A fol. 1823 tal-process
[136] A fol. 1827 tal-process

- *Dok XA3 – L-ircevuta fl-ammont ta' Lm 385 imhallsa lill-Awtorita` tal-Ippjanar fit-28 ta' Frar 1999 li tinkwadra ruhha fil-kont bankarju*[137] *tieghu;*
- *Dok XA9 – L-ircevuta mahruga minn Aplan Limited fl-ammont ta' Lm 30;*
- *Dok XA11 – L-ircevuta mahruga minn Aplan Limited fl-ammont ta' Lm 235*[138]*;*
- *Dok XA16 – L-ircevuta fl-ammont ta' Lm 12.50 mhallsa lil C&F Installations;*
- *Dok XA17 – L-ircevuta fl-ammont ta' Lm 15 imhallsa lill-Awtorita` tal-Ippjanar;*
- *Dok XA18 – L-invoice fl-ammont ta' Lm 1,357 mahruga minn GMF Precast Ltd;*[139]
- *Dok XA20 – L-ircevuta tal-ammont ta' Lm 164.90 mahruga minn Robba Ltd;*
- *Dok XA21 – L-ircevuta fl-ammont ta' Eur 1,180 u Lm 400 anke jekk ma jirrizultax lil min thallset din is-somma;*
- *Dok XA22 – L-ircevuta mahruga minn Aplan Limited fl-ammont ta' Lm 20;*
- *Dok XA24 – L-ircevuta mahruga minn Aplan Limited fl-ammont ta' Lm 1,270;*
- *Dok XA27 – Wahda mill-ircevuti elenkati f'dan id-dokument, fl-ammont ta' Lm 200 datata 4 ta' Jannar 2001*
- *Dok XA28 – Wahda mill-ircevuti elenkati f'dan id-dokument, fl-ammont ta' Lm 1,000 datata 4 ta' Jannar 2001*
- *Dok XA30 – L-ricevuta mahruga minn SML Home & Industry Mega Store fl-ammont ta' Lm 272.85;*
- *Dok XA31 – L-ircevuta mahruga minn Thermaseal Set up Accounts fl-ammont ta' Lm 374.28;*
- *Dok XA32 – L-ircevuta fl-ammont ta' Lm 100 mahruga minn Thermaseal Limited;*[140]
- *Dok XA33 – Wahda mill-ircevuti elenkati f'dan id-dokument, fl-ammont ta' Lm 200, stante li l-ohra jirrizulta li thallset mill-intimata;*
- *Dok XA34 – Wahda mill-ircevuti elenkati f'dan id-dokument, fl-ammont ta' Lm 600, stante li l-ohra jirrizulta li thallset mill-intimata;*
- *Dok XA35 – Zewg ricevuti fl-ammont komplessiv ta' Lm 247 imhallsa;*

---

137 Immarkat Dok RA4, a fol. 977 tal-process

138 L-ircevuta mmarkata Dok XA13 hija repetizzjoni ta' Dok XA11 u fil-fatt l-ircevuti ghandhom l-istess referenza numru

139 Dok XA5 – hija quote fl-ammont ta' Lm 1,150 minghand l-istess General Precast Concrete Ltd u ma fihiex prova tal-hlas jew firma tal-attur, kif ghandha Dok XA18.

140 Stante li mid-dokument jirrizulta li thallas Lm 100 u kien fadal bilanc ta' Lm 460

- *Dok XA37 – Zewg ricevuti fl-ammont komplessiv ta' Lm 130 imhallsa lill-Enemalta u Idea Casa*
- *Dok XA38 – Zewg ircevuti fl-ammont komplessiv ta' Lm 340 imhallsa lil Idea Casa;*
- *Dok XA39 – Ircevuta fl-ammont ta' Lm 1,000 imhallsa lil Industria Marmi e Graniti;*
- *Lm 11,500 li hallas ghax-xiri tal-art*

  *<u>Total ta' Lm 21,133.53 ekwivalenti ghal €49,227.91</u>*

*Ircevuti li jirrizulta li thallsu mill-kont kongunt tal-partijiet, anke jekk qabel iz-zwieg u ghalhekk ebda ekwiparazzjoni m'hi dovuta dwarhom:*

- *Dok XA7 – L-ircevuta ta' Aplan Limited fl-ammont ta' Lm 130 datata 31 ta' Lulju 2000, jidher li thallset mill-kont kongunt tal-kontendenti*[141];[142]
- *Dok XA8 –L-ircevuta ta' Aplan Limited fl-ammont ta' Lm 100 datata 19 t'Ottubru 2000, jidher li thallset mill-kont kongunt tal-kontendenti*[143];[144]
- *Dok XA10 - L-ircevuta ta' Aplan Limited fl-ammont ta' Lm 100 datata 27 t'Ottubru 2000, jidher li thallset mill-kont kongunt tal-kontendenti*[145];[146]

*Is-segwenti ricevuti huma datati wara z-zwieg u ghaldaqstant ebda parti m'ghandha d-dritt li tirreklamahom minghand il-parti l-ohra:*

- *Dok XA1 - L-ircevuta ta' Emm. Zammit & Associates*
- *Dok XA19 – L-ircevuta ta' Robba Ltd*
- *Dok XA23 – L-ircevuta ta' Aplan Limited*
- *Dok XA25 – L-ircevuti ta' Archwood*
- *Dok XA26 – L-ircevuti ta' Archwood*
- *Dok XA27 – Uhud mill-ircevuti ta' Archwood*
- *Dok XA28 – Uhud mill-ircevuti ta' Archwood*
- *Dok XA29 – L-ircevuta ta' Hal Mann*

[141] Immarkat Dok RA11, a fol. 1063 tal-process
[142] L-ircevuta mmarkata bhala Dok XA14 hija repetizzjoni tal-ircevuta mmarkata Dok XA7
[143] Immarkat Dok RA11, a fol. 1065 tal-process
[144] L-ircevuta mmarkata bhala Dok XA15 hija repetizzzjoni tal-ircevuta mmarkata Dok XA8
[145] Immarkat Dok RA11, a fol. 1065 tal-process
[146] L-ricevuta immarkata bhala Dok XA 12 hija ripetizzjoni ta' Dok XA10

*Kontijiet tad-Dawl u Ilma*

*Il-kont tad-dawl u l-ilma kienu punt centrali fis-separazzjoni odjerna u fil-fatt il-partijiet intavolaw mill-inqas tmien rikorsi dwar l-istess mertu. Ghalkemm fil-maggor parti tad-drabi, il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attur li martu tigi ordnata thallas l-imsemmija kontijiet, eventwalment b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2014*[147]*, il-Qorti kienet ordnat li l-kont ghandu jithallas minn C B b'effett mid-data minn meta r-rikorrent telaq mid-dar. Ghalkemm l-intimata talbet ghar-revoka tal-istess u talbet li hi thallas mid-data minn meta fattwalment A B ma baqax jikkonsma dawl u ilma, dik it-talba giet michuda.*

*Mhux kontestat li l-kontijiet relattivi ghall-fond matrimonjali kienu sostanzjali bhalma kien il-konsum. Mhux kontestat lanqas li mal-arlogg tad-dar, kien hemm ukoll imqabbad id-dawl u l-ilma tal-garage, li l-konvenut kien juza' biex jiccargja l-vettura bi freezer, li kien juza' ghax-xoghol tieghu. Jirrizulta li fattwalment il-konvenut baqa' jaghmel uzu mill-imsemmi garage sa' Awwissu/Settembru 2013 u dan kif xehed quddiem il-Qorti waqt is-smiegh tat-talba ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2014.*[148] *Irid jinghad li sa dakinhar il-kont kien ta' Eur 7,000 u dan skont l-inkartament ezebit mill-attur innifsu.*[149]

*Nonostante tali fatt, jirrizulta li hadd mill-partijiet ma hallas ghall-imsemmi kont, li baqa' tiela' anke bil-penalitajiet u l-imghaxijiet legali, sakemm is-socjeta` ARMS Ltd, procediet fil-konfront tal-attur A B, li pruva da parti tieghu, jattakka tali proceduri b'rikors appozitu quddiem il-Magistrat Francesco Depasquale. Gustament il-Magistrat Depasquale, fis-sentenza tat-12 t'Ottubru 2017 ikkonkluda li dak li kien qed jigri fis-separazzjoni tal-konjugi B ma kienx jorbot lil terzi, f'dal-kaz lis-socjeta` ARMS Ltd u ghalhekk cahad it-talbiet ta' A B. B'konsegwenza s-socjeta` ARMS Ltd intavolat il-mandati opportuni u jidher li wara li inqabdu flejjes mill-kont tal-attur, il-kont in kwistjoni gie finalment saldat bejn l-ahhar tas-sena 2021 u l-bidu tas-sena 2022 meta thallsu s-somom ta' Eur 11,700 permezz ta' zbank mill-Qorti u s-somma ulterjuri ta' Eur 996.20 u dan kif jirrizulta mill-inkartament prezentat mill-attur fis-seduta tal-15 ta' Dicembru 2022*[150]*. Fl-ahhar xhieda tieghu huwa jitlob li dawn jigu mehudha in konsiderazzjoni dil-qasma tal-assi.*

---

[147] A fol. 371 tal-process
[148] Fl-atti tar-rikors gurametatat 373/11/2, a fol. 16 sa 27 tal-process
[149] Rendikont tal-kont tal-ARMS jinsab a fol. 44 u 45 fl-atti tar-rikors gurametatat 373/11/2
[150] A fol. 2442 sa 2448 tal-process

*Jirrizulta li sakemm is-socjeta` ARMS Ltd procediet bl-ittra ufficjali taghha, fit-30 ta' April 2015, l-ammont dovut inkluz l-interessi kienu jammontaw ghall-€8,230.12 u sakemm giet deciza l-procedura quddiem il-Magistrat Depasquale u fattwalment sar il-hlas sfurzat, tramite l-mandat ta' sekwestru, l-ammont zdiet b'€4,466.08 ohra ghaliex il-kontendenti ma kienux kapaci jinsew ghall-mument il-piki ta' bejniethom; mentri kieku l-ammont gie saldat kif appena mqar giet deciza l-kawza mill-Magistrat Depasquale, kienu jiffrankaw mill-inqas 4 snin t'interessi legali.*

*Fic-cirkostanzi, tenut kont tad-digrieti varji li gew moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fuq dan il-punt (li hadd miz-zewg partijiet m'obda u ghalhekk baqghu ghaddejjin il-penali u l-interessi), tenut kont tat-tortijiet li rrizultaw u tenut kont li sa Settembru 2013 bhala stat ta' fatt mhux kontestat, l-attur kien qed jaghmel uzu mill-imsemmi dawl u ilma, l-esponenti tissottometti illi l-imsemmi kont ghandu jithallas in kwantu ghall-€7,000 mill-attur u l-bilanc kollu rimanenti mill-intimata.*

*Stante li jirrizulta li fattwalment l-attur diga' hallas ghall-istess, fl-ammont komplessiv ta' €12,696.20, dan ifisser li l-intimata trid tirrifondi lill-attur is-somma ta' €5,696.20.*

*Ghaldaqstant in riassunt, l-esponenti tissottometti illi l-propjeta` immobbli kollha ghandha tigi vvaluta minn Perit Arkitett appuntat minn din l-Onorabbli Qorti u titpogga ghall-bejgh fis-suq liberu, b'dana illi mir-rikavat:*

*L-attur ghandu jircievi s-segwenti flejjes:*

- *€ 50,000 bhala kumpens ghax-xoghol li ghamel fil-fond matrimonjali qabel iz-zwieg*
- *€ 49,227.91 ekwivalenti ghal Lm 21,133.53 ghal spejjez li huwa hareg qabel iz-zwieg;*

*Total ta' € 99,227.91*

*L-intimata ghandha tircievi s-segwenti flejjes:*

- *€ 33,177.29 ekwilvanti ghal Lm 14,243 ghal spejjez li hija harget qabel iz-zwieg*
- *€ 4,778.78 rapprezentanti spejjez li hija inkorriet wara li inharqet il-kcina fis-17 ta' Settembru 2020.*

*Total ta' €37,956.07*

*U r-rikavat jinqasam, b'dana illi minn sehem l-intimata imbaghad titnaqqas is-somma ta' €5,696.20 u tigi mghoddija lill-attur ghall-kontijiet ta' dawl u ilma li huwa hallas kif spjegat hawn fuq.*

*L-Ghamara*

*Fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, l-attur prezenta elenku tal-ghamara kollha li tinsab fid-dar matrimonjali u l-partijiet anke qablu dwar il-valur u l-istima tal-istess, bil-valur komplessiv ta' €34,071.*[151] *Jirrizulta li l-kcina inharqet u l-attrici rrangata a spejjez taghha fis-sena 2020.*

*F'dan ir-rigward, l-esponenti tissottometti illi kwalsiasi ghamara u mobbli li C B akkwistat wara s-sena 2014 u li jirrizultaw mill-ircevuti pprezentati minnha b'nota tal-20 ta' Novembru 2021*[152] *ghandhom jigu assenjati u jittiehdu minnha, filwaqt li l-kumplament tal-ghamara, ghandha tigi diviza bejn il-kontendenti, u fejn mhux possibbli u/jew jekk ma jkunx hemm qbil, tinbiegh mal-propjeta`.*

***ii. Il-Garage li jinsab biswit id-dar konjugali***

*Fir-rigward tal-Garage li jinsab biswit id-dar konjugali, li l-partijiet jirreferu ghalih bhala l-"garage iz-zghir" jidher li l-partijiet m'ghandhomx kontestazzjonijiet dwaru. Bl-istess mod, ghalkemm il-partijiet, fin-noti guramentati rispettivi taghhom, intavolati fil-bidu tal-proceduri odjerni, kien qablu fuq il-valur tal-imsemmi garage, irid jinghad li minn tali stima ghaddiet tlettax-il sena. In vista tal-fatt li bhalma jaf kulhadd il-valur tal-bini fl-ahhar snin sploda, u tenut kont tat-trepass taz-zmien l-esponenti tissottometti illi l-Qorti ghandha tinnomina Perit Arkitett sabiex jivvaluta anke dan il-garage u jistabilixxi l-valur tal-istess.*

***iii. Il-vetturi***

[151] A fol. 851 tal-process
[152] A fol. 2385 sa 2408 tal-process

*Jirrizulta u mhux kontestat li tul iz-zwieg il-partijiet kellhom tliet vetturi u cioe` t-Toyota Ractis tas-sena 2006 li tintuza' mill-intimata, l-Isuzu Elf tas-sena 1998 li tintuza' mill-attur u li ilha registrata fuq ismu mis-sena 2004 u s-Subaru Legacy tas-sena 2008 li wkoll tintuza' mill-attur[153].*

*Jirrizulta li l-partijiet ma gabux stejjem tal-imsemmija vetturi, salv ghas-Subaru Legacy li jidher li inxtara fiz-zwieg bil-hire and purchase ffirmat fit-3 ta' Settembru 2008 bejn l-attur u RRSS ghan-nom ta' SSco Ltd versu l-prezz ta' €36,800. L-esponenti tissottometti illi l-intimata ghandha tigi assenjata l-vettura li taghmel uzu minnha hi u cioe` t-Toyota Ractis, l-attur ghandu jigi assenjat l-Isuzu Elf u s-Subaru Legacy li dejjem kien fil-pussess tieghu, u tenut kont tat-tortijiet ghandu jghaddi lill-martu s-somma ta' €4,000 bhala sehemha mill-istess vettura.*

***iv. Il-Kontijiet bankarji***

*Illi wara li rat l-inkartament ezebit mir-rapprezentanti tal-banek fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2012, u l-ammonti li jinsabu fl-istess, li huma minimi, l-esponenti tissottometti illi kull parti ghandha tigi assenjata l-kontijiet bankarji li jinsabu intestat f'isimha.*

*Ma jidhirx li ghad fadal kontijiet kongunti pendenti bejn il-kontendenti, pero` ghal kull buon fini, l-esponenti tissottometti illi jekk jirrizulta xi kont dan ghandu jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet.*

***v. L-Investimenti ta' Jesmond Mizzi Financial Advisors Ltd***

*Illi mix-xhieda moghtija minn S PP, ir-rapprezentanta tas-socjeta` Jesmond Mizzi Advisors Ltd jirrizulta li sal-21 ta' Gunju 2021, l-attur kellu 4 securities mizmuma maghhom. 2 minnhom kienu shares u tnejn minnhom funds.*

*Ghalkemm fir-risposta intavolata minnu nhar l-4 ta' Mejju 2012[154] wara r-rikors tal-intimata tat-18 t'April 2012[155] sabiex jigu r-rapprezentanti ta' DBR Investments jixhdu dwar investimenti fuq ismu, A B m'opponiex ghax ikkontenda li ser jirrizulta li dawn kienu u ghadhom propjeta` parafernali*

[153] A fol. 193 sa 195 tar-rikors guramentat 373/11/1
[154] Fl-atti tar-rikors guramentat 373/11/1, a fol. 6 et seq tal-process
[155] Fl-atti tar-rikors guramentat 373/11/1, a fol. 201 tal-process

*tieghu stante li l-istess investiment sar qabel is-sena 2000, mill-atti processwali dan ma jirrizultax. Fil-fatt mix-xhieda ta' S PP jirrizulta biss stat ta' fatt ezistenti fis-sena 2021.*

*Stante li l-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi B giet itterminata fit-18 ta' Gunju 2014, l-esponenti tissottometti illi l-shares bl-isem 'Nokia OYJ FN' u 'VeoSS Environment' ghandhom jigu likwidati bil-valur tal-lum u jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti, filwaqt li l-Funds li l-attur ghamel wara s-sena 2014 ghandhom jigu assentjati lilu. F'kaz li jirrizulta li A B diga' llikwida l-imsemmija shares li nofshom ghandhom jigu assenjati lil C B, huwa ghandu jigi jirrifondi lill-martu s-somma ta' €983.54 u cioe` nofs il-valur tal-istess shares sal-21 ta' Gunju 2021*[156] *jew somma ohra verjuri f'kaz li s-somma li huwa rcieva ghall-istess minn Jesmond Mizzi Financial Advisors Ltd hi akbar.*

## ***<u>15. It-Talba Ai Termini tal-Artikolu 66F tal-Kodici Civili</u>***

*Illi permezz tar-rikors tieghu tal-15 ta' Frar 2016 l-attur talab li l-ewwel talba tieghu fil-proceduri odjerni, u cioe` dik ta' separazzjoni personali tigi konvertita f'talba ghal divorzju. L-intimata jirrizulta li opponiet ghall-istess talba.*

***66B.*** *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjoduta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

[156] Kif jirrizulta minn fol. 2150 tal-process

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti;*

*u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

*Applikati l-principji legali ghall-kaz odjern, jirrizulta li l-partijiet ormai ilhom jghixu separati de facto ghall-kwazi tlettax-il sena shah, u tajjeb jew hazin, sal-lum, il-manteniment tal-ulied jidher li dejjem thallas, anke jekk forsi l-intimata ma qablitx mas-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi ghalhekk, sal-lum, r-rekwiziti li trid il-ligi ghal talba ghall-konversjoni tal-proceduri fi proceduri ta' hall taz-zwieg, flok ta' separazzjoni personali, u l-eventwali ghoti tad-divorzji huma sodisfatti u ghalhekk din it-talba ghandha tintlaqa'.*

*Dan ovvjament minghajr pregudizzju ghal kull parti, li wara l-ghoti tas-sentenza, anke in vista tan-nuqqas ta' talbiet imressqa fir-rigward tal-ulied tal-kontendenti, tirregola ruhha kif l-ahjar tqis opportun.*

***Konkluzjonijiet***

*Illi għalhekk, mill-provi kollha prodotti u fil-fehma umli ta' l-esponenti, din l-Onorabbli Qorti għandha:*

1. *Tilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fir-rikors tieghu tal-15 ta' Frar 2016 u tikkonverti l-ewwel talba ta' separazzjoni personali f'wahda ta' divorzju;*

2. *Konsegwentement, tilqa' l-ewwel talba tar-rikors guramentat u tippronunzja s-separazzjoni personali, kif konvertita f'talba ghall-hall taz-zwieg, bejn il-kontendenti ghal ragunijiet attribwibbli liz-zewg partijiet, anke jekk mhux f'ishma indaqs bejniethom u dan kif spjegat iktar 'il fuq.*

3. *Tichad it-tielet talba;*

4. *Tilqa' r-raba' talba u tordna l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, skont il-modalitajiet u skont kif spjegat aktar fid-dettal taht is-subtitolu 'Terminazzjoni, Likwidazzjoni u Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti;*

5. *Tilqa' l-hames talba limitatament skond il-modalitajiet hekk kif spjegati aħjar fil-paragrafu intitolat 'Dekadenza';*

6. *Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata safejn dawn huma inkompatibbli mat-talbiet tal-attur li gew milqugha;*

7. *Fir-rigward tas-sitt talba dwar l-ispejjez, dawn ghandhom jithallsu in kwantu hamsa u sebghin fil-mija (75%) mill-attur u kwart (25%) mill-intimata.*

*Tant għandha l-unur tissottometti l-esponenti għas-savju u superjuri ġudizzju ta'din l-Onorabbli Qorti.*

***Rendikont tar-rikors, risposta u nota tal-Agenzija Appogg intavolati fil-proceduri ta' bejn A B u C B***

*1. Permezz ta' rikors tat-18 t'April 2012*[157] *l-intimata talbet li l-Qorti:*

- *Tordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' Eur 100 fil-gimgha ghal kull minuri;*
- *Tordna li l-access tal-intimat versu l-ulied ikun wiehed stabbilit b'gurnata u hin u li l-access ikun supervizjonat;*
- *Tordna li l-intimat jigi allontanat mir-residenza matrimonjali u tawtorizza lilha sabiex tibdel ic-cavetta tal-bieb ta' barra u*
- *Tappunta r-rikors ghas-smiegh jekk thoss il-htiega*

*2. Permezz ta' rikors iehor tat-18 t'April 2021*[158]*, l-intimata talbet li l-Qorti:*

- *Tordna lid-DBR Investments tirrilaxxa r-rendikonti tal-investimenti f'isem A B mid-data taz-zwieg fil-15 ta' Settembu 2001 sal-lum;*

*L-attur intavola risposta wahda, datata 4 ta' Mejju 2012*[159] *ghaz-zewg rikorsi datati 18 t'April 2012 f'liema huwa:*

- *M'opponiex ghat-talba fir-rigward tad-DBR Investments anke ghaliex ikkontenda li ser jirrizulta li dawn kienu u ghadhom propjeta` parafernali tieghu stante li l-istess investiment sar qabel is-sena 2000.*
- *M'opponiex ghat-tieni talba ghar-rikors dwar il-manteniment u l-access, u cioe` li l-access ikun determinat u stabbilit u lanqas m'oppona li inizzjalment ikunu b'xi forma ta' supervizjoni adegwata.*
- *Huwa oppona ghall-kumplament tat-talbiet*

*Dan iz-zewg rikorsi gew appuntati ghas-smiegh u l-partijiet xehdu viva voce quddiem il-Qorti fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2012*

*B'digriet tat-22 ta' Gunju 2012*[160]*, il-Qorti ordnat:*

- *Li l-attur ihallas Eur 200 kull erbgha' gimgha ghal kull wild bhala manteniment*
- *Li l-attur jara lit-tfal fi hdan l-Appogg fi granet u hinijiet stabbiliti mill-Appogg;*
- *Cahdet it-tielet talba ta' zgumbrament u li tibdel s-serratur tal-fond matrimonjali*

---

[157] Fl-atti tar-rikors guramentat 373/11/1, a fol.
[158] Fl-atti tar-rikors guramentat 373/11/1, a fol. 201 tal-process
[159] Fl-atti tar-rikors guramentat 373/11/1, a fol. 6 et seq tal-process
[160] Fl-atti tar-rikors guramentat 373/11/1, a fol. 200 tal-process

*B'digriet iehor tat-22 ta' Gunju 2012, il-Qorti laqghet it-talba fir-rigward tal-investiment tad-DBR b'dana illi l-istess kumpanija tirrilaxxa l-informazzjoni u taghti rendikont ukoll tal-investimenti f'isem C B mid-data taz-zwieg sa dakinhar.*

*3. Permezz ta' rikors tal-14 ta' Awwissu 2012[161], l-attur intavola rikors fejn talab li l-Qorti tordna sabiex pendente lite l-kontijiet ghas-servizzi tad-dawl u ilma tad-dar matrimonjali jithallsu bejn il-partijiet skont kif tordna l-Qorti; liema talba giet michuda b'digriet tat-8 ta' Ottubru 2012[162].*

*4. Permezz ta' rikors tas-27 ta' Settembru 2012[163], C B talbet li l-Qorti:*

*1. Tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tat-22 ta' Gunju 2012 fis-sens illi:*

*- Tawmenta l-manteniment ghall-minuri u tordna lill-intimat ihallas nofs l-ispejjez ghal sahha u edukazzjoni, inkluz attivitajiet extra-kurrikulari kif ukoll jghaddi arretrati fl-ammont ta' Eur 2,100 bhala sehmu ta' nofs indiviz ghal sahha u edukazzjoni ghal din is-sena;*
*- Tordna li l-access versu l-attur jsir f'post child friendly u mhux gewwa l-Agenzija Appogg sabiex ma ssirx aktar hsara lill-minuri;*
*- Tordna lill-attur ma jidholx fir-residenza matrimonjali bejn id-9pm u s-7am u li f'dawn il-hinijiet ikun jista' jaccedi biss ghall-garaxx sottostanti r-residenza matrimonjali;*

*2. Tordna manteniment mensili ghall-esponenti stante li hija ma tahdimx u ma ddekadietx ghall-manteniment;*

*3. Tordna l-bejgh tal-vettura marka Subaru Legacy;*

*4. Tappunta r-rikors ghas-smiegh, anke biex tisma' lil Dr Mark Xuereb u s-social workers tal-Agenzija Appogg;*

*L-attur intavola risposta ghall-imsemmi rikors nhar it-8 ta' Ottubru 2012[164] permezz ta' liema huwa oppona ghat-talbiet ta' martu. Dak ir-rikors gie deciz finalment b'digriet tal-10 t'Ottubru 2012[165] fejn il-Qorti awmentat il-manteniment tal-minuri ghall-Eur 500 fix-xahar, varjat l-access fis-sens li ma jibqax isir gewwa l-Agenzija Appogg izda fiz-Zurrieq, u mhux fil-prezenza tal-Omm u cahdet il-kumplament tat-talbiet.*

[161] A fol. 29 tal-process
[162] A fol. 36 tal-process
[163] A fo. 38 sa 41 tal-process
[164] A fol. 57 u 58 tal-process
[165] A fol. 66 tal-process

*Fil-verbal tad-29 t'Ottubru 2012 gie maqbul illi l-attur jista' jezercita l-access tieghu kull nhar ta' Erbgha fis-6.30pm hlief darba kull tliet gimghat meta t-tfal jaraw xi counsellors kif ukoll nhar ta' Hadd mill-10am sas-2pm.*

*5. Fit-12 ta' Ottubru 2012*[166] *l-Agenzija Appogg intavolat nota li permezz taghha informat lill-Qorti illi:*

- *Beda jinzamm access b'supervizjoni bejn il-missieru u z-zewg minuri, JJ u KK, ahwa B kif ordnat minn din il-Qorti b'digriet tat-22 ta' Gunju 212.*
- *Li inzammut biss tliet laqghat ta' access, waqt liema l-omm kellha tibqa' fil-kamra ghaliex it-tfal ma ridux joqoghdu ghall-access minghajrha;*
- *Li l-access mhux qed jinzamm peress li l-Omm qieghda tirrifjuta li ggib lill-minuri aktar ghall-access u dan allegatament fuq parir tal-psikjatra li qed issegwi lill-minuri;*

*6. Fil-21 ta' Dicembru 2012, C B regghet intavolat rikors*[167] *f'liema did-darba ghamlet talba ghall-avukat tat-tfal u sabiex jinstema' l-psikatra tal-minuri Dr Mark Xuereb u lill-Haddiema Socjali li jahdmu fi hdan l-Appogg. Fis-7 ta' Jannar 2013, l-attur intavola r-risposta tieghu*[168] *fejn oppona ghall-istess talba u l-Qorti cahdet it-talbiet kollha ta' C B permezz ta' digriet tad-9 ta' Jannar 2013.*[169]

*7. Fit-8 ta' Jannar 2013, A B intavola rikors*[170] *f'liema talab li martu tigi ordnata thallas l-kont pendenti u dawk futuri tad-dawl u tal-ilma fuq id-dar matrimonjali li sa dakinhar kien fl-ammont ta' Eur 2,665.79, kif ukoll li jigi ordnat li hadd ma jista' jidhol fid-dar matrimonjali ghajr ghall-partijiet u l-minuri. L-intimata wiegbet ghal tali rikors b'risposta datata 22 ta' Jannar 2013*[171] *u l-Qorti ddecidiet l-istess rikors b'mod finali b'digriet tat-23 ta' Jannar 2013*[172] *f'liema cahdet it-talbiet tal-attur.*

*8. Fil-21 ta' Frar 2013, A B rega' intavola rikors iehor b'talbiet simili bhar-rikors tat-8 ta' Jannar 2013 u zied li se mai l-kontijiet ghandhom jithallsu mill-intimata minn ommha jew min-nannitha li sadanittant kienu awmentaw ghall-Eur 3,057. L-intimata wiegbet ghall-imsemmi rikors b'risposta datata 2 t'April 2017*[173] *u din il-Qorti cahdet l-imsemmija talbiet b'digriet tal-4 t'April 2013.*[174]

---

166 A fol. 32 tal-process
167 A fol. 76 sa 79 tal-process
168 A fol. 81 u 82 tal-process
169 A fol. 84 tal-process
170 A fol. 88 sa 94 tal-process
171 A fol. 96 sa 135 tal-process
172 A fol. 136 tal-process
173 A fol. 142 sa 144 tal-process

*Fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2013[175], il-Qorti varjat id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru 2012 u ordnat li l-Omm ghandha tiehu lit-tfal l-ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq kull nhar ta' Erbgha fis-6pm u terga' tigborhom minn hemm fit-8pm, kif ukoll nhar ta' Hadd fl-10am u terga' tigborhom fis-2pm. Il-Qorti ordnat li l-missier ghandu kull dritt li jattendi l-knisja dakinhar tal-precett tal-wild, kif ukoll li jpoggi hdejh u jiehu ritratt mieghu u mal-familja, b'dana illi ghandu jhallas ghal nofs l-ispejjez tal-libsa u taz-zarbun tal-precett. Filwaqt li l-intimata ppromettiet li ser tghaddi kopja tac-cavetta tal-kamra imsakkra li tinsab fid-dar matrimonjali lill-attur.*

*9. B'rikors tat-30 ta' Mejju 2013[176], l-intimata talbet li l-attur jigi ordnat ihallas l-arretrati kollha dovuti lill-ARMS Fuq kontijiet ghal servizzi tad-dawl u ilma u f'kaz ta' inadempjenza da parti tieghu tiehu passi ghal disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u dan stante li hija ssostni li huwa qabad u waqqaf il-hlasijiet tal-kontijiet u l-awtorita` relattiva kienet ser tissospendi s-servizz.*

*Permezz tar-risposta tal-11 ta' Gunju 2013[177] l-attur oppona ghal tali talba u b'digriet tat-12 ta' Gunju 2013[178] il-Qorti ordnat li jigu ezebiti l-kontijiet tal-ARMS meta kien jghix fid-dar l-attur u l-kontijiet ta' meta ma baqax jirrisjedi hemm, kif ukoll illi jigi ezebiet il-kont tal-arretrati dovuti. L-attur prezenta nota fil-25 ta' Gunju 2013 b'dak rikjest mill-Qorti, liema tinsab a fol. 164 sa 184 tal-process u in segwitu ghal dik id-dokumentazzjoni b'digriet tal-25 ta' Gunju 2013[179], il-Qorti cahdet it-talba tal-intimata.*

*10. Illi b'rikors tas-16 ta' Mejju 2014[180], A B talab li l-Qorti tordna li l-kontijiet tad-dawl u ilma jithallsu mill-intimata, li hadd ma jkun jista' jidhol fid-dar matrimonjali salv ghall-partijiet u l-minuri u li l-access tieghu m'ulied isir mhux fil-prezenza tal-intimata, darbtejn fil-gimgha u bl-akkumpanjament ta' ufficjali tal-Agenzija Appogg.*

*L-intimata wiegbet ghall-imsemmi rikors b'risposta datata l-4 ta' Gunju 2014[181] u sussegwentement il-Qorti tat digriet fil-5 ta' Gunju 2014[182] f'liema:*

- *ordnat lil A B jhallas il-kont pendenti sal-ahhar ta' Settembru 2013;*
- *ordnat illi ebda terzi persuni li mhux membri tal-familja m'ghandhom jidhlu fid-dar taz-zwieg u*

[174] A fol. 145 tal-process
[175] A fol. 152-153 tal-process
[176] A fol. 155 – 156 tal-process
[177] A fol. 159 – 161 tal-process
[178] A fol. 162 tal-process
[179] A fol. 163 tal-process
[180] A fol. 191 sa 201 tal-process
[181] A fol. 204 sa 247 tal-process
[182] A fol. 248 tal-process

- *ordnat lill-attur jara lill-minuri taht supervizjoni fl-Agenzija Appogg darba fil-gimgha ghal siegha u nofs, fil-granet u hinijiet stabbilita mill-istess Agenzija*

*11. B'rikors tat-3 ta' Lulju 2014[183], A B talab forma ta' revoka tad-digriet tal-5 ta' Gunju 2014 u ressaq is-segwenti talbiet:*

- *li l-Qorti tappuna r-rikors ghas-smiegh sabiex tisma' lill-partijiet;*
- *fin-nuqqas li tigi accettata l-ewwel talba tieghu u tordna li l-kont pendenti u dawk future jithallsu unikament mill-intimata;*
- *li tordna li l-access tieghu ghaz-zewgt itfal isir minghajr il-prezenza tal-intimata;*

*L-intimata intavolat risposta nhar it-30 ta' Lulju 2014[184] fejn ghal darb'ohra opponiet it-talbiet ta' zewgha u din il-Qorti cahdet it-talbiet ta' A B b'digriet tat-30 ta' Lulju 2014.[185]*

*12. B'rikors tal-14 ta' Novembru 2014[186] l-attur talab:*

- *tappunta r-rikors ghas-smiegh biex tisma' l-partijiet;*
- *fin-nuqqas li tigi accettata l-ewwel talba tieghu u tordna li l-kont pendenti u dawk future jithallsu unikament mill-intimata;*
- *tordna li l-access tieghu ghaz-zewgt itfal isir minghajr il-prezenza tal-intimata mill-inqas darbtejn f'gimgha;*
- *tordna l-bejgh tal-garaxx iz-zghir li hemm magenb id-dar u dan bil-prezz stabbilit mill-Perit Ellul Vincenti*

*B'risposta datata 28 ta' Novembru 2014[187] l-intimata opponiet ghall-istess talbiet, filwaqt li b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2014[188] cahdet l-ewwel, it-tielet u r-raba' talbiet, il-Qorti laqghet it-tieni talba fis-sens li l-intimata giet ordnata hallas l-kontijiet tad-dawl u ilma mid-data minn meta r-rikorrent telaq mid-dar.*

*13. Permezz ta' rikors tal-20 ta' Jannar 2015[189], l-intimata talbet li l-Qorti:*

- *tappunta r-rikors ghas-smiegh;*
- *li tordna li l-kontijiet tad-dawl u ilma jithallsu mill-attur, mid-data mhux minn meta huwa telaq mid-dar, izda minn meta waqaf jikkonsma dawl u ilma u cioe` anke fuq ammissjoni tieghu stess sal-15 ta' Settembru 2013;*

---

[183] A fol. 251 sa 253 tal-process
[184] A fol. 263 sa 266 tal-process
[185] A fol. 307 tal-process
[186] A fol. 313 sa 316 tal-process
[187] A fol. 338 sa 343 tal-process
[188] A fol. 371 tal-process
[189] A fol. 373 sa 377 tal-process

- *tawtorizzaha tibdel is-serratura tal-bieb ta' barra*

*L-attur wiegeb ghar-rikors, b'risposta tat-28 ta' Jannar 2015[190] oppona ghall-istess talba, u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2015[191] il-Qorti cahdet it-talbiet tal-intimata.*

*14. B'rikors tal-20 ta' Jannar 2015[192], C B ressqet talba quddiem il-Qorti fejn talbet:*

- *li r-rikors jigi appuntati ghas-smiegh;*
- *li tordna li l-manteniment mensili ghall-ulied jigi awmentat u dan stante l-bzonnijiet taghhom;*
- *li tordna l-bejgh tal-vettura tal-marka Subaru Legacy b'dana illi r-rikavat jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet*

*Illi b'risposta tat-28 ta' Jannar 2015[193], l-attur oppona ghall-istess talbiet u l-Qorti cahdet it-talba b'digriet tat-30 ta' Jannar 2015.[194]*

*15. Nhar is-17 ta' Frar 2015[195], l-Agenzija Appogg intavolat nota fejn gabet a konjizzjoni ta' din il-Qorti s-segwenti:*

- *l-access b'supervizjoni qed jinzamm b'mod regolari gewwa l-bini tal-Appogg;*
- *li l-omm dejjem tkun prezenti waqt l-access u b'hekk il-minuri m'ghandhomx opportunita` li jkunu wahidhom ma' missierhom;*
- *li l-minuri jkunu dejjem rezistenti ghall-kuntatt ma' missierhom specjalment fil-bidu tal-access, izda sal-ahhar tas-sessjoni ikunu jidhru iktar komdu u finalment*
- *rrakkomandaw li l-access jibda jsir barra l-bini tal-Agenzija minghajr il-prezenza tal-Omm u f'ambjent iktar familjari ghall-minuri u konvenjenti ghall-partijiet*

*Iz-zewg partijiet intavolaw risposta in segwitu ghan-nota tal-Appogg, l-attur intavola nota datata 27 ta' Frar 2015[196] filwaqt li l-intimata intavolat risposta datata 5 ta' Marzu 2015[197]. B'digriet tal-5 ta' Marzu 2015[198], il-Qorti ordnat illi l-access isir taht is-Supervizjoni tal-Agenzija Appogg izda barra mill-binja tal-Appogg u fir-residenza tal-Missier, b'dana illi l-Omm m'ghandhiex tkun prezenti fl-ebda hin tul l-access.*

---

[190] A fol. 379 sa 280 tal-process
[191] A fol. 517 tal-process
[192] A fol. 519 sa 522 tal-process
[193] A fol. 524-525 tal-process
[194] A fol. 699 tal-process
[195] A fol. 701 tal-process
[196] A fol. 705 tal-process
[197] A fol. 709 tal-process
[198] A fol. 718 tal-process

*16. Fl-14 ta' April 2015, l-Agenzija Appogg intavolat nota ohra*[199] *fejn gabet a konjizzjoni tal-Qorti s-segwenti:*

- *li wara l-ahhar digriet, l-access kien sar b'success darba biss;*
- *li l-Omm qed tibqa' fil-lok u allura t-tfal ma jkunux iridu jidhlu ghand il-missier;*
- *li l-Omm qed tinsisti li hija tkun prezenti ghax it-tfal iriduha maghhom;*
- *li x-xenati kontinwi li qed taghmel l-omm waqt kull vista ta' access qed ikunu ta' trawma psikologika ghall-minuri u talbu l-intervent tal-Qorti.*

*B'digriet tal-15 ta' April 2015, a fol. 725 tal-process, il-Qorti ordnat lill-intimata biex tobdi d-digriet taghha tal-5 ta' Marzu 2015 u ma tibqax tinsisti li tibqa' mal-minuri waqt l-access u regghet ordnatielha sabiex titlaq immedjatament mill-post wara li twassal lill-minuri ghall-access u rriservat li tiehu passi ulterjuri fil-konfront taghha jekk ma tottemperax ruhha mal-istess ordni.*

*17. Fit-18 ta' Settembru 2015, l-Agenzija Appogg intavolat nota ohra*[200]*:*

- *li l-access qed jinzamm gewwa r-residenza tal-missier;*
- *li l-access mhux qed ikun ta' beneficcju ghat-tfal, specjalment ghal KKn, stante li l-minuri qed ikollhom mgieba distruttiva fejn juru li ma jixtiequx ikunu ma' missierhom f'dan l-istadju;*
- *li l-omm qed tikkopera mal-haddiema socjali u twassalhom u toqghod tistennihom ta' kull gimgha u li l-minuri spiss jitolbu lill-omm ghac-cavetta tal-karozza ghax ihossuhom imbezzghin minn missierhom u jkunu jridu jhossu s-sigurta` li hemm ommhom fil-vicin;*
- *li l-missier mhux jghin fis-sitwazzjoni u mhux qed jirnexxielu jibni relazzjoni mat-tfal tant li huma ghandhom relazzjoni iktar tajba mas-supervisor tal-access milli mieghu;*
- *u rrakkomandaw li l-access jinzamm f'ambjent fejn it-tfal ihossuhom komdi jew gor-residenza tat-tfal fiz-Zurrieq jew f'xi lok barra r-residenza pero` xorta gewwa z-Zurrieq u l-vicinanzi.*

*Iz-zewg partijiet wiegbu ghal tali nota, l-attur permezz ta' risposta datata 1 t'Ottubru 2015*[201] *u l-intimata permezz ta' risposta datata wkoll l-1 t'Ottubru 2015*[202]*. B'digriet tal-1 t'Ottubru 2015*[203]*, il-Qorti laqghet is-suggeriment tal-Agenzija Appogg biex l-access jibda jsir iz-Zurrieq, anke fir-residenza tat-tfal b'dana pero` illi m'ghandha qatt tkun prezenti C B. Il-Qorti qalet ukoll li l-access m'ghandux jizdied f'dan l-istadju izda jinghata access addizzjonali jekk ghal xi raguni, il-missier ma jinghatax access ghall-ulied.*

---

[199] A fol. 723-724 tal-process
[200] A fol. 729 tal-process
[201] A fol. 732-733 tal-process
[202] A fol. 734-735 tal-process
[203] A fol. 736 tal-process

*18. B'rikors tal-4 ta' Settembru 2015[204], l-intimata intavolat rikors permezz ta' liema talbet li l-Qorti tordna lill-attur ihallas nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ghaz-zewg ulied, oltre l-manteniment. L-attur oppona ghall-istess talba, b'risposta datata 9 ta' Novembru 2015[205] u b'digriet tal-10 ta' Novembru 2015[206], il-Qorti cahdet it-talba.*

*19. Illi b'rikors tas-16 ta' Novembru 2015[207], l-intimata talbet biex tappella mid-digriet tal-10 ta' Novembru 2015 wara li rat ir-risposta tal-attur datata 7 ta' Dicembru 2015[208], b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2015, il-Qorti cahdet tali talba.[209]*

*20. Fl-1 ta' Marzu 2016, l-Agenzija Appogg ghal darb'ohra intavolat nota[210] f'liema gabet a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti s-segwenti:*

- *li l-access b'supervizjoni qed isir darba fil-gimgha ghal siegha u nofs kull darba, fir-residenza tal-minuri;*
- *li l-omm tikkopera u dejjem taghti l-ispazju lit-tfal sabiex ikollhom hin ma' missierhom;*
- *li l-minuri JJ gieli ma jurix interess biex iqatta' hin ma' missieru u jibqa' fil-kamra tieghu;*
- *Li l-missier ma jaghmilx sforz bizzejjed sabiex iqatta' hin ta' kwalita` ma' uliedu u jippretendi li l-omm tlesti xi loghob u attivitajiet ghall-hin tieghu mat-tfal;*
- *Li jinhass li l-missier ghandu jipprepara ahjar ghall-access mat-tfal billi jahseb ghal xi attivitajiet ghalihom ghal waqt l-access jew ghal xi ikel favurit taghhom;*
- *Li r-relazzjoni ta' bejn it-tfal u l-missier mhix wahda felici ghaliex it-tfal ihossu li missierhom ma jhobbhomx bizzejjed*

*L-attur intavola risposta in segwitu ghall-istess nota, nhar il-11 ta' Lulju 2016[211] filwaqt li l-intimata intavolat in-nota taghha fl-10 ta' Marzu 2016[212] u sussegwentement il-Qorti b'digriet tat-12 ta' Lulju 2016[213] ordnat li l-access ma jibqax isir fid-dar tal-omm izda jerga' jibda jsir gewwa l-Agenzija Appogg.*

---

[204] A fol. 741-742 tal-process
[205] A fol. 746 tal-process
[206] A fol. 747 tal-process
[207] A fol. 750 tal-process
[208] A fol. 752 tal-process
[209] A fol. 753 tal-process
[210] A. fol. 760 tal-process
[211] A fol. 763-765 tal-process
[212] A fol. 769-769a tal-process
[213] A fol. 770 tal-process

*21. L-appogg intavolaw nota ohra fit-18 ta' Lulju 2016[214] f'liema gabu a konjizzjoni tal-Qorti s-segwenti:*

- *Li ghalkemm l-minuri m'ghandhomx relazzjoni tajba ma' missierhom, l-access fir-residenza tal-minuri kien wiehed stabbli fejn l-ambjent tad-dar kien qed joffrilhom ambjent sikur fejn ikunu jistghu jkunu fil-prezenza tal-missier, jistghu jilghabu bil-loghob taghha, ikomplu l-homework u anke b'attivitajiet ohra fid-dar;*
- *Li l-agenzija hija kkoncernata li jekk l-access jibda jinzamm gewwa l-bini tal-Agenzija Appogg t-tfal ser jirrijfutaw li jidhlu hdejn missierhom kif gara hafna drabi fil-passat;*
- *Li f'dan il-kaz m'hemmx preokkupazzjonijiet li l-missier jista' jaghmel xi hsara lill-minuri jew huwa ta' periklu ghall-minuri u ghalhekk m'hemmx htiega li l-access jigi ezercitat fil-post ristrett bhal bini tal-Appogg u*
- *Rrakkomandaw li l-access jerga' jibda jigi ezercitat fid-dar fejn jghixu t-tfal u dan fl-ahjar interess tal-minuri*

*L-intimata wiegbet ghal tali nota, b'risposta tat-12 ta' Awwissu 2016[215] u l-attur wiegeb permezz ta' nota datata 25 ta' Mejju 2017[216]. B'digriet tad-29 ta' Mejju 2017, il-Qorti laqghet ir-rakkomandazzjoni tal-agenzija appogg b'dana illi l-intimata ghandha thalli lill-minuri wahidhm mal-missier, ghalkemm tkun fl-istess dar.[217]*

*22. B'rikors iehor tat-30 ta' Novembru 2016[218], l-intimata talbet li l-Qorti:*

- *Tordna li l-attur jigi notifikat fil-binja tal-Appogg waqt l-access;*
- *Li r-rikors jigi appuntati ghas-smiegh biex jixhdu Ingrid Vassallo mill-Agenzija Appogg u Steven Libreri, counsellor li ilu jahdem mat-tfal;*
- *Li jinhatar avukat tat-tfal*
- *Li l-access supervizjonat jerga' jibda jigi ezercitat fir-residenza tal-minuri*
- *Li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament f'idejha*

*B'risposta tal-14 ta' Dicembru 2016[219], l-attur oppona ghal tali talbiet, u l-Qorti b'digriet tal-15 ta' Dicembru 2016[220] cahdet l-istess talbiet.*

*23. B'rikors tal-14 ta' Mejju 2018[221], l-intimata talbet li l-Qorti tezenta lil Dr Kris Y qua amministratur tal-investiment mid-DBR mis-sigriet professjonali, ghal-liema talba l-attur oppona, u*

---

[214] A fol. 772 tal-process
[215] A fol. 774 tal-process
[216] A fol. 794 tal-process
[217] A fol. 795 tal-process
[218] A fol. 779-781 tal-process
[219] A fol. 784-786 tal-process
[220] A fol. 787 tal-process
[221] A fol. 1961 tal-proces

*l-Qorti ghaddiet biex tichad l-istess talba b'digriet tal-21 ta' Marzu 2019*[222] *f'liema rrakkomandaw illi l-access jibda jsir b'monitoring barra l-Agenzija Appogg u li l-partijiet jattendu co-parenting course.*

*24. B'rikors iehor tat-28 ta' Marzu 2019*[223] *l-intimata talbet revoke contario imperio tad-digriet moghti fil-21 ta' Marzu 2019, ghal-liema l-attur oppona u l-Qorti cahdet b'digriet tat-23 ta' April 2019*[224]

*L-appogg dahlu nota fis-26 ta' Settembru 2018*[225]*; il-partijiet wiegbu ghall-istess nota b'risposta tal-intimata datata 8 t'Ottubru 2018*[226] *u nota tal-attur datata 11 ta' Gunju 2019*[227] *u l-Qorti laqghet ir-rakkomandazzjonijiet tal-Agenzija Appogg b'digriet tat-12 ta' Gunju 2019*[228]

*25. B'rikors iehor tat-18 ta' Novembru 2019*[229] *l-intimata talbet mill-gdid li Dr Kris Y jigi ezentat mis-sigriet professjonali biex ikun jista' jixhed fuq d-DBR Investiment, l-attur rega' oppona*[230] *izda l-Qorti laqghet it-talba b'digriet tat-22 ta' Dicembru 2019*[231]

*26. B'rikors tal-5 ta' Marzu 2020*[232] *l-intimata talbet biex Paul Mercieca, Ganado Associates u Deloitte bhala rapprezentanti ta' DBR Investments Ltd jixhdu, l-attur oppona*[233] *u l-Qorti cahdet l-imsemmija talba b'digriet tal-11 ta' Marzu 2020*[234]

*27. B'rikors tal-14 ta' Settembru 2010*[235] *l-intimata talbet revoka tad-digriet tal-11 ta' Marzu 2020, u din id-darba l-Qorti laqghet it-talbiet.*

---

[222] A fol. 1963 tal-process
[223] A fol. 1970-1971 tal-process
[224] A fol. 1974 tal-process
[225] A fol. 1991 tal-process
[226] A fol. 1997 tal-process
[227] A fol. 1999 tal-process
[228] A fol. 2001 tal-proces
[229] A fol. 2032-2033 tal-process
[230] A fol. 2038 tal-process
[231] A fol. 2036 tal-process
[232] A fol. 2054 tal-process
[233] A fol. 2057-2058 tal-process
[234] A fol. 2059 tal-process
[235] A fol. 2063 tal-process

*28. B'rikors tas-26 ta' Jannar 2021*[236] *l-intimata talbet li tigi awtorizzata ttella' lil Jesmond Mizzi Advisors u li jigu ezentati mis-sigriet professjonali, l-attur oppona*[237] *u l-Qorti cahdet it-talba b'digriet tal-11 ta' Frar 2021*[238]

*29. L-intimata talbet revoka tad-digriet tal-11 ta' Frar 2021*[239]*, l-attur oppona b'risposta tat-8 t'April 2021*[240] *u t-talba giet milqugha b'digriet tad-9 t'April 2021.*[241]

***<u>30. TERMINAZZJONI KOMUNJONI</u>***

*B'rikors tal-14 ta' Jannar 2014*[242]*, l-attur talab ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ghal-liema l-intimata wigbet permezz ta' risposta datat 31 ta' Jannar 2014*[243]*. Il-Qorti appuntati dak ir-rikors ghas-smiegh u l-partijiet regghu xehdu viva voce fl-udjenza tat-12 ta' Marzu 2014.*[244]

*Fix-xhieda tieghu A B jghid li f'Awwissu/Settembru 2013 ha l-vann mill-garage u waqaf ihallas il-kontijiet u jsostni li l-intimata tellghet kont ta' Eur 7,000 mal-ARMS Ltd*

*Fix-xhieda taghha C B ssostni li hija ghandha dhul ta' Eur 56 fil-gimgha mid-Direttur tas-Sigurta` Socjali wara li xi hadd kien ghamel rapport fil-konfront taghha u tikkonferma li zewgha dejjem hallas il-manteniment, li sa dak iz-zmien kien Eur 500 fix-xahar.*

*B'sentenza tat-18 ta' Gunju 2014, li tinsab a fol. 47 sa 53 tal-process, il-Qorti laqghet it-talba tal-attur u tterminat il-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi B.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawża. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u għandha konvinċiment morali sħiħ li l-Perit Legali qdiet bis-sewwa l-obbligu tagħha u pprovdiet lill-Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-każ odjern. Madanakollu l-Qorti xorta waħda ser tagħmel l-osservazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet tagħha.

## 2. L-Azzjoni Odjerna

[236] A fol. 2113-2114 tal-process
[237] A fol. 2119-2120 tal-process
[238] A fol. 2121 tal-process
[239] A fol. 2130 tal-process
[240] A fol. 2135-2136 tal-process
[241] A fol. 2137 tal-process
[242] Fl-atti tar-rikors guramentat 373/11/2, a fol. 2 u 3 tal-process
[243] Fl-atti tar-rikors gurametatat 373/11/2, a fol. 6 sa 11 tal-process
[244] Fl-atti tar-rikors gurametatat 373/11/2, a fol. 16 sa 27 tal-process

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti tħoll iż-żwieġ bejn il-partijiet, liema talba giet konvertita minn talba għall-firda personali permezz ta' rikors tal-attur tal-15 ta' Frar 2016. Il-partijiet kienu żżewġu nhar il-15 ta' Settembru 2001, minn liema żwieġ twieldu żewġ (2) ulied, u *ċioé* JJ imwieled fil-11 ta' Ottubru 2004 u KK imwieled fid-29 ta' Novembru 2006 li b'hekk illum għandhom għoxrin (20) u tminatax-il (18) sena rispettivament.

Madanakollu u ġialadarba l-miżżewġin ma humiex separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-Qorti, l-attur qed iżomm ferm mal-bqija tat-talbiet tiegħu kif dedotti fir-rikors promotur u dan abbażi tal-Artikolu 66D subinċiż 3 tal-Kap 16. It-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, baqgħu jinstemgħu u ser jiġu deċiżi flimkien mill-Qorti, b'dana illi l-Qorti applikat il-konnessjoni tal-kawżi skont l-Artikolu 66 F(3).

Għaldaqstant, apparti l-ħall taż-żwieġ il-Qorti għandha wkoll tirregola l-effetti konsegwenzjali ta' tali firda u ħall taż-żwieġ. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attur jelenka x'inhuma l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża odjerna:

1. Pronunzja tal-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, b'dana illi xorta waħda għandu jiġi evalwat min mill-partijiet kellu l-ħtija li ġabet it-tifrik taż-żwieġ, u dan sabiex il-Qorti tkun f'pożizzjoni li tapplika d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 kontra l-konvenuta;

2. Kundanna biex il-konvenuta tħallas manteniment adegwat għalih;

3. Dikjarazzjoni ta' xoltjiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-qsim ta' l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet bl-applikazzjoni kontra l-konvenuta tas-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi;

4. Kundanna biex il-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-proċeduri odjerni *stante* li ma kienx tort tiegħu li tkisser dan iż-żwieġ.

Min-naħa l-oħra, il-konvenuta tiċħad dak attribwit lilha mill-attur u ssostni li l-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ tinkombi unikament fuq l-attur u għalhekk ma

għandha tbati l-ebda spejjeż tal-kawża u lanqas ma għandha tħallas manteniment għalih. Fir-rigward tal-effetti konsegwenzjali tas-separazzjoni, il-konvenuta taqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti għandha tiġi likwidata iżda illi kwalunkwe spejjeż għall-ħatra tal-esperti għandhom jiġu sopportati mill-attur. Il-konvenuta ma tintavolax kontro-talba.

Għaldaqstant, il-Qorti tevalwa li l-partijiet ma għandhom l-ebda ħajra li jsalvaw iż-żwieġ tagħhom. Jidher ċar għall-Qorti li hemm disgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taż-żwieġ.

### 3. Ir-Responsabbilità għat-Tkissir taż-Żwieġ u l-Ħall taż-Żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mressqa Minnhom:*

Fir-rigward tar-responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ l-attur jikkontendi li tali responsabbilità hija mputabbli unikament lill-konvenuta u dan minħabba vjolenza, moħqrija, sevizzi gravi u inġurji fil-konfront tiegħu.

Madanakollu, a skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tirreplika l-verżjoni tal-partijiet u l-provi mresqa minnhom, in vista tal-fatt li dan kollu diġà jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentement jiġu applikati għall-każ odjern.

Kif tgħallem il-ġurisprudenza nostrali, iż-żwieġ huwa kuntratt li jeżiġi impenn bejn il-partijiet li jidħlu għalih. F'każ li tali żwieġ ma jirnexxix għal raġuni jew oħra, l-Artikolu 36 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"Il-firda personali ma tistax issir ħlief b'talba ta' waħda mill-persuni miżżewġa flimkien kontra l-oħra, u għal xi waħda mir-raġunijiet miġjubin fl-artikoli li ġejjin, jew bil-kunsens ta' xulxin, kif hemm fl-artikolu 59."*

Il-liġi tkompli billi tispeċifika raġunijiet li għalihom wieħed jista' jitlob firda taż-żwieġ. Ir-raġunijiet li abbażi tagħhom tista' tintalab is-separazzjoni huma: (i) Artikolu 38 li jitratta l-adulterju, (ii) Artikolu 40 li jitratta eċċessi, moħqrija, theddid u nġurji gravi, u (iii) Artikolu 41 li jitratta l-abbandun.

L-Artikoli 38 u 40 li jikkonċernaw din il-kawża jgħidu kif ġej:

*"38. Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra."* u

*"40. Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:*

*Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġuni."*

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati fl-Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **S Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[245] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[246] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, "*Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi*" u fir-rigward ta' inġurji u offiżi gravi li dawn "*ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom*", filwaqt li ġew definiti bħala li "*jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz*", rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **S Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru "*att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja*

[245] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[246] Deċiża mill- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru 1677/1995/RCP).

*tal-parti l-oħra*". Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi "*Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima*".[247] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **M Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[248] "*il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha*"[249]; Skond l-istess Qorti "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ*".

Tgħid il-Qorti dwar l-Artikolu 40 fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet **S Dolores *sive* Doris Y vs RRY[250]**, illi: ***"****Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole* ***non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche`sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale****" – ****"****Elisa Thompson vs Edward Thompson****"*** *(Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);****"***

Għalhekk huwa ben affermat illi l-motivi li jiġġustifikaw l-azzjoni ikunu *"indizji u prezunzjonijiet purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika."*[251] Madanakollu kif ingħad hawn fuq m'hemmx il-ħtieġa li jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi

[247] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[248] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[249] Genoveffa Magri vs EE Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[250]Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003, (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).
[251] Rita Spiteri vs Av Dr Albert V Grech *et noe* (PA (CC) kollex XXXVII.II.693.

pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża mpossibbli *da parti* ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.[252]

Magħdud ma' dan, il-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-* ***adulterju*** *hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza sseparazzjoni personali*"[253] . Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jagħti prova tagħha. F'dan l-istadju, il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **S Dolores *sive* Doris Y vs RRY** fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*"

Tgħid il-Qorti *"Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħad fis-sentenza "**Rose Gauci vs Salvatore Gauci**" (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP - Deċiża fl-1 ta' Ottubru 2002) li in vista tad-diffikolta` tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jiġi ppruvat permezz ta' indizzi u ċirkostanzi oħra li ma jħallu ebda dubju fil-ġudikant. Fil-fatt ingħad li:- "... l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta jgħid illi "Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 1953 fil-kawża fl-ismijiet "**Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe**". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali; iżda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni leġislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". ("**Rosina RR vs Angelo RR**" P.A. - 27 ta' Gunju 1964.)"*[254]

---

[252] Elisa Thompson vs Edward Thompson deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925.
[253] Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazz. Nru. 98/2002/1RCP).
[254] S Dolores *sive* Doris Y vs RRY.

Permezz ta' rikors datat 15 ta' Frar 2016, l-attur jiprevalixxi ruħu mill-kawża ta' separazzjoni odjerna sabiex jitlob lill-Qorti li t-talbiet jiġu konvertiti f'talba għall-ħall taż-żwieġ.

*Artikolu 66A et seq tal-Kodiċi Ċivili: Id-Divorzju Mogħti fuq Talba ta' Waħda mill-Persuni Miżżewġin:*

Artikolu 66A(1) tal-Kap 16 jistipula illi:

"*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza*". B'dana illi r-rekwiżiti għad-divorzju jinsabu elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kap 16.

Il-liġi fl-Artikolu 66F tal-Kap 16, taħseb ukoll għal dawk l-istanzi fejn:

*"(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju*.

*(3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li*

*tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet."*

<u>*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*</u>

Mill-atti jirriżulta ċar li l-verżjonijiet tal-partijiet dwar il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ hija waħda kunfliġġenti, hekk kif min-naħa waħda l-attur jisħaq illi ż-żwieġ tkisser tort tal-konvenuta minħabba vjolenza, moħqrija, sevizzi u inġurji gravi u minn naħa tal-konvenuta fil-konfront tiegħu filwaqt li jisħaq li l-preżenza kontinwa t'omm il-konvenuta f'darhom u l-fatt li l-konvenuta tat wiċċ ħaddieħor wasslu għall-firda tal-partijiet, filwaqt li min-naħa l-oħra l-konvenuta tirribatti illi ż-żwieġ tkisser minħabba li l-attur beda joħroġ waħdu u kkommetta adulterju u per konsegwenza telaq mid-dar.

Il-Qorti, wara li rat il-provi kollha esebiti, il-konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, waslet għal konvinċiment tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment. Magħdud ma' dan, il-Qorti pjenament taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali, u *ċioé* li l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ tirrisjedi fiż-żewġ partijiet, fi kwoti differenti u dan għas-segwenti raġunijiet:

a. Il-Qorti taqbel ma' l-osservazzjoni tal-Perit Legali li mill-provi prodotti jirriżulta illi l-attur kien ossessjonat fuq il-flus u din kienet xi ħaġa li ċertament qalgħet ħafna problemi bejn il-konjuġi. Fil-fatt fl-affidavit stess tal-attur ppreżentat waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2012 huwa jilmenta fil-maġġor parti tiegħu dwar il-kwistjoni tal-flus.

   Kif tgħid tajjeb il-Perit Legali, jinħass minn qabel iż-żwieġ stess li l-attur kellu tassew f'moħħu kwistjonijiet ta' flus mill-fatt illi l-partijiet ħasbu biex jiffirmaw skrittura bejniethom dwar x'jiġri f'każ li l-għerusija ma tirnexxix. Filwaqt li dan minnu nnifisu huwa pass għaqli u mhux xi ħaġa ħażina, iżda fil-kuntest ta' kif żviluppaw l-affarijiet tissostanzja l-ħsieb tal-Qorti illi l-attur kien l-ewwel u qabel

kollox jaħseb fuq il-flus u kif se jikkontrolla s-sitwazzjoni finanzjarja ta' bejniethom.

Sew meta l-konvenuta kienet taħdem u sew meta waqfet taħdem għaliex l-attur xtaqha tieqaf taħdem meta kellha t-tfal, l-attur ried kontroll fuq il-flus. Dan jirriżulta mill-mod kif jitkellem dwar dan is-suġġett kemm fix-xhieda tiegħu u anke mir-*recordings* li huwa stess ippreżenta.[255] F'wieħed mir-*recordings* huwa jinstema persistentement jistaqsi lill-konvenuta dwar l-elettriku li qed jintuża fid-dar u dwar ħela ta' ilma u elettriku u anke għall-ispejjeż li kienu qed jintefqu fuq it-tfal. Il-Qorti tinnota anke t-ton li juża l-attur meta jgħid per eżempju "nagħtik" il-flus qisu martu mhux pari tiegħu fiż-żwieġ iżda donnha li hija soġġetta għal dak li jiddeċiedi hu. Tant dan kien suġġett illi kien persistenti fiż-żwieġ u iktar u iktar fi żmien l-inkwiet bejn il-konjuġi, illi wieħed mit-tfal tal-partijiet jinstema jgħid tiegħu dwar xi flus li allegatament insterqu jew ma nstabux fid-dar. Interessanti wkoll illi kif xehdet ir-rappreżentanta tal-Bank BOV,[256] l-attur qabel ma telaq mid-dar kien diġà talabhom li jinqaleb l-indirzz tad-dar. Dan juri kemm għalih l-affari finanzjarja kien jagħtiha preċedenza meta f'dan iż-żmien li żgur kien turbulenti ħafna kellu l-moħħ li jaħseb mil-ewwel f'dan il-punt.

Kif intqal iktar il-fuq *Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi.* Fil-fatt il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB** deċiża fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti kienet qieset illi l-fatt illi żewġ l-attriċi kien iħalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi kien ħati ta' abbuż emozzjonali minħabba diversi offiżi u nsulti *da parti* tiegħu kontra martu, irrendieh ħati ta' sevizzi u inġurji gravi fil-konfront ta' martu u li għalhekk kellu jerfa' r-responsabbilità primarja għat-tifrik taż-żwieġ.

b. Għalkemm permezz tar-rikors promotur l-attur ma jibbażax ir-raġuni għat-tkissir taż-żwieġ fuq il-fatt illi l-konvenuta kkommettiet adulterju, huwa jibbaża ħafna mill-provi fuq din l-allegazzjoni.

[255] Fol. 1287.
[256] Seduta tal-21 ta' Frar 2019 a fol. 1958.

Huwa jinsisti li l-konvenuta mill-bidu taż-żwieġ kellha xi raġel ieħor. Huwa jippreżenta għadd ta' *chats* li allegatament instabu fuq il-computer li l-konvenuta ħalliet miftuħ. Għalkemm fl-eskussjoni tal-Perit Legali l-attur jittanta jitfa' dubju dwar il-fatt ta' meta nstabu dawn ic-*chats* meta jgħid li dawn kienu chats ta' qabel ma huwa telaq mid-dar f'Ġunju 2011, l-evidenza esebita u l-atti tal-proċess juru mod ieħor. Il-konvenuta teżebixxi *screenshot* ta' meta nfetaħ il-*profile* tagħha a fol. 1850 li juri li dan infetaħ f'Ġunju 2011. Fil-kontro-eżamijiet li saru minn naħa tal-attur stess ukoll kienu konsistentement jissemmew ix-xhur ta' Awwissu 2011 il-quddiem b'referenza għac-*chats*. Fil-fatt fis-seduta tal-11 ta' Diċembru 2017 ġie suġġerit lix-xhud Dun Karm Busuttil li l-konvenuta kkommettiet adulterju f'Awwissu 2011, l-istess fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2014 ġew murija lix-xhud Z AA *chats* u ngħad "*li jkopru minn Awwissu sa Diċembru 2011*". Jindika daż-żmien ukoll il-fatt li fic-*chat* ma' II P l-konvenuta tirreferi għat-tifel li għandu ħames (5) snin kif fil-fatt kellu fl-2011.

Magħdud ma' dan kif tgħid tajjeb il-Perit Legali jista' jagħti l-każ li wħud minn dawn ic-*chats* ma kienux miktubin mill-konvenuta għaliex irriżulta anke minn rapporti mal-Pulizija esebiti u minn ammissjoni ta' W Y li seta' kien terz li kiteb xi wħud minnhom. *Nonostante* dan il-Qorti temmen li kien hemm *chats* minnhom li saru mill-konvenuta minħabba ċerta dettalji li fihom anke dwar it-tfal u anke l-fatt illi II P stess, wieħed minn dawn it-terzi tac-*chats* jammetti li għamel "*bolla*" ma għonq il-konvenuta u għalhekk dawn kellhom jiltaqgħu biex sar dan. Minkejja dan il-Qorti temmen li dan sar kollu fis-sajf ta' wara li l-attur kien telaq mid-dar u li din ma kinitx ir-raġuni għat-tkissir taż-żwieġ.

Mic-*chats* oltre minn dan ma tirriżultax relazzjoni partikolari li setgħet kienet ilha għaddejja u li minħabba fiha tkisser iż-żwieġ, iżda għadd ta' *chats* ma persuni li tidher li l-konvenuta ma kinitx ilha tafhom.

Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi l-komportament ta' l-attur wera li kellu mara oħra, propju GG HH u dan anke kif jirriżulta mid-dati fir-ritratti hekk kif spjegat mill-Perit Legali. L-attur jidher li kien ħaseb ukoll biex jitlaq mid-dar għaliex kien diġà biddel l-indirizz mal-Bank bejn Diċembru 2010 u Ġunju 2011, kif irriżulta mix-xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank. Mir-ritratti jidher ukoll li din kienet relazzjoni u mhux biss xi ħaġa tal-mument meta telaq mid-dar. F'wieħed mir-*recordings* ukoll l-attur jinstema jgħid li jrid jitlaq mid-dar għax "*minix komdu miegħek*", qisu bħallikieku ma kellux raġuni partikolari iżda li ried iġib xi skuża vaga biex jitlaq mid-dar. Il-Qorti hija konvinta li minn dawn l-indizji jirriżulta illi l-attur kellu relazzjoni adultera mas-Sinjura HH għalkemm din ma ttellgħetx bħala xhud.

c. Il-Qorti temmen minn dak li mbagħad irriżulta mill-provi illi l-attur beda jinbidel minn meta l-partijiet kellhom it-tfal. Dan il-konvenuta tgħidu fl-affidavit tagħha a fol. 1756 fejn tgħid "*Ma kienx jieħu pjacir li naghti attenzjoni lit-tarbija, kien baqa' jrid li nohorgu u nisefru minghajr it-tarbija*." Fil-fatt f'waħda mic-*chats* li l-konvenuta kellha ma' terz li jippreżenta l-attur, propju dik ma' BB CC a fol. 1681, il-konvenuta tgħid "...*lili nahseb adu ihobbni imma bla tfal. Hadni al cafe irid johodni nikol basta bla tfal*". Dan għalhekk jidher li kien sentiment ġenwin għaliex il-konvenuta qed tiftaħ qalbha dwar dan il-fatt ma' terz. Dan l-aġir fil-fatt jirrifletti wkoll fil-fatt li l-attur telaq mid-dar proprju lejliet il-preċett tat-tifel u ma tax każ kemm dan seta' joħloq trawma f'ibnu stess. Ma jirriżultax li ġraw xi inċidenti partikolari dakinhar li l-attur telaq mid-dar ħlief li l-attur jgħid li ddejjaq jissapporti ġod-dar u għalhekk xejn ma kien jikkustah jibqa' ftit hemm u ma jħassarx din l-okkażjoni għal ibnu stess.

Il-ħaddiema soċjali wkoll jixhdu illi l-attur ftit kien jagħmel sforz biex jibni relazzjoni mat-tfal. Donnu li l-attur ried jgħix il-ħajja ta' ġuvni lil hinn mir-rabtiet tal-ulied. Fil-fatt anke l-messaġġi preżentati mill-konvenuta juru illi ftit kien jaħseb fihom meta kellha tinsisti miegħu li jmur jara lit-tifel li kellu deni qawwi,[257] fl-10 ta' Ottubru 2018 tfakkru li l-għada ibnu jagħlaq sninu,[258] ma jikkuntatjax lit-tifel meta

---

[257] Fol. 1895,
[258] Fol. 1898.

dan kien weġġa u l-konvenuta avżatu b'dan[259] u saħansitra jidher li ma attendhiex il-griżma ta' ibnu.

Fil-fatt jirriżulta mbagħad li l-attur beda joħroġ waħdu l-ġimgħa u s-sibt. Tixhed dwar dan M N li tgħid li fiż-żmien li tiftakar li kienet *single* kienet tmur il-klabb tal-boċċi ta' Ħal Safi bejn is-sena 2009 u 2010 u hemm kienet tara lill-attur. Dan kien proprju ż-żmien fejn allegatament l-attur kien beda joħroġ ħafna. Għalkemm fl-eskussjoni tal-Perit Legali, l-attur jipprova jiskredita x-xhieda ta' din ix-xhud billi jgħid li omm ix-xhud u omm il-konvenuta huma kuġini allura dan kien biss komplott maħdum kontrih, kif tgħid il-Perit Legali dan ma jirriżultax mill-provi u wieħed ma jistax jikkonkludi b'daqshekk li x-xhieda tagħha hija waħda maħduma biex tinbena storja kontrih. Kemm hu veru, missier l-attur stess jikkonferma li l-attur kien joħroġ il-ġimgħa u s-sibt u jgħid li dan kien jagħmlu minħabba omm il-konvenuta li kienet tkun dejjem għandu. Jirriżulta għalhekk illi l-fatt li kien joħroġ huwa pruvat. Dan ċertament li beda jbiegħed iktar lill-attur minn mal-konvenuta, li kif diġà ngħad jidher li ma aċċettax il-fatt illi bit-tfal il-ħruġ ta' waħdu kellu jonqos u li l-omm kellha tagħti attenzjoni sħiħa liż-żewġ uliedha. Fil-fatt ir-Reverendu Karm Busuttil[260] jixhed illi meta kellmu, l-attur kien qallu li jħossu ssikkat.

Dan seta' kellu jew ma kellux x'jaqsam mal-adulterju li jirriżulta li kkommetta l-attur iżda bħala fatt waħdu wkoll ċertament li kien wieħed mill-kawżi għat-tkissir taż-żwieġ tal-konjuġi u tara li dan l-aġir kien jissarraf f'inġurji gravi.

d. Minn naħa l-oħra l-Qorti temmen illi l-konvenuta kellha xi tortijiet li trid tirrispondi għalihom. L-attur jixhed fl-affidavit tiegħu illi "*Ma kull l-inqas disgwig issir aggressive fid-diskors, tghajjar u dejjem tispiċċa tkeccini.*"[261] Mir-*recordings* li preżenta l-attur fil-fatt il-konvenuta, tinstema tuża' kliem baxx li ma għandux għalfejn jiġi ripetut hawn iżda li ċertament ma hux denju għal ħadd aħseb u ara għal mara miżżewġa fil-konfront ta' żewġha u iktar u iktar fil-

[259] Fol. 1899.
[260] Seduta tal-11 ta' Diċembru 2017 a fol. 1736.
[261] Affidavit tal-attur a fol. 811.

preżenza tat-tfal li anke waqt dan ir-*recording* partikolari kienu preżenti. Jinħass li kien normali għall-konvenuta li tuża dan il-kliem baxx u tgħajjar lill-attur. Hija saħansitra tinstema thedded lill-attur meta tgħidlu "*nagħmik*". Min-naħa l-oħra, l-attur jinstema jipprovoka kontinwament lill-konvenuta u jistaqsiha biex taħsillu l-ħwejjeġ u jibqa' jinsisti fuq ċerta punti b'intendiment ċar li jipprovokaha. Għalkemm dan inaqqas xi ftit mill-gravita` tar-reazzjoni tal-konvenuta madanakollu xorta waħda juri biċ-ċar illi min-naħa tagħha kienet tuża kliem iebes ma' żewġha u quddiem uliedha u għal dan il-Qorti ssibha ħatja ta' sevizzi.

e. Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali dwar il-preżenza ta' omm il-konvenuta ġewwa d-dar. Min-naħa l-attur jidher illi ħa vantaġġ ta' din is-sitwazzjoni meta kien għadu jibda r-relazzjoni mal-konvenuta u fil-fatt kien ħassu tajjeb meta ġie milqugħ b'tant għożża mill-familja tal-konvenuta li mill-bidu wriet kemm kienet familja magħquda u li jqattgħu ħafna ħin flimkien. Fil-fatt jirriżulta wkoll li fl-aħħar tal-ġimgħa l-partijiet kienu joħorġu mal-ġenituri tal-konvenuta u f'dak iż-żmien l-attur ma jidhirx li kellu problema b'dan. Madanakollu maż-żmien dan beda jdejjaq lill-attur.

Il-Qorti ma temminx dak li tgħid il-konvenuta li hija kienet tkun ħafna ma' ommha għaliex sabet wens fiha minħabba żewġha. Il-preżenza tal-omm tirriżulta li kienet minn dejjem u fil-fatt dan seta' jarah u jirrealizzah l-attur. Mir-*recordings* preżentati mill-attur jirriżulta li huwa jgħid proprju lill-ommha "*Ejja ħa neħilsu*" b'referenza għall-kawża ta' separazzjoni tant kemm kien ovju li din tidħol fl-affarijiet personali tagħhom u li kellha kontroll fuq bintha anke f'dan l-aspett. Jiġi nnutat ukoll li l-konvenuta kemm-il darba marret tagħmel ir-rapporti tal-Pulizija ma' ommha. Filwaqt li l-Qorti tikkundanna l-fatt illi l-attur donnu ma aċċettax il-preżenza tat-tfal f'ħajtu u l-fatt li l-omm issa ser tkun maqsuma bejnu u bejn it-tfal, madanakollu hawn tidher illi l-konvenuta naqset għax il-preżenza ta' ommha ftit jew wisq kienet ittellef iktar ħin prezzjuż mill-attenzjoni li l-partijiet setgħu jagħtu lil xulxin. Filwaqt li ċertament xi għajnuna kienet apprezzata, l-fatt anke li l-konvenuta waqfet taħdem kellha nqas bżonn l-għajnuna tal-omm.

Il-Qorti hija konvinta illi l-preżenza tal-omm kompliet għarrqet is-sitwazzjoni bejn il-konjuġi u l-konvenuta trid terfa' parti mit-tort proprju għal dan il-fatt.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija konvinta illi t-tifrik taż-żwieġ seħħ primarjament minħabba l-aġir tal-attur illi rriżulta ħati ta' sevizzi, inġurji gravi u adulterju madanakollu l-konvenuta nstabet ħatja minn naħa tagħha għal sevizzi u għall-fatt illi kkontribwiet biex tikkrea pressjoni indebita fuq ir-relazzjoni wara li ppermettiet lil ommha toltrepassa l-konfini tar-relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Kull važun jixxaqqaq meta jsir wisq pressjoni fuqu.

Għalhekk il-Qorti taqbel mal-mod kif allokat il-ħtija l-Perit Legali u *ċioé* għal ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tat-tort lill-attur u ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tat-tort lill-konvenuta.

*<u>Il-Ħall taż-Żwieġ:</u>*

Stabbilit min għandu l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-ħall taż-żwieġ. Mill-atti jirriżulta illi fil-15 ta' Frar 2016 l-attur ressaq talba sabiex it-talba rigward is-separazzjoni personali tal-partijiet tiġi konvertita f'ħall taż-żwieġ u dan *ai termini* tal-Artikolu 66F tal-Kap 16, għal liema talba l-konvenuta oġġezzjonat.

F'dan l-istadju u dan sabiex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tara li l-kriterji tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 ġew sodisfatti. Hawn il-Qorti tirreleva illi ma taqbilx mal-Perit Legali dwar il-liġi applikabbli. Tirribadixxi illi l-Artikolu 66B ġie emendat l-aħħar permezz tal-Att XXV tal-2021, iżda ġaladarba t-talba odjerna saret proprju fl-2016, il-liġi applikabbli għall-każ odjern għandha tkun dik ta' qabel tali emendi. Proprju għalhekk li l-Qorti qiegħda tieħu in konsiderazzjoni tali rekwiżiti ta' qabel l-emendi, sabiex tasal għall-ġudizzju tagħha jekk għandhiex tiġi akkolta o meno t-talba tal-attur illi:

a. Fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' (4) snin matul il-ħames (5) snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

b. Ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

ċ. Il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-Artikolu 57.

Fil-każ odjern jirriżulta illi:

a. Il-partijiet isseparaw *de facto* f'Ġunju 2011 u li l-proċeduri ta' divorzju u *ċioé* f'dan il-każ meta saret it-talba skond l-Artikolu 66F tal-Kap 16, bdew fl-2016 meta l-partijiet kienu ilhom kważi ħames (5) snin separati *de facto* minn xulxin għalhekk l-ewwel rekwiżit huwa milħuq;

b. Preżentement m'hemm l-ebda dubju illi m'hemmx ħjiel ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

ċ. Fir-rigward tal-manteniment, il-konvenuta toġġezzjona[262] illi dan ir-rekwiżit ġie sodisfatt u dan minħabba żewġ raġunijiet senjatament

i. Illi hemm arretrati ta' manteniment għall-perjodu ta' tliet ġimgħat f'Jannar 2016 u
ii. Skond il-konvenuta d-digriet dwar il-manteniment tat-tfal li ngħata *pendente lite* ma jkoprix nofs l-ispejjeż dwar saħħa u edukazzjoni u għalhekk l-Artikolu 57 mhux qed ikun sodisfatt għaliex dan l-Artikolu jispeċifika l-ispejjeż tal-edukazzjoni bħala apparti dawk tal-manteniment

u għalhekk il-konvenuta ma taqbilx li t-tielet rekwiżit ġie sodisfatt u għalhekk toġġezzjona li t-talba tal-attur f'dan ir-rigward għandha tintlaqa.

[262] Risposta tal-konvenuta tal-10 ta' Marzu 2016 a fol. 11 tal-proċess bin-numru 373/11/3AL.

Il-Qorti hawn tara illi *pendente lite* kien hemm digriet li jirregola l-manteniment tal-ulied proprju dak tal-10 ta' Ottubru 2012[263] fejn il-Qorti awmentat il-manteniment għal ulied il-konjuġi minn erba' mitt (400) Ewro fix-xahar għal ħames mitt (500) Ewro fix-xahar wara li l-konvenuta intavolat rikors fejn spjegat l-ispejjeż li għandha **li kienu jinkludu anke l-ispejjeż edukattivi u ta' saħħa** tat-tfal u l-Qorti wara li qieset dan kollu awmentat il-manteniment. Għalhekk il-Qorti f'din is-somma qieset ukoll l-ispejjeż edukattivi (li issa l-konvenuta qed tgħid li ma hux qed jingħataw) kif indikati mill-konvenuta fir-rikors tagħha li wassal sabiex il-Qorti tasal għal dan l-ammont u għalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-konvenuta illi ma kienx qed jingħata manteniment adegwat għall-ulied.

Irriżulta wkoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment u li l-attur dejjem ottempra ruħu mad-digriet tal-manteniment. Għalhekk lanqas dwar dan ma jista' jkun hemm impediment.

Għaldaqstant, jirriżulta li l-provi mresqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kap 16 għall-ksib tad-divorzju u għalhekk il-Qorti ma tara ebda raġuni għala għandha tiċħad it-talba tal-attur.

### 4. Dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal- Kap 16:

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skont l-Artikolu 48 tal-Kap 16, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti li hija ħatja tagħhom. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, jirriżulta li l-ħtija primarja għat-tkissir taż-żwieġ tirrisjedi fuq l-attur *stante* sevizzi, inġurji gravi u adulterju min-naħa tiegħu u għalhekk ma għandhiex diskrezzjoni u hija kostretta illi tapplika fil-konfront tiegħu skond l-Artikolu 48 l-effetti *in toto* tal-istess Artikolu. Id-data li fiha l-partijiet fi kwoti differenti jinstabu ħatja għat-tifrik taż-żwieġ hija t-18 ta' Ġunju 2011.

[263] A fol. 66 tal-proċess.

## 5. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:

Il-partijiet kellhom żewġt itfal, JJ li twieled fil-11 ta' Ottubru 2004 u għalhekk illum għandu għoxrin (20) sena u KK li twieled fid-29 ta' Novembru 2006 u li għalhekk illum għandu tmintax-il (18) sena.

Huwa ta' ħasra illi dawn iż-żewġt itfal illum huma maġġorenni u qattgħu t-trobbija kollha tagħhom bil-ġenituri tagħhom jissieltu bejniethom. Issa li t-tfal laħqu l-età maġġorenni l-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar kura u kustodja u aċċess fil-konfront tagħhom. Il-Qorti tħoss iżda li hija fid-dover tissenjala l-fatt illi mill-provi rriżulta illi ż-żewġ partijiet ħallew il-pika ta' bejniethom tirkibhom tant illi jinstemgħu anke fir-*recordings* li ppreżenta l-attur mistoqsijiet xokkanti magħmula lit-tfal bħal mistoqsija lil min mill-ġenituri jħobbu l-aktar. Dan apparti l-kliem baxx li la hu denju bejn miżżewwġin, aħseb u ara quddiem l-ulied.

Għalkemm it-tfal illum huma maġġorenni, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-ġenituri biex juru *bon sens* fl-inġieba tagħhom quddiem uliedhom u li minkejja dak kollu li ġara bejniethom, juru rispett fil-konfront ta' xulxin ta' lanqas fil-preżenza tat-tfal sabiex ma jkunux huma li jbiegħdu lit-tfal minn mal-parti l-oħra fiċ-ċirkostanzi xejn sbieħ li jinsabu fihom bħala familja.

Rigward manteniment għal ulied, la kien hemm talba u lanqas kontro-talba[264] iżda *oltre* minn hekk issa li t-tfal huma maġġorenni l-kwistjoni tal-manteniment ma tibqax relevanti. Lanqas ma nġabet prova li t-tfal għadhom qed jistudjaw fuq bażi *full-time* u għalhekk il-Qorti ma tistax tipprovdi għall-manteniment f'dak is-sens issa li għalqu t-tmintax-il (18) sena.

Ma hemmx talba dwar arretrati ta' manteniment għaliex il-konvenuta ma għamlitx kontro-talba u għalhekk il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar dan għaliex altrimenti l-Qorti tkun qiegħda taġixxi *ultra petita.*

[264] Il-Qorti tinnota li fir-risposta ġuramentata l-konvenuta oltre l-ewwel ħames eċċezzjonijiet tippostula talba f'dik li suppost hi s-sitt eċċezzjoni. Il-Qorti tirrileva li dan hu proċeduralment skorrett u jekk il-konvenuta kellha talbiet xi tressaq kellha tuża l-proċedura tar-rikonvenzjoni u kwindi ma tistax tieħu konjizzjoni ta' talba mressqa b'mod proċeduralment skorrett u fl-att ġudizzjarju żbaljat.

6. **Manteniment tal-partijiet**

Permezz tat-tieni talba tiegħu, l-attur jitlob li l-Qorti tordna lill-konvenuta tħallsu manteniment għalih. Il-Qorti applikat kontra l-attur is-sanzjonijiet *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16, inkluż li huwa ddekada mid-dritt illi jitlob manteniment mingħand martu u għalhekk l-ebda manteniment ma għandu jkun dovut lill-attur.

Ma kien hemm l-ebda talba għall-manteniment min-naħa tal-konvenuta għall-manteniment għaliha u għalhekk il-Qorti ma tistax tiddeċiedi dwar dan għaliex altrimenti l-Qorti tkun qiegħda taġixxi *ultra petita*.

7. **It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tirrileva li ladarba l-partijiet iżżewġu nhar il-15 ta' Settembru 2001, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Permezz ta' Sentenza parzjali mogħtija nhar it-18 ta' Ġunju 2014, din il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16. Din is-Sentenza ma ġietx appellata u għalhekk għaddiet *in ġudikat.* Għalhekk it-18 ta' Ġunju 2014 għandha tkun id-data li fiha ġiet terminata l-komunjoni bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Diviżjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom u krediti favur il-partijiet:*

Fir-rigward ta' dawk l-assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti telenka s-segwenti kif jirriżulta mill-provi li ġabu l-partijiet kif elenkat fir-rapport tal-Perit Legali:

a. *Id-dar matrimonjali u krediti fuq id-dar*

Il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali illi d-dar matrimonjali hija proprjetà parafernali taż-żewġ partijiet. Ma hux kontestat illi skond kif jirriżulta mill-kuntratt tan-Nutar Q Bugeja tat-12 ta' Frar 1999,[265] il-plot li fuqha nbniet id-dar matrimonjali nxtrat miż-żewġ partijiet u li lestew il-bini u l-*finishings* prattikament qabel il-konjuġi żżewġu.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-fatt li quddiem in-Nutar Q Bugeja, il-partijiet ftehmu li l-attur jieħu r-responsabilità tal-bini effettiv tad-dar, u dan l-obbligu l-Qorti hija konvinta li wettqu mill-provi li nġiebu. Madanakollu l-Qorti ma tistax taqbel ma' l-attur meta huwa jsostni li l-konvenuta ħaqqa biss is-somma indikata fit-tieni parti ta' l-iskrittura, u dan *stante* li l-kundizzjoni inerenti għal dik it-tieni parti, li tieħu l-forma ta' wegħdha ta' bejgħ li l-validità legali tagħha hija diskutibbli, u ċioé dik tat-tħassir ta' l-għerusija, ma avveratx ruħha. Anzi tant ma avvertx ruħha, illi l-għerusija evolviet fiż-żwieġ mertu ta' din il-kawża.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll ix-xhieda estensiva li ġabu l-partijiet dwar min, skondhom, effettivament bena d-dar. Il-Qorti tagħmilha ċara li taqbel mal-Perit Legali illi l-kawża hija bejn l-attur u l-konvenuta, konjuġi B u jekk hemm xi ħlasijiet li l-familjari tagħhom jistennew li jitħallsu dawn għandhom jintavolaw il-proċeduri appożiti u mhux jirkbu fuq din il-kawża għal xi ħlasijiet.

Il-Qorti, għalhekk, wara li ħadet in konsiderazzjoni illi kif jirriżulta ċar mill-iskrittura privata u mill-provi, kienu n-naħa tal-attur li bnew u lestew id-dar ta' lanqas fil-maġġoranza tagħha, u wara li rat l-istimi imħejjija mill-Perit Anton Zammit konfermati minnu b'ġurament, u *ċioé*

- stima x-xogħol tal-kostruzzjoni u skavar għall-ammont ta' €86,400 eskluż il-VAT u

[265] Kopja tal-kuntratt ta' bejgħ a fol. 841.

- stima x-xogħol u finishings għall-ammont ta’ €31,555

rat kif il-Perit Legali ddeċidiet li l-attur għandu jieħu s-somma ta’ €50,000, u l-Qorti taqbel magħha. Il-Qorti trid tagħmilha ċara, wara li saret mistoqsija dwar dan lill-Perit Legali in eskussjoni, li allura l-ammont konċess ma jinkludix il-materjal li dwaru l-Perit Legali l-ewwel, u issa l-Qorti, ser tiddeċiedi dwarhom. Dan l-ammont huwa biss għax-xogħol, u huwa ammont imnaqqas minn dak li stmat il-Perit Legali meta jitqies li x-xogħol sar ħafna minnu minn missier l-attur u mhux minnu, u li xi xogħol sar ukoll min-naħa ta’ missier il-konvenuta, li iżda l-Qorti ma għandhiex stima tiegħu.

Il-Qorti taqbel mal-listi ta’ spejjeż u l-krediti dovuti kif imniżżla mill-Perit fir-rapport tagħha fis-sezzjoni *Spejjez Inkorsi mill-Partijiet,* u a skans ta’ ripetizzjoni ma hix ser tirriproduċi dawn il-listi. Jirriżultaw għalhekk is-segwenti krediti:

Krediti favur il-konvenuta – €33,177.29
Krediti favur l-attur – €49,227.91

Il-Qorti tiċċara illi Dok. XA1 (irċevuta ta’ Emm. Zammit & Associates) imniżżla fil-lista ta’ spejjeż li saru fiż-żwieġ mill-Perit Legali għandha taqra Dok. XA 2.

Fil-mistoqsijiet lill-Perit Legali in eskussjoni, l-attur jgħid illi l- Archwood tħallsu mill-attur qabel iż-żwieġ. Il-Qorti tirrileva illi l-unika prova tikkonsisti f’irċevuti li huma datati wara ż-żwieġ u għalhekk il-Qorti tista’ biss toqgħod fuq din l-evidenza. Dwar Dok. XA 21 li l-attur jgħid ġew imniżżla erronjament l-ammont ta’ 1180 bħala Ewro mhux Liri Maltin. Kif irrispondiet il-Perit Legali dan fil-fatt kien żball u kellhom ikunu Liri Maltin; madanakollu l-kalkolu aħħari jibqa’ l-istess għaliex fil-kalkolu l-Perit Legali fil-fatt ma qisithomx bħala Ewro iżda bħala Liri Maltin. Il-Qorti ma tistax taqbel ma dak li jgħid l-attur fil-mistoqsijiet in eskussjoni lill-Perit illi għandu jitqies li ċerta rċevuti li tħallsu qabel iż-żwieġ saru bi flus kontanti tiegħu għaliex ma nġabet l-ebda prova li dawn l-irċevuti tħallsu bi flus parafernali tiegħu.

b. <u>*L-għamara ta' ġod-dar matrimonjali*</u>

Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi l-għamara li dwarha hemm lista u stima f'fol. 851[266] għandha tinqasam bejn il-partijiet u jekk ma jkunx hemm qbil tinbiegħ skond din l-istima mal-proprjetà. Dan għaliex il-Qorti ma taqbilx mal-attur illi l-għamara xtraha kollha l-attur iżda kif jirriżulta mill-provi u spjegat iktar 'il fuq, uħud mill-irċevuti tħallsu waqt iż-żwieġ u oħrajn qabel iż-żwieġ anke minn kontijiet konġunti tal-partijiet.

Dwar l-għamara li tagħha l-konvenuta preżentat l-irċevuti a fol. 2385, li nxtrat wara it-18 ta' Ġunju 2014 meta l-Qorti ordnat il-waqfien tal-kommunjoni tal-akkwisti, il-Qorti taqbel ma' l-osservazzjoni tal-Perit Legali u tordna li din għandha tiġi assenjata lill-konvenuta.

Il-konvenuta iżda tippretendi li tiġi rifuża wkoll nofs l-ispejjeż li nefqet wara li fis-17 ta' Settembru 2020 inħarqitilha l-kċina wara *short circuit* fil-hood fejn l-għamara u l-appSSnces tal-kċina u s-sistema tad-dawl ġarrbu ħsarat estensivi. Il-Qorti hawn ma taqbilx mal-konklużjoni tal-Perit Legali. In *primis* għandu jingħad illi ż-żwieġ tfarrak minħabba tortijiet attribwiti liż-żewġ partijiet għalkemm il-Qorti attribwiet gran parti mit-tort lill-attur, madanakollu l-konvenuta kellha t-tortijiet tagħha li flimkien wasslu biex iż-żwieġ jitkisser u l-attur jitlaq mid-dar. Il-Qorti temmen li l-attur telaq mid-dar għaliex iż-żwieġ tkisser, u mhux it-tluq mid-dar kien *per se* il-kawża li tkisser iż-żwieġ. Il-konvenuta baqgħet fid-dar u għal dawn is-snin kollha gawdiet mid-dar mingħajr l-ebda kumpens għall-attur. Għalhekk issa m'għandux ukoll l-attur iħallas nofs l-ispejjeż ta' dan l-inċident għalkemm dan seħħ fid-dar li s-sidien tagħha għadhom iż-żewġ partijiet.

In vista li ma saret l-ebda talba formali sabiex il-konvenuta tibqa' tirrisjedi b'mod temporanju fid-dar matrimonjali u dan kif jeżiġi Artikolu 55A tal-Kap 16, il-Qorti tara li tenut kont tal-premess, id-dar matrimonjali in kwistjoni għandha titpoġġa immedjatament għall-bejgħ fis-suq miftuħ flimkien ma' dik l-għamara li dwarha l-partijiet ma jaqblux kif għandha tinqasam, bi prezz determinat minn Perit Dr. Robert Musumeci li qed jiġi

---

[266] Dok. GG7 ppreżentat mal-affidavit tal-attur waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2012.

maħtur għal dan l-iskop b'dan li kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviż tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi. Mir-rikavat għandhom jitnaqqsu s-segwenti krediti u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet:

> **Krediti favur il-konvenuta – €33,177.29** (kumpens għall-ispejjeż li hija ħarġet qabel iż-żwieġ)
> **Krediti favur l-attur – €49,227.91** (kumpens għall-ispejjeż li huwa ħareġ qabel iż-żwieġ) u **€50,000** (kumpens għax-xogħol li sar fil-fond matrimonjali)

*ċ. Il-garage biswit id-dar matrimonjali*

Ma tirriżultax kontestazzjoni dwar dan il-garaxx u għalhekk il-Qorti tordna illi dan jiġi stmat *stante* li l-aħħar stima għadda ħafna żmien minn fuqha u jista' jingħata valur ġust għaż-żmien tal-lum biss jekk terġa' ssir stima tal-proprjetà u għal dan l-iskop taħtar lill-Perit Dr. Robert Musumeci, sabiex jistma dan il-garaxx u tordna illi din il-proprjetà titpoġġa fuq is-suq għall-bejgħ u r-rikavat imbagħad jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

*d. Il-vetturi*

Jirriżulta mix-xhieda tar-rappreżentant tat-Transport Malta[267] li tul iż-żwieġ inxtraw il-vetturi li ġejjin:

- Il-vettura tal-marka *Toyota Ractis* fuq isem C B;
- Il-vettura tal-marka Isuzu Elf fuq isem A B;
- Il-vettura tal-marka Subaru Legacy fuq isem A B;
- Lista ta' vetturi li kienu intestati fuq isem A B iżda li m'għadhomx.

Il-Qorti ma tarax li tista' tasal għal valur u assenjazzjoni bi dritt ta' rivalsa ġusta tat-tali vetturi fin-nuqqas ta' stima tat-tali vettura. Kull ma nġabet prova kienet tal-prezz li biha nxtrat il-vettura Subaru Legacy. Il-Qorti hawn taqbel illi kull parti tiġi assenjata l-vettura intestata fuq isimha iżda ma taqbilx illi tista' tasal għal ammont ġust li parti għandha tagħti lill-oħra fuq tali assenjazzjoni.

[267] Seduta tal-15 ta' April 2013 a fol. 1276.

B'hekk fis-sitwazzjoni li tinsab fiha l-Qorti fejn hija tinsab sprovvista minn prova essenzjali sabiex tkun f'pożizzjoni li tikkwantifika dak il-kreditu a favur l-attriċi u l-konvenut rigward il-vetturi in kwistjoni il-Qorti hija prekluża milli tillikwida ammont *arbitrio boni viri*, *stante* li dan il-prinċipju ma jistgħax jiġi addottat fin-nuqqas assolut ta' xi prova rigward il-valur ta' l-istess u għalhekk kull parti għandha żżomm il-vetturi reġistrati fuq isimha mingħajr ma jitħallas ebda ammont bejn il-partijiet.

*e. Kontijiet Bankarji*

Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali u tagħmel tagħha l-istess konklużjonijiet, u *ċioé* li l-partijiet għandhom iżommu dawk il-kontijiet li huma ntestati fuq isimhom, u jekk jirriżultaw kontijiet konġunti dawn għandhom jingħalqu minnufih u l-ammonti jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Jekk jirriżultaw xi flejjes f'kontijiet intestati fuq isem it-tfal, l-ammonti f'tali kontijiet għandhom jiġu assenjati lil dak it-tifel li fuqu huwa intestat il-kont. Kontijiet abbinati mal-*credit cards* għandhom jiġu assenjati lill-parti li fuqhom huma intestati b'kull dejn li hemm fuqhom.

Jirriżulta li kien hemm diversi loans li ttieħdu miż-żewġ partijiet li tħallsu matul iż-żwieġ u qabel ma ġiet xolta l-komunjoni u għalhekk il-Qorti ma tarax illi għandha tieħu dawn il-loans in konsiderazzjoni. L-attur in eskussjoni jistaqsi dwar loan li jgħid li ħallas hu sas-sena 2015 għalkemm il-loan kienet fuq iż-żewġ partijiet. Jirriżulta minn Dok. RA14 illi l-kont indikat mill-attur u *ċioé* dak bin-numru 4001131540-1 tħallas fl-2005 u għalhekk il-partijiet kienu għadhom flimkien sew u għalhekk il-Qorti tastjeni milli tieħu xi deċiżjoni dwaru.

f. *Investimenti ma' Jesmond Mizzi Financial Advisors Ltd.*

Il-Qorti rat illi l-Perit Legali għamlet sinteżi tajba tal-mixja tal-investimenti li kellu fuq ismu l-attur fid-domanda li saritilha in eskussjoni a fol. 28. Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali u tagħmel tagħha l-istess konklużjonijiet. Ma jirriżulta minn l-ebda xhieda li dawn l-investimenti kienu parafernali tal-attur u jekk għas-saħħa tal-argument l-attur kellu xi flejjes parafernali

li huwa mbagħad investa fiż-żwieġ, dawn l-assi xorta bidlu n-natura tagħhom u għalhekk jagħmlu parti mill-komunjoni.

Għalhekk *stante* li, kif anke tixhed S PP in rappreżentanża ta' Jesmond Mizzi Financial Advisors Ltd,[268] l-ishma ġew trasferiti mingħand DBR Investments u kienu eżistenti qabel ġiet terminata l-komunjoni tal-akkwisti fit-18 ta' Gunju 2014, il-Qorti tordna illi dawn u *ċioé* l-ishma bl-isem '*Nokia OYJ FN*' u '*VeoSS Environment'* għandhom jiġu likwidati bil-valur tal-lum u jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti, filwaqt li l-Funds li l-attur għamel wara s-sena 2014 għandhom jiġu assentjati lilu. F'każ li jirrizulta li l-attur diġà llikwida l-imsemmija ishma li nofshom għandhom jiġu assenjati lill-konvenuta, huwa għandu jirrifondi lill-martu s-somma ta' €983.54 u *ċioé* nofs il-valur tal-istess ishma sal-21 ta' Ġunju 2021[269] jew somma oħra verjuri f'każ li s-somma li huwa rċieva għall-istess minn Jesmond Mizzi Financial Advisors Ltd hi akbar.

g. *<u>Kontijiet tad-dawl u l-ilma</u>*

Iż-żewġ partijiet għamlu numru ta' talbiet dwar il-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma u min-naħa tagħha l-konvenuta waslet f'punt fejn sostniet li jekk ma kienux ser jitħallsu l-kontijiet, l-awtorità kienet waslet biex tissospendi s-servizz.

L-attur telaq mid-dar fit-18 ta' Ġunju 2011 u sat-12 ta' Marzu 2014 il-kont kien ta' €7,000. Fost rikorsi u talbiet oħra l-Qorti ddeċidiet fil-5 ta' Ġunju 2014[270] li l-attur iħallas il-kont li kien hemm pendenti sal-aħħar ta' Settembru 2013 filwaqt li b'digiret tal-1 ta' Diċembru 2014[271] il-Qorti ordnat li l-konvenuta tħallas il-kontijiet minn meta l-attur telaq mid-dar. Il-partijiet it-tnejn ma għamlux dak ordnat lilhom. ARMS Ltd spiċċat li kellha tiftaħ proċeduri u għamlet anke sekwestru fuq l-ammont reklamat minnha.

Filwaqt li wara li l-attur telaq mid-dar matrimonjali, il-konvenuta u wliedha baqgħu jabitaw hemm, l-attur stess jixhed fis-seduta tat-12 ta' Marzu

[268] Seduta tal-21 ta' Ġunju 2021 a fol. 2142.
[269] Kif jirrizulta minn fol. 2150 tal-process.
[270] Fol. 248.
[271] Fol. 371.

2014 a fol. 16 tal-proċess bin-numru 373/11/2 illi huwa ħalla l-vann tax-xogħol ġol-garaxx ta' mad-dar u kien jiċċarġjah hemm u dan sa Awwissu-Settembru 2013. Il-kontijiet ovvjament baqgħu telgħin sakemm l-kawża intavolata mill-ARMS ġiet deċiża u effettivament sar il-ħlas kif tispjega tajjeb il-Perit Legali. Jirriżulta mill-atti illi l-attur ħallas is-somom ta' €11,700 u s-somma ulterjuri ta' €996.20. Dawn l-ammonti telgħu drastikament mill-ammont inizjali wara pika kbira bejn il-partijiet u l-Qorti tħoss li ta' dan għandhom iħallsu ż-żewġ partijiet.

Għaldaqstant il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali u tordna illi l-konvenuta tirrifondi lill-attur is-somma ta' €5,696.20.

Magħdud mal-premess, mill-atti ma ġiex ippruvat illi kien hemm xi assi parafernali li kellhom jiġu restitwiti lil xi waħda jew lill-partijiet.

**DEĊIDE**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta sa fejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u filwaqt li tilqa' t-talba tiegħu biex din l-ewwel talba kif dedotta fir-rikors promotur tiegħu tiġi konvertita f'waħda ta' divorzju, tippronunzja l-ħall taż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet fil-15 ta' Settembru 2001 u dan għal raġunijiet attribwibbli liż-żewġ partijiet f'ishma kif provdut iktar 'il fuq f'din is-sentenza u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

2. Tiċħad it-tielet talba *stante* li ġie deċiż illi l-attur iddekada mid-dritt li jitlob manteniment mingħand martu l-konvenuta;

3. Tilqa' r-raba' talba u filwaqt li tirrileva illi t-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ġja ġiet deċiża b'effett tas-Sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2014, tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-paritjiet, b'dana illi d-diviżjoni

u l-assenjazzjoni għandha tkun skond il-provediment tas-seba' (7) taqsima ta' din is-sentenza, u ċioé ***It-Terminazzjoni, ix-Xoljiment, il-Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali***, filwaqt li tinnomina lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex jippublika l-att relattiv għal bejgħ tad-dar matrimonjali, kif ukoll lil Dr. Simon RR Stafrace u l-Prokuratur legali Jean Pierre Busuttil bħala Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq il-kuntratt;

4. Tiddeċiedi dwar il-ħames talba skont il-provvediment tar-raba (4) taqsima ta' din is-Sentenza u *ċioé* ***Dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap16;***

5. Fir-rigward tas-sitt talba dwar l-ispejjeż, dawn għandhom jitħallsu in kwantu ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) mill-attur u kwart (25%) mill-konvenuta. Fejn il-Qorti ħatret perit tekniku f'din is-sentenza l-ispejjeż tiegħu jitħallsu proviżorjament mill-attur bid-dritt ta' rivalsa għall-porzjoni ta' kwart (25%) mill-konvenuta.